Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 267/2012

tat-23 ta' Marzu 2012

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010

(ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 350/2012 tat-23 ta' April 2012	L 110	17	24.4.2012
►M2	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 708/2012 tat-2 ta' Awwissu 2012	L 208	1	3.8.2012
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 709/2012 tat-2 ta' Awwissu 2012	L 208	2	3.8.2012
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012 tal-15 ta' Ottubru 2012	L 282	16	16.10.2012
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1016/2012 tas-6 ta' Novembru 2012	L 307	5	7.11.2012
►M6	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1067/2012 tal-14 ta' Novembru 2012	L 318	1	15.11.2012
►M7	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012	L 356	34	22.12.2012
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012	L 356	55	22.12.2012
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 522/2013 tas-6 ta' Ġunju 2013	L 156	3	8.6.2013
►M10	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►M11	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 971/2013 tal-10 ta' Ottubru 2013	L 272	1	12.10.2013
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1154/2013 tal-15 ta' Novembru 2013	L 306	3	16.11.2013
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013 tas-26 ta' Novembru 2013	L 316	1	27.11.2013
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1361/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 343	7	19.12.2013
►M15	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 42/2014 tal-20 ta' Jannar 2014	L 15	18	20.1.2014
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 397/2014 tas-16 ta' April 2014	L 119	1	23.4.2014
►M17	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2014 tas-7 ta' Novembru 2014	L 325	3	8.11.2014

►**M18**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/229 tat-12 ta' Frar 2015	L 39	1	14.2.2015
►**M19**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/230 tat-12 ta' Frar 2015	L 39	3	14.2.2015
►**M20**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/549 tas-7 ta' April 2015	L 92	12	8.4.2015

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 332, 4.12.2012, p. 31 (267/2012)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 41, 12.2.2013, p. 14 (709/2012)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 268, 10.10.2013, p. 18 (1264/2012)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 93, 28.3.2014, p. 85 (267/2012)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 267/2012

tat-23 ta' Marzu 2012

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2012/35/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 ([2]), sabiex tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK ([3]).

(2) Fit-23 ta' Jannar 2012, il-Kunsill approva d-Deċiżjoni 2012/35/PESK li tipprovdi miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran ("Iran") kif mitlub mill-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011.

(3) Dawk il-miżuri restrittivi jinkludu, b'mod partikolari, restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-kummerċ ta' merkanzija u teknoloġiji b'użu doppju, kif ukoll fuq tagħmir u teknoloġija ewlenin li jistgħu jintużaw fl-industrija pertokimika, projbizzjoni fuq l-importazzjoni taż-żejt mhux maħdum Iranjan, prodotti petroliferi u prodotti petrokimiċi, kif ukoll projbizzjoni tal-investiment fl-industrija petrokimika. Barra minn hekk, il-kummerċ fid-deheb, tal-metalli prezzjużi u tad-djamanti mal-Gvern tal-Iran, kif ukoll il-konsenja ta' flus tal-karti u tal-munita stampati ġodda lil jew għall-benefiċċju tal-Bank Ċentrali tal-Iran, għandhom jiġu pprojbiti.

(4) Saru meħtieġa wkoll ċerti emendi tekniċi lil miżuri eżistenti. B'mod partikolari, id-definizzjoni tas-"servizzi ta' senserija" għandha tiġi ċċarata. Fil-każijiet fejn ix-xiri, bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' merkanzija u teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi tista' tiġi awtorizzata minn awtorità kompetenti, l-awtorizzazzjoni separata tas-servizzi relatati ta' senserija ma tkunx meħtieġa.

([1]) ĠU L 19, 24.1.2012, p. 23.
([2]) ĠU L 281, 27.10.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

▼B

(5) Id-definizjoni tat-"trasferimenti ta' fondi" għandha titwessa' għal trasferimenti mhux elettroniċi biex jagħmlu tajjeb għat-tentattivi li jiġu evitati l-miżuri restrittivi.

(6) Il-miżuri restrittivi riveduti li jikkonċernaw il-merkanzija b'użu doppju għandhom ikopru l-merkanzija u t-teknoloġija kollha li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju ([1]), bl-eċċezzjoni ta' ċerti oġġetti fil-Parti 2 tal-Kategorija 5 tiegħu minħabba l-użu tagħhom fis-servizzi ta' komunikazzjoni pubblika fl-Iran. Madankollu, il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għall-bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' merkanzija u teknoloġija li tkun għadha kemm ġiet elenkata fl-Anness I jew II ta' dan ir-Regolament li għalihom tkun diġà ngħatat awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 961/2010 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn l-Iran ta' ċertu tagħmir jew teknoloġija ewlenin li jistgħu jintużaw fis-setturi ewlenin tal-industriji taż-żejt, tal-gass naturali u petrokimiċi għandhom jiġu pprovduti listi ta' tali tagħmir u teknoloġija ewlenin.

(8) Għall-istess raġuni, għandhom jiġu pprovduti wkoll il-listi ta' oġġetti suġġetti għar-restrizzjonijiet tal-kummerċ fuq iż-żejt mhux maħdum u l-prodotti petroliferi, id-deheb, il-metalli prezzjużi u d-djamanti.

(9) Barra minn hekk, sabiex ikunu effettivi, ir-restrizzjonijiet fuq l-investiment fis-settur Iranjan taż-żejt u l-gass għandhom ikopru ċerti attivitajiet ewlenin, bħal servizzi ta' trasmissjoni tal-gass bi kwantitajiet kbar għall-iskop ta' transitu jew twassil lejn sistemi ta' distribuzzjoni interkonnessi direttament u, għall-istess raġuni, għandhom japplikaw għal impriżi konġunti kif ukoll għal forom oħrajn ta' assoċjazzjonijiet u kooperazzjoni mal-Iran fis-settur tat-trasmissjoni tal-gass naturali.

(10) Restrizzjonijiet effettivi fuq investiment Iranjan fl-Unjoni jeħtieġu li jittieħdu miżuri sabiex il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri jkunu pprojbiti milli jagħmlu possibbli jew jawtorizzaw dan l-investiment.

(11) Id-Deċiżjoni 2012/35/PESK testendi wkoll l-iffriżar tal-assi lil persuni, entitajiet jew korpi addizzjonali li jipprovdu sostenn lill-Gvern tal-Iran, inkluż appoġġ finanzjarju, loġistiku u materjali, jew dawk assoċjati magħhom. Id-Deċiżjoni testendi wkoll il-miżuri restrittivi lil membri oħrajn ►C1 tal-Korp tal-Gwardja Rivoluzzjonarja Iranjana ◄ (IRGC).

([1]) ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

▼B

(12) Id-Deċiżjoni 2012/35/PESK tipprovdi wkoll għall-iffriżar tal-assi tal-Bank Ċentrali tal-Iran. Madankollu, b'kont meħud tal-involviment possibbli tal-Bank Ċentrali tal-Iran fl-iffinanzjar tal-kummerċ barrani, huma meqjusin neċessarji derogi billi din il-miżura finanzjarja mmirata ma għandhiex tipprevjeni operazzjonijiet kummerċjali, inklużi kuntratti relatati mal-ikel, mal-kura tas-saħħa, ma' tagħmir mediku jew għal skopijiet umanitarji b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. L-eżenzjonijiet fl-Artikoli 12 u 14 ta' dan ir-Regolament dwar kuntratti għall-importazzjoni, xiri jew trasport ta' żejt mhux maħdum, prodotti petroliferi u prodotti petrokimiċi Iranjani konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 japplikaw ukoll għal kuntratti anċillari, inklużi kuntratti ta' trasport, assigurazzjoni jew ispezzjonijiet li jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti. Barra minn hekk, iż-żejt mhux maħdum, prodotti petroliferi u prodotti petrokimiċi Iranjani li jkunu legalment importati fi Stat Membru b'konformità mal-Artikoli 12 u 14 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu kkunsidrati bħala li jinsabu f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

(13) Huwa projbit, f'konformità mal-obbligu tal-iffriżar tal-assi tal-Islamic Republic of Iran Shipping Line (IRISL) u ta' entitajiet li huma proprjetà jew ikkontrollati mill-IRISL li jgħabbu u jħottu tagħbijiet fuq jew minn bastimenti li huma l-proprjetà tal-IRISL jew mikrija minnu jew minn tali entitajiet f'portijiet tal-Istati Membri. Barra minn hekk, it-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà tal-bastimenti li huma proprjetà, ikkontrollati jew mikrija mill-kumpaniji tal-IRISL lil entitajiet oħrajn għandhom jiġu pprojbiti wkoll skont l-iffriżar tal-assi tal-IRISL. Madankollu, l-obbligu tal-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-IRISL u ta' entitajiet li huma proprjetà jew ikkontrollati mill-IRISL ma jirrikjedix il-qbid jew iż-żamma ta' bastimenti li huma proprjetà ta' tali entitajiet jew il-merkanzija li tinġarr minnhom dment li tali merkanzija tkun proprjetà ta' partijiet terzi, u lanqas ma jirrikjedi ż-żamma tal-ekwipaġġ ikkuntrattat minnhom.

(14) Meta jitqiesu t-tentattivi tal-Iran biex jevitaw is-sanzjonijiet, għandu jiġi ċċarat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma proprejetà, miżmuma jew ikkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi I jew II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandhom jiġu ffriżati bla dewmien, inklużi dawk ta' entitajiet suċċessuri stabbiliti biex jevitaw il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(15) Għandu jiġi ċċarat wkoll li l-fatt li jiġu ppreżentati u li jintbagħtu d-dokumenti neċessarji lil xi bank għall-fini tat-trasferiment finali tagħhom lil xi persuna, entità jew korp li mhumiex elenkati, sabiex isiru ħlasijiet li jkunu permessi skont dan ir-Regolament, ma jikkostitwixxix it-tqegħid tal-fondi għad-dispożizzjoni fis-sens ta' dan ir-Regolament,

(16) Għandu jiġi ċċarat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jiġu rilaxxati għal finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunità skont il-liġi internazzjonali, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(17) L-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji mmirati minn dawk li jipprovdu s-servizzi ta' messaġġerija finanzjarja għandha tiġi aktar żviluppata, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

▼B

Għandu jiġi ċċarat li l-assi tal-persuni, entitajiet jew korpi li mhumiex indikati miżmuma f'istituzzjonijiet indikati tal-kreditu u finanzjarji ma għandhomx jibqgħu ffriżati fl-applikazzjoni tal-miżuri finanzjarji mmirati u għandhom jistgħu jiġu rilaxxati skont il-kondizzjonijiet pprevisti f'dan ir-Regolament.

Meta jitqiesu t-tentattivi tal-Iran li jużaw is-sistema finanzjarja għall-finijiet li jevitaw is-sanzjonijiet, huwa meħtieġ li tkun mitluba viġilanza msaħħa fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-istituzzjonijiet tal-Iran tal-kreditu u finanzjarji sabiex jipprevjenu l-evitar ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iffriżar tal-assi tal-Bank Ċentrali tal-Iran. Dawn ir-rekwiżiti għal viġilanza msaħħa għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom ikunu kumplimentari għal obbligi eżistenti li joħorġu mir-Regolament (KE) 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ([1]) u mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ([2]).

(18) Ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontrolli tat-trasferimenti ta' fondi għandhom jiġu riveduti sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet u mill-operaturi kompetenti biex jipprevjenu l-evitar tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iffriżar tal-assi tal-Bank Ċentrali tal-Iran.

(19) Barra minn hekk, ir-restrizzjonijiet dwar l-assigurazzjoni għandhom jiġu aġġustati, b'mod partikolari biex jiġi ċċarat li l-assigurazzjoni tal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari fl-Unjoni tkun permessa, u biex jippermettu li tiġi pprovduta assigurazzjoni ta' responsabbiltà lejn parti terza jew assigurazzjoni ta' responsabbiltà ambjentali.

(20) Barra minn hekk, ir-rekwiżit li tiġi ppreżentata informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq għandu jiġi aġġornat, ladarba dan l-obbligu sar ġeneralment applikabbli għall-merkanziji kollha li jidħlu fi jew joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni wara l-implimentazzjoni sħiħa mill-1 ta' Jannar 2012 tal-miżuri ta' sigurtà tad-dwana stipulati fid-dispożizzjonijiet relevanti li jirrigwardaw id-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u tal-ħruġ fir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([3]) u fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ([4]).

(21) Għandhom isiru wkoll aġġustamenti għad-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-provvediment ta' servizzi ta' bunkering u ta' forniment lill-bastimenti, tar-responsabbiltà tal-operaturi u tal-projbizzjoni tal-evitar tal-miżuri restrittivi relevanti.

(22) Il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tiġi riveduta sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
([3]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1
([4]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

(23) Meta jitqiesu dawn il-miri, il-projbizzjoni fuq it-tagħmir ta' ripressjoni interna għandha tkun skont ir-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ([1]), minflok skont dan ir-Regolament.

(24) Għall-fini taċ-ċarezza, ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 għandu jiġi rrevokat u mibdul b'dan ir-Regolament.

(25) Il-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, l-leġislazzjoni fil-livell tal-Unjoni hija għalhekk meħtieġa sabiex jiġu implimentati, partikolarment bil-ħsieb li tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(26) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għal proprjetà u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u prinċipji.

(27) Dan ir-Regolament jirrispetta wkoll l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura legalment vinkolanti tar-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼C4

(27a) Is-setgħa li temenda l-listi fl-Annessi VIII u IX għal dan ir-Regolament għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill, fid-dawl tat-theddida speċifika għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali imposta mill-programm nukleari tal-Iran, u sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-proċess għall-emendar u r-rieżami tal-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

▼B

(28) Il-proċedura għan-nomina ta' persuni soġġetti għal miżuri ta' ffriżar skont dan ir-Regolament għandha tinkludi l-għoti tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi indikati, sabiex jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati kif meħtieġ.

(29) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tinħoloq ċertezza legali massima fi ħdan l-Unjoni, l-ismijiet u data relevanti oħra dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom jiġu ffriżati skont ir-Regolament, għandhom jiġu ppubblikati. Kwalunkwe proċessar ta' data personali ta' persuni fiżiċi skont dan ir-Regolament għandu jkun f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data ([2]) u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([3]).

([1]) ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

▼B

(30) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri pprevisti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fergħa" ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu tfisser post ta' negozju li jifforma parti legalment dipendenti minn istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu u li jwettaq b'mod dirett it-tranżazzjonijiet kollha, jew parti minnhom, inerenti fin-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji;

(b) "servizzi ta" senserija' tfisser:

(i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, bejgħ jew provvista ta' merkanzija u teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inklużi dawk minn pajjiż terz lil kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew

(ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija u teknoloġija, jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inklużi fejn jinsabu f'pajjiżi terzi għat-trasferiment tagħhom għal pajjiż terz ieħor;

(c) "pretensjoni" tfisser kull talba, sew asserita bi proċeduri legali jew le, magħmula qabel jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, taħt jew b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:

(i) talba għal twettiq ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta skont kuntratt jew tranżazzjoni jew b'rabta magħhom;

(ii) talba għall-estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija finanzjarja jew indennizz ta' kwalunkwe forma;

(iii) talba għal kumpens rigward kuntratt jew tranżazzjoni;

(iv) kontrotalba;

(v) talba għall-għarfien jew infurzar, inkluż bil-proċedura ta' eżekutur, ta' sentenza, deċiżjoni bl-arbitraġġ jew deċiżjoni ekwivalenti, magħmula jew deċiża fejn ikun;

(d) "kuntratt jew tranżazzjoni" tfisser kwalunkwe tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan l-iskop "kuntratt" jinkludi bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, u kreditu, sew jekk legalment indipendenti jew mhux, kif ukoll kwalunkwe provvediment relatat li joriġina mit-tranżazzjoni jew ikun marbut miegħu;

▼B

(e) “awtoritajiet kompetenti” tirreferi għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness X;

(f) “istituzzjoni ta' kreditu” tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif imfissra fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu ([1]), inklużi l-fergħat fl-Unjoni u 'l barra minnha;

(g) “territorju doganali” tal-Unjoni tfisser it-territorju kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]) u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([3]);

(h) “riżorsi ekonomiċi” tfisser assi ta’ kull tip, kemm jekk tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi, iżda li jistgħu jintużaw għall-kisba ta’ fondi, merkanzija jew servizzi;

(i) “istituzzjoni finanzjarja” tfisser

(i) intrapriża, għajr istituzzjoni ta' kreditu, li mill-anqas operazzjoni waħda minn dawk inklużi fil-punti 2 sa 12 u punti 14 u 15 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/48/KE, inklużi l-attivitajiet ta' uffiċji ta' kambju tal-munita (*bureaux de change*);

(ii) kumpanija tal-assigurazzjoni kif awtorizzata skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([4]), sakemm din twettaq l-attivitajiet koperti b’din id-Direttiva;

(iii) ditta tal-investimenti kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ([5]);

(iv) intrapriża ta' investiment kollettiv li tikkumerċjalizza l-unitajiet u l-ishma tagħha; jew

(v) intermedjarja tal-assigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni ([6]), għajr l-intermedjarji msemmija fl-Artikolu 2(7) ta' dik id-Direttiva, meta jaġixxu fir-rigward tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi oħrajn relatati mal-investiment;

inklużi l-fergħat tagħha fl-Unjoni u 'l barra minnha;

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
([3]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
([4]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.
([5]) ĠU 145, 30.4.2004, p. 1.
([6]) ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.

▼B

(j) “iffriżar ta’ riżorsi ekonomiċi” tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta’ riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta’ fondi, merkanzija jew servizzi bi kwalunkwe mod, inkluż, iżda mhux limitat għal, bejgħ, kiri jew l-użu tagħhom bħala garanzija;

(k) “iffriżar ta' fondi” tfisser il-prevenzjoni ta’ kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', jew negozjar ta' fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-post, id-dritt ta’ proprjetà, il-pussess, in-natura, id-destinazzjoni tagħhom jew bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġjar ta' portafolli;

(l) “fondi” tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta’ kull xorta, li jinkludu, iżda mhux limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma’ istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi l-ħażniet u l-ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, garanziji, ċedoli ta’ obbligazzjoni u kuntratti tad-derivattivi;

(iv) imgħax, dividends jew introjtu ieħor fuq jew valur dovut minn jew iġġenerat minn assi;

(v) kreditu, dritt ta’ tpaċija, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ; kif ukoll

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta’ interess f’fondi jew riżorsi finanzjarji;

(m) “merkanzija” tinkludi oġġetti, materjali u tagħmir;

(n) “assigurazzjoni” tfisser intrapriża jew impenn fejn persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar ikunu obbligati, bi ħlas, li jipprovdu lil persuna waħda oħra jew aktar, fil-każ ta’ materjalizzazzjoni ta’ riskju, b’indennizz jew benefiċċju kif determinat mill-intrapriża jew l-impenn;

(o) “persuna, entità jew korp Iranjani” tfisser:

(i) l-Istat tal-Iran jew kwalunkwe awtorità pubblika tiegħu;

(ii) kwalunkwe persuna fiżika fi, jew residenti fl-Iran;

▼B

(iii) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp bl-uffiċċju rreġistrat fl-Iran;

(iv) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, fl-Iran jew barra minnu, proprjetà ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn wieħed jew aktar mill-persuni jew korpi msemmija hawn fuq;

(p) “riassigurazzjoni” tfisser l-attività li tikkonsisti fl-aċċettar ta’ riskji ċeduti minn assoċjazzjoni ta’ sottoskritturi tal-assigurazzjoni magħrufa bħala Lloyd’s, l-attività li tikkonsisti fl-aċċettar ta’ riskji ċeduti minn xi membru tal-Lloyd’s, minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għajr l-assoċjazzjoni ta’ sottoskritturi magħrufa bħala Lloyd’s;

(q) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġie stabbilit skont il-paragrafu 18 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (“UNSCR”) 1737 (2006);

(r) “assistenza teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma’ tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista’ tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta’ għarfien operazzjonali jew ħiliet jew servizzi ta’ konsulenza; inklużi forom verbali ta’ għajnuna;

(s) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom;

(t) “trasferiment ta' fondi” tfisser:

(i) kwalunkwe tranżazzjoni magħmula f'isem pagatur permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament, b'mezzi elettroniċi, bil-ħsieb li jqiegħed fondi għad-dispożizzjoni ta' riċevitur għand fornitur ta' servizzi ta' pagament, irrispettivament jekk il-pagatur u r-riċevitur ikunux l-istess persuna. It-termini min iħallas, min jitħallas u l-fornitur tas-servizz ta' ħlas għandhom l-istess tifsira skont ir-Regolament 2007/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern ([1]);

(ii) kwalunkwe tranżazzjoni b'mezzi mhux elettroniċi bħal flus kontanti, ċekkijiet jew ordnijiet ta' kontabbiltà, bil-ħsieb li fondi jsiru disponibbli lil min jitħallas irrispettivament minn jekk dak li jħallas u dak li jitħallas ikunux l-istess persuna.

KAPITOLU II

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI U L-IMPORTAZZJONI

Artikolu 2

1. Għandhom jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, dirett jew indirett, tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Annessi I jew II, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għal użu fl-Iran.

([1]) ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

▼M7

2. L-Anness I għandu jinkludi oġġetti u teknoloġija, inkluż softwer, li huma oġġetti jew teknoloġija b'użu doppju kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 428/2009, għajr għal ċerti oġġetti u teknoloġija kif speċifikati fil-parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2a. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, fi żmien erba' ġimgħat, dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 426/2009, fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija kif speċifikat fil-parti A tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

▼B

3. L-Anness II jinkludi oġġetti u teknoloġija oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati mal-ilma tqil tal-Iran, għall-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari, jew għat-twettiq ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħrajn li dwarhom l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti, inklużi dawk determinati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat ta' Sanzjonijiet.

4. L-Annessi I, II u III ma jinkludux oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea [1] ("il-Lista Militari Komuni").

Artikolu 3

1. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness III, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni u kemm jekk le, lil persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran, jirrekjedi awtorizzazzjoni minn qabel.

2. Għall-esportazzjonijiet kollha li jeħtieġu awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu, din l-awtorizzazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-esportatur u għandha tkun f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 428/2009. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

3. L-Anness III għandu jinkludi kwalunkwe oġġett u teknoloġija, għajr dawk inklużi fl-Annessi I u II, li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid jew relatati mal-ilma tqil, għall-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari, jew għat-twettiq ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

4. L-esportaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni tal-oġġetti jew it-teknoloġija inklużi fl-Anness III, jekk huma jkollhom raġunijiet ġustifikati biex jiddeterminaw li l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija jkunu u jistgħu jkunu maħsubin għall-użu marbut ma' xi waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet tal-Iran relatati mal-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati mal-ilma tqil;

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari; jew

[1] ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

▼B

(c) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħrajn li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

6. Bil-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni li huma jkunu diġà taw.

7. Meta awtorità kompetenti tiċħad li tagħti awtorizzazzjoni, jew tannulla, tissospendi, tillimita sostanzjalment jew tirrevoka awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 5 jew 6, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar dan u tikkondividi l-informazzjoni relevanti magħhom, fil-waqt li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli ([1]).

8. Qabel ma Stat Membri jagħti awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 5 għal tranżazzjoni li hija essenzjalment identika għal tranżazzjoni li hija s-soġġett ta' ċaħda li tkun għadha valida maħruġa minn Stat Membru ieħor jew minn Stati Membri oħra taħt il-paragrafi 6 u 7, għandu l-ewwel nett jikkonsulta lill-Istat jew Stati Membri li jkunu ħarġu ċ-ċaħda. Jekk, wara dawn il-konsultazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jagħti l-awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'dan, fil-waqt li jipprovdi l-informazzjoni relevanti kollha biex jispjega d-deċiżjoni.

Artikolu 4

Għandhom jiġu pprojbiti x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport mill-Iran, direttament jew indirettament, ta' oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Anness I u II kemm jekk l-oġġett ikkonċernat joriġina mill-Iran u kemm jekk le.

Artikolu 5

1. Huma pprojbiti:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni, jew relatata mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Annessi I jew II, jew relatati mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Annessi I jew II, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran; kif ukoll

(c) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Annessi I jew II, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kwalunkwe provvista ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran.

([1]) ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1.

▼B

2. L-għoti ta' dawn li ġejjin għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti kkonċernata:

(a) assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Anness III u għall-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Anness III, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għal kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran.

3. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jekk huma jkollhom raġunijiet ġustifikati biex jiddeterminaw li l-azzjoni hija jew tista' tkun maħsuba sabiex tikkontribwixxi għal waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet tal-Iran relatati mal-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati mal-ilma tqil;

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari; jew

(c) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħrajn li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

Artikolu 6

L-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 5(1) ma għandux jgħodd:.

(a) għat-trasferiment dirett jew indirett ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-Parti B tal-Anness I, permezz tat-territorji tal-Istati Membri meta dawk l-oġġetti jinbiegħu, jkunu pprovduti, ittrasferiti jew esportati lejn, jew għall-użu fl-Iran għal reattur ta' ilma ħafif fl-Iran li beda jinbena qabel Diċembru 2006;

(b) għat-tranżazzjonijiet li l-mandat tagħhom ingħata mill-programm ta' kooperazzjoni teknika tal-IAEA;

(c) għall-oġġetti pprovduti jew ittrasferiti lejn jew għall-użu fl-Iran, minħabba l-obbligi tal-Istati Partijiet skont il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom tat-13 ta' Jannar 1993; jew

▼M7

(d) l-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' kuntratti konklużi qabel 22 ta' Diċembru 2012 għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija kif speċifikat fil-Parti C tal-Anness I ta' dan ir-Regolament jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti;

(e) l-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' kuntratti konklużi qabel 22 ta' Diċembru 2012 għall-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' oġġetti u teknoloġija kif speċifikat fil-Parti C tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(b) tar-Regolament (UE) Nru 359/2011, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu, skont tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni għal tranżazzjoni fir-rigward tal-oġġetti u tat-teknoliġija msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament jew tal-assistenza jew tas-servizzi ta' senserija msemmija fl-Artikolu 5(1), sakemm:

(a) l-oġġetti u t-teknoloġija, l-assistenza jew is-servizzi ta' senserija jkunu għall-ikel, għall-agrikoltura, għal finijiet mediċi jew umanitarji oħrajn, u

(b) f'dawk il-każijiet fejn it-tranżazzjoni tikkonċerna oġġetti u teknoloġija li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Forniturі Nukleari u r-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija Missilistika, il-Kumitat ta' Sanzjonijiet iddetermina bil-quddiem u fuq bażi ta' każ b'każ li b'mod ċar it-tranżazzjoni ma tikkontribwixxix għall-iżvilupp ta' teknoloġiji b'appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran fir-rigward tal-proliferazzjoni, jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' żvilupp ta' armi nukleari.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, fi żmien erba' ġimgħat, bl-awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼M7

Artikolu 8

1. Għandhom jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew ta' teknoloġija elenkati fl-Annessi VI u VIA, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

2. L-Annessi VI u VIA għandhom jinkludu tagħmir u teknoloġija ewlenin għas-setturi ewlenin li ġejjin tal-industrija taż-żejt u l-gass fl-Iran:

(a) l-esplorazzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali;

(b) il-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali;

(c) ir-raffinar;

(d) il-likwefazzjoni tal-gass naturali.

3. L-Annessi VI u VIA għandhom jinkludu wkoll tagħmir u teknoloġija ewlenin għall-industrija petrokimika fl-Iran.

4. L-Annessi VI u VIA ma għandhomx jinkludu elementi inklużi fil-Lista Militari Komuni, jew fl-Anness I, II jew III.

Artikolu 9

1. Huwa pprojbit:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija relatati mat-tagħmir u t-teknoloġija ewlenin elenkati fl-Anness VI u VIA, jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Anness VI jew VIA, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran;

▼M7

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja relatati mat-tagħmir u t-teknoloġija ewlenin elenkati fl-Anness VI u VIA, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

Artikolu 10

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 8 u 9 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) l-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' tranżazzjonijiet meħtieġa minn kuntratt kummerċjali fir-rigward ta' tagħmir jew teknoloġija ewlenin fl-esplorazzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali, tal-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali, tar-raffinar, tal-likwefazzjoni tal-gass naturali kif elenkati fl-Anness VI konklużi qabel is-27 ta' Ottubru 2010, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti, jew minn kuntratt jew ftehim konklużi qabel is-26 ta' Lulju 2010 u li jkunu relatati ma' investiment fl-Iran li jkun sar qabel is-26 ta' Lulju 2010, u lanqas ma għandhom iwaqqfu l-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżultaw minn dawn;

(b) l-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' tranżazzjonijiet meħtieġa minn kuntratt kummerċjali rigward tagħmir u teknoloġija ewlenin għall-industrija petrokimika kif elenkati fl-Anness VI konklużż qabel l-24 ta' Marzu 2012, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti, jew minn kuntratt jew ftehim konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 u li jkunu relatati ma' investiment fl-Iran li jkun sar qabel it-23 ta' Jannar 2012, u lanqas ma għandhom jimpedixxu l-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn dawn;

(c) l-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' tranżazzjonijiet meħtieġa minn kuntratt kummerċjali fir-rigward ta' tagħmir jew teknoloġija ewlenin fl-esplorazzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali, il-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali, ir-raffinar u l-likwefazzjoni tal-gass naturali u għall-industrija petrokimika kif elenkati fl-Anness VIA konklużż qabel is-16 ta' Ottubru 2012 u relatati ma' investiment fl-Iran fl-esplorazzjon taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, il-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, u r-raffinar, il-likwefazzjoni ta' gass naturali magħmula qabel is-26 ta' Lulju 2010, jew relatati ma' investiment fl-Iran fl-industrija petrokimika li jkun sar qabel it-23 ta' Jannar 2012, u lanqas ma għandhom jimpedixxu l-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirrizultaw minn dawn; jew

(d) l-għoti ta' assistenza teknika maħsuba unikament għall-installazzjoni ta' tagħmir jew teknoloġija fornuti skont il-punti (a), (b) u (c),

bil-kundizzjoni li l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jkunu qegħdin ifittxu li jidħlu f'dawn it-tranżazzjonijiet, jew li jipprovdu assistenza għal dawn it-tranżazzjonijiet, ikunu nnotifikaw it-tranżazzjoni jew l-assistenza, mill-inqas 20 jum ta' xogħol qabel, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 8 u 9 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratti msemmija fl-Artikolu 12(1)(b) u 14(1)(b), sakemm dawk l-obbligi jirriżultaw minn kuntratti ta' servizz jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni tagħhom u sakemm l-eżekuzzjoni ta' dawk l-obbligi tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti kkonċernata u l-Istat Membru kkonċernat ikun informa lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li tagħti awtorizzazzjoni.

▼M7

Artikolu 10a

1. Għandhom jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew ta' teknoloġija navali ewlenin elenkati fl-Anness VIB, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

2. L-Anness VIB għandu jinkludi tagħmir jew teknoloġija navali ewlenin għall-bini, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-bastimenti, inkluż tagħmir jew teknoloġija użati fil-kostruzzjoni ta' tankers taż-żejt.

Artikolu 10b

1. Huwa pprojbit:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija relatati mat-tagħmir u t-teknoloġija ewlenin elenkati fl-Anness VIB, jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Anness VIB, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja relatati mat-tagħmir u t-teknoloġija ewlenin elenkati fl-Anness VIB, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

Artikolu 10c

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 10a u 10b għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-forniment ta' tagħmir u ta' teknoloġija navali ewlenin għal bastiment li ma jkunx proprjetà ta' persuna, entità jew korp Iranjani, jew ikkontrollat minn dawn, u li jkun ġie mġiegħel jidħol f'port fl-Iran, jew f'ilmijiet territorjali Iranjani, minħabba force majeure.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 10a u 10b ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Frar 2013, ta' kuntratti konklużi qabel 22 ta' Diċembru 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Artikolu 10d

1. Għandhom jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' softwer kif elenkat fl-Anness VIIA, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

2. L-Anness VIIA għandu jinkludi softwer għall-integrazzjoni ta' proċessi industrijali li huwa rilevanti għal industriji kkontrollati direttament jew indirettament mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika jew li huwa rilevanti għall-programm nukleari, militari jew tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Artikolu 10e

1. Huwa pprojbit:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija relatati ma' softwer elenkat fl-Anness VIIA, jew relatat mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Anness VIIA, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran;

▼M7

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja relatati mas-softwer elenkat fl-Anness VIIA, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

Artikolu 10f

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 10d u 10e ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Jannar 2013, ta' kuntratti konklużi qabel 22 ta' Diċembru 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼B

Artikolu 11

1. Huma pprojbiti:

(a) l-importazzjoni ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petroliferi lejn l-Unjoni jekk:

(i) joriġinaw fl-Iran; jew

(ii) ikunu ġew esportati mill-Iran;

(b) ix-xiri ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petroliferi li jinsabu fl-Iran jew li joriġinaw fih;

(c) it-trasport taż-żejt mhux maħdum jew tal-prodotti petroliferi jekk dawn ikunu joriġinaw mill-Iran, jew ikunu qed jiġu esportati mill-Iran lejn kwalunkwe pajjiż ieħor; kif ukoll

(d) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni, xiri jew trasport ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi ta' oriġini Iranjana jew li ġew importati mill-Iran.

2. Żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi ifissru l-prodotti elenkati fl-Anness IV.

▼M15

3. L-applikazzjoni tal-projbizzjoni stipulata fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tiġi sospiża fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XI.

4. L-applikazzjoni tal-projbizzjoni stipulata fil-punt (d) tal-paragrafu 1għandha tiġi sospiża sa fejn jikkonċerna l-provvediment ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni relatati mal-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport tal-prodotti elenkati fl-Anness XI.

▼B

Artikolu 12

▼M7

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 11 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) l-eżekuzzjoni sal-1 ta' Lulju 2012, ta' kuntratti kummerċjali konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti;

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012, jew ta' kuntratti anċillari, meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti, fejn tali kuntratt jipprovdi b'mod speċifiku li l-forniment taż-żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi Iranjani jew ir-rikavati derivati mill-forniment tagħhom huma għar-rimborż ta' ammonti pendenti lil persuni, entitajiet jew korpi taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri;

(c) żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi, li kienu ġew esportati mill-Iran qabel it-23 ta' Jannar 2012, jew fejn l-esportazzjoni saret skont il-punt (a), fl-1 ta' Lulju 2012 jew qabel; jew fejn l-esportazzjoni saret skont il-punt (b);

▼M7

(d) ix-xiri ta' karburant tal-bastimenti prodott jew fornut minn pajjiż terz minbarra l-Iran, intiż għall-propulsjoni tal-magni tal-bastimenti;

(e) ix-xiri ta' karburant tal-bastimenti għall-propulsjoni tal-magni ta' bastimenti li kellhom jidħlu f'port fl-Iran, jew f'ilmijiet territorjali Iranjani, minħabba forza maġġuri,

bil-kondizzjoni li l-persuna, entità jew korp li jkunu qegħdin ifittxu li jeżegwixxu l-kuntratt imsemmi fil-punti (a), (b) jew (c) ikunu nnotifikaw, mill-inqas 20 jum ta' xogħol qabel, l-attività jew it-tranżazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.

▼B

2. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 11(1)(d) ma għandhiex tapplika għall-għoti, direttament jew indirettament, ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà lejn terzi, assigurazzjoni għal responsabbiltà ambjentali u riassigurazzjoni.

Artikolu 13

1. Huma pprojbiti:

(a) l-importazzjoni ta' prodotti petrokimiċi lejn l-Unjoni jekk:

(i) joriġinaw fl-Iran; jew

(ii) ikunu ġew esportati mill-Iran;

(b) ix-xiri ta' prodotti petrokimiċi li jinsabu fl-Iran jew li joriġinaw fih;

(c) it-trasport ta' prodotti petrokimiċi jekk dawn ikunu joriġinaw mill-Iran, jew ikunu qed jiġu esportati mill-Iran lejn kwalunkwe pajjiż ieħor; kif ukoll

(c) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni relatati mal-importazzjoni, xiri jew trasport ta' prodotti petrokimiċi ta' oriġini Iranjana jew li ġew importati mill-Iran.

2. Prodotti petrokimiċi jfissru l-prodotti elenkati fl-Anness V.

▼M15

3. L-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet stipulati fil-punti (a), (b), (c) u (d) tal-paragrafu (1) għandha tiġi sospiża.

▼B

Artikolu 14

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 13 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) l-eżekuzzjoni sal-1 ta' Mejju 2012, ta' kuntratti kummerċjali konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti;

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012, jew ta' kuntratti anċillari, inklużi kuntratti ta' trasport jew ta' assigurazzjoni, meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti, fejn kuntratt jipprovdi b'mod speċifiku li l-forniment ta' prodotti petrokimiċi Iranjani jew ir-rikavati derivati mill-forniment tagħhom huma għarrimborż ta' ammonti pendenti lil persuni, entitajiet jew korpi taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri;

▼M7

(c) prodotti petrokimiċi li kienu ġew esportati mill-Iran qabel it-23 ta' Jannar 2012, jew, fejn l-esportazzjoni saret skont il-punt (a) fl-1 ta' Mejju 2012 jew qabel, jew fejn l-esportazzjoni saret skont il-punt (b),

▼B

bil-kondizzjoni li l-persuna, entità jew korp li jkunu qegħdin ifittxu li jeżegwixxu l-kuntratt ikkonċernat ikunu nnotifikaw, mill-inqas 20 jum ta' xogħol qabel, l-attività jew it-tranżazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.

▼B

2. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 13(1)(d) ma għandhiex tapplika għall-għoti, sal-1 ta' Mejju 2012, direttament jew indirettament, ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà lejn terzi u assigurazzjoni għal responsabbiltà ambjentali u riassigurazzjoni.

▼M7

Artikolu 14a

1. Huwa pprojbit:

(a) ix-xiri, it-trasport, jew l-importazzjoni fl-Unjoni ta' gass naturali li joriġina fl-Iran jew ġie esportat mill-Iran;

(b) it-tpartit ta' gass naturali li joriġina fl-Iran jew ġie esportat mill-Iran;

(c) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' servizzi ta' senserija, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni u servizzi ta' senserija relatati mal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, fir-rigward tal-attivitajiet fil-punti (a) u (b).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) gass naturali li ġie esportat minn Stat li mhuwiex l-Iran meta l-gass esportat ikun ġie mħallat ma' gass mill-Iran fl-infrastruttura ta' Stat ieħor li mhux l-Iran;

(b) ix-xiri ta' gass naturali fl-Iran minn ċittadini tal-Istati Membri għal finijiet ċivili, inklużi t-tisħin residenzjali jew l-enerġija residenzjali, jew għaż-żamma ta' missjonijiet diplomatiċi; jew

(c) għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti għall-forniment ta' gass naturali li joriġina fi Stat li mhuwiex l-Iran fl-Unjoni.

3. "Gass naturali" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness IVA.

4. Għall-finijiet ta' paragrafu 1, "tpartat" tfisser l-iskambju ta' flussi ta' gass naturali minn oriġini differenti.

▼B

Artikolu 15

1. Huma pprojbiti:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkat fl-Anness VII, sew jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lill-Gvern tal-Iran, lill-korpi pubbliċi, lill-korporazzjonijiet u lill-aġenziji tiegħu, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lil kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà jew ikkontrollati minnhom;

(b) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport, direttament jew indirettament, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkat fl-Anness VII, sew jekk l-oġġett ikkonċernat joriġina mill-Iran kif ukoll jekk le, mill-Gvern tal-Iran, mill-korpi pubbliċi, mill-korporazzjonijiet u mill-aġenziji tiegħu, u minn kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew minn kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà jew ikkontrollati minnhom; kif ukoll

(c) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatata mal-oġġetti mesmmija fil-punti (a) u (b) lill-Gvern tal-Iran, lill-korpi pubbliċi, lill-korporazzjonijiet u lill-aġenziji tiegħu, u lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxui f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lill-entitajiet jew lil kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà jew ikkontrollati minnhom;

▼B

2. L-Anness VII għandu jinkludi deheb, metalli prezzjużi u djamanti suġġetti għall-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

▼M15

3. L-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandha tiġi sospiża fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XII.

▼M7

Artikolu 15a

1. Għandhom jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' grafit u ta' metalli mhux maħduma jew nofshom maħduma elenkati fl-Anness VIIB, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran.

2. L-Anness VIIb għandu jinkludi l-grafit u metalli mhux maħduma jew nofshom maħduma, bħall-aluminju u l-azzar, li huma rilevanti għal industriji kkontrollati direttament jew indirettament mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika jew li huma rilevanti għall-programm nukleari, militari jew tal-missili ballistiċi tal-Iran.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-oġġetti elenkati fl-Annessi I, II u III.

Artikolu 15b

1. Huwa pprojbit:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti elenkati fl-Anness VIIB, jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Anness VIIB, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti elenkati fl-Anness VIIB, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani jew għall-użu fl-Iran.

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Annessi I, II u III.

Artikolu 15c

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 15a ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' kuntratti konklużi qabel 22 ta' Diċembru 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼B

Artikolu 16

Huma pprojbiti l-bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' karti tal-flus u muniti ġodda, li għadhom kemm ġew stampati jew li għadhom ma ħarġux, b'denominazzjoni Iranjana, lil jew għal benefiċċju tal-Bank Ċentrali tal-Iran.

KAPITOLU III

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IFFINANZJAR TA' ĊERTI INTRAPRIŻI

Artikolu 17

1. Dawn li ġejjin huma pprojbiti:

(a) l-għoti ta' self finanzjarju jew kreditu lil persuna, entità jew korp Iranjani msemmija fil-paragrafu 2;

▼B

(b) il-kisba jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni ta' persuna, entità jew korp Iranjani msemmija fil-paragrafu 2;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' persuna, entità jew korp Iranjani msemmija fil-paragrafu 2;

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani involuti:

(a) fil-manifattura ta' oġġetti jew teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Anness I jew II;

(b) fl-esplorazzjoni jew il-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali, ir-raffinar ta' karburanti jew il-likwifazzjoni ta' gass naturali. jew

(c) l-industrija petrokimika

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(b) u (c) biss, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin.

(a) "esplorazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali" tinkludi l-esplorazzjoni għal, prospetti ta' u l-ġestjoni tar-riservi taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ġeoloġiċi marbuta ma' tali servizzi;

(b) "produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali" tinkludi servizzi ta' trasmissjoni tal-gass bi kwantitajiet kbar għall-fini ta' transitu għal sistemi ta' distribuzzjoni interkonnessi b'mod dirett;

(c) "raffinar" tfisser l-ipproċċessar, il-kondizzjonament jew it-tħejjija għall-bejgħ finali tal-karburanti

(d) "industrija petrokimika" tfisser impjanti ta' produzzjoni għall-manifattura ta' oġġetti fl-Anness V.

4. Huwa pprojbit li tiġi stabbilita kooperazzjoni ma' persuna, entità jew korp Iranjan involuti fit-trasmissjoni ta' gass naturali kif imsemmi fil-paragrafu 3(b).

5. Għall-fini tal-paragrafu 4, "kooperazzjoni" tfisser:

(a) il-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-investimenti f'katina tal-forniment integrata jew ġestita għar-riċeviment jew il-konsenja ta' gass naturali minn jew lejn it-territorju tal-Iran; kif ukoll

(b) il-kooperazzjoni diretta għall-fini tal-investiment f'faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat fit-territorju tal-Iran jew f'faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat konnessi miegħu b'mod dirett.

Artikolu 18

1. Il-Ħolqien ta' investiment permezz ta' tranżazzjonjijiet kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) f'persuna, entità jew korp Iranjani impenjati fil-manifattura ta' oġġetti jew teknoloġija elenkati fl-Anness III għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti kkonċernata.

2. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, jekk huma jkollhom raġunijiet ġustifikati biex jiddeterminaw li l-azzjoni tikkontribwixxi għal waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet tal-Iran relatati mal-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati mal-ilma tqil;

▼B

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari; jew

(c) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħrajn li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

Artikolu 19

1. B'deroga mill-Artikolu 17(2)(a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, skont termini u kondizzjonijiet li huma jqisu opportuni, jagħtu awtorizzazzjoni li jsir investiment permezz ta' tranżazzjonjiiet kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investiment ikun għal skopijiet ta' ikel, skopijiet agrikoli, skopijiet mediċi u skopijiet umanitarji oħrajn; u

(b) f'dawk il-każijiet fejn l-investiment isir f'persuna, entità jew korp Iranjani impenjati fil-manifattura ta' oġġetti jew teknolġija li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari u r-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija Missililistika, il-Kumitat ta' Sanzjonijiet ikun iddetermina bil-quddiem u fuq bażi ta' każ b'każ li b'mod ċar it-tranżazzjoni ma tikkontribwixxix għall-iżvilupp ta' teknoloġiji b'appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran fir-rigward tal-proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' żvilupp ta' armi nukleari.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, fi żmien erba' ġimgħat, bl-awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 20

L-Artikolu 17(2)(b) ma għandux japplika għall-għoti ta' self finanzjaru jew kreditu għall-kisba jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tranżazzjoni hija meħtieġa minn ftehim jew kuntratt milħuq qabel is-26 ta' Lulju 2010; kif ukoll

(b) l-awtorità kompetenti ġiet infurmata mill-inqas 20 jum tax-xogħol b'dan il-ftehim jew kuntratt.

Artikolu 21

L-Artikolu 17(2)(c) ma għandux japplika għall-għoti ta' self finanzjaru jew kreditu għall-kisba jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tranżazzjoni hija meħtieġa minn ftehim jew kuntratt milħuq qabel is-23 ta' Jannar 2012; kif ukoll

(b) l-awtorità kompetenti ġiet infurmata mill-inqas 20 jum tax-xogħol b'dan il-ftehim jew kuntratt.

▼B

Artikolu 22

Huwa pprojbit li jiġi aċċettat jew approvat, permezz ta' konklużjoni ta' ftehim jew bi kwalunkwe mezz ieħor, li l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu, jew il-kisba jew l-estensjoni tal-parteċipazzjoni, jew il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta jsiru minn persuni, entitajiet jew korpi Iranjani, f'intrapriża impenjata fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-minjieri tal-uranju,

(b) l-arrikkiment tal-uranju u l-ipproċessar mill-ġdid tal-uranju;

(c) il-manifattura ta' oġġetti jew teknoloġija li jinsabu inklużi fil-listi tal-Grupp ta' Forniturі Nukleari jew tar-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija Missilistika.

KAPITOLU IV

IFFRIŻAR TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI

Artikolu 23

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma jew huma kkontrollati mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness VIII għandhom jiġu ffriżati. L-Anness VIII jinkludi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi magħżula mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat ta' Sanzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 12 tal-UNSCR 1737 (2006), il-paragrafu 7 tal-UNSCR 1803 (2008) jew il-paragrafi 11, 12 jew 19 tal-UNSCR 1929 (2010).

2. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma jew huma kkontrollati mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness IX għandhom jiġu ffriżati. L-Anness IX għandu jinkludi l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li, f'konformità mal-Artikolu 20(1)(b) u (c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, ġew identifikati li:

(a) huma impenjati, direttament assoċjati ma', jew jipprovdu apoġġ għal attivitajiet nukleari ta' natura sensittiva fir-rigward tal-proliferazzjoni jew l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari mill-Iran, inkluż permezz l-involviment fl-akkwist ta' oġġetti u teknoloġija pprojbiti, jew li jkunu propjetà ta', jew ikkontrollati minn, tali persuna, entità jew korp, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti, jew li jaġixxu f'isimhom jew taħt it-tmexxija tagħhom;

▼M11

(b) hija persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li evada jew kiser, jew assista lil persuna, entità jew korp elenkat biex jevadi jew jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK jew tal-UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010);

▼M11

(c) huma membru tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) jew persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà ta' jew ikkontrollat mill-IRGC jew minn wieħed jew aktar mill-membri tiegħu, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isimhom, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi essenzjali oħra lill-IRGC, jew lil entitajiet propjetà ta' jew ikkontrollati minnhom jew li jaġixxu f'isimhom;

▼M7

(d) li huma persuni, entitajiet jew korpi oħrajn li jipprovdu appoġġ, bħal appoġġ materjali, loġistiku jew finanzjarju, lill-Gvern tal-Iran, u l-entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, u persuni, u entitajiet assoċjati magħhom;

▼M11

(e) huma persuna ġuridika, entità jew korp li huwa proprjetà ta' jew ikkontrollat mill-Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL), jew li jaġixxu f'isimhom jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isimhom, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi essenzjali oħra lill-IRISL, jew lil entitajiet propjetà ta' jew ikkontrollati minnhom jew li jaġixxu f'isimhom.

▼B

Għandu jiġi projbit, skont l-obbligu tal-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-IRISL u ta' entitajiet indikati li huma proprjetà jew ikkontrollati mill-IRISL, li jgħabbu jew iħottu tagħbijiet fuq jew minn bastimenti li huma l-proprjetà tal-IRISL jew mikrija minnu jew minn tali entitajiet f'portijiet tal-Istati Membri.

L-obbligu tal-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi tal-IRISL u ta' entitajiet indikati li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati mill-IRISL ma għandux jirrekjedi l-qbid jew iż-żamma ta' bastimenti li huma proprjetà ta' tali entitajiet jew il-merkanziji li jinġarru minnhom dment li tali merkanzija tkun proprjetà ta' partijiet terzi, u lanqas ma jirrekjedi ż-żamma tal-ekwipaġġ ikkuntrattat minnhom.

3. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Annessi VIII u IX.

▼M7

4. Minħajr preġudizzju għad-derogi previsti fl-Artikolu 24, 25, 26, 27, 28, 28a jew 29, huwa pprojbit il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li jintużaw għall-iskambju ta' data finanzjarja, lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi VIII jew IX.

▼B

5. L-Annessi VIII u IX għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni, entitajiet u korpi elenkati, kif previsti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

6. L-Annessi VIII u IX għandhom jinkludu wkoll, fejn ikun disponibbli, informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati, kif previsti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi, tali

▼B

informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. Fir-rigward tal-linji tal-ajru u tal-kumpaniji tat-tbaħħir, l-Annessi VIII u IX għandhom jinkludu wkoll, fejn ikun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw kull bastiment jew inġenju tal-ajru li huwa proprjetà ta' kumpanija elenkata bħan-numru oriġinali tar-reġistrazzjoni jew l-isem. L-Annessi VIII u IX għandhom jinkludu wkoll id-data tal-inklużjoni fil-lista.

Artikolu 24

B'deroga mill-Artikolu 23, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 23 ġew indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kunsill jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali li għaddiet qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament sabiex jintlaħqu l-pretensjonijiet żgurati minn tali rahan jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) ir-rahan jew is-sentenza ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness VIII jew IX;

(d) ir-rikonoxximent li r-rahan jew is-sentenza ma tmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; kif ukoll

(e) fejn japplika l-Artikolu 23(1), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie nnotifikat mill-Istat Membru dwar ir-rahan jew is-sentenza.

Artikolu 25

B'deroga mill-Artikolu 23 u sakemm ħlas minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness VIII jew IX huwa dovut taħt kuntratt jew ftehim li kien konklużż minn, jew obbligu li rriżulta għall-persuna, entità jew korp ikkonċernat, qabel id-data meta dik il-persuna, entità jew korp kienu indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu adatt, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għal pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness VIII jew IX;

▼M7

(ii) il-pagament mhux ser jikkontribwixxi għal attività pprojbita skont dan ir-Regolament. Jekk il-pagament iservi ta' konsiderazzjoni għal attività kummerċjali li diġà twettqet u jekk l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tkun tat konferma minn qabel li l-attività ma kinitx ipprojbita fiż-żmien meta twettqet, għandu jitqies, *prima facie*, li l-pagament mhux ser jikkontribwixxi għal attività pprojbita; u

▼B

(iii) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 23(3); u

▼B

(b) fejn japplika l-Artikolu 23(1), l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol min-notifika.

Artikolu 26

1. B'deroga mill-Artikolu 23, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ċertu fondi jew riżorsi ekonomiċi, dment li jintlaħqu l-kundizzjonjonijiet li ġejjin:

▼M7

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

(i) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Annessi VIII jew IX, u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u spejjeż ta' servizzi pubbliċi;

(ii) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba b'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi legali;

(iii) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(iv) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' spejjeż imġarrba b'konnessjoni mat-tneħħija tar-reġistrazzjoni (de-flagging) ta' bastimenti; u

▼B

(b) bil-kundizzjoni li, fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness VIII, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni msemmija fil-punt (a) u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dak il-perkors ta' azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 23, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji jew għall-ħlas jew it-trasferiment ta' oġġetti meta jiġu akkwistati għal reattur b'ilma ħafif fl-Iran li beda jinbena qabel Diċembru 2006 jew għal kwalunkwe oġġett għall-iskopijiet imsemmi fl-Artikolu 6(b) u (c), bil-kondizzjoni lifejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness VIII, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat dwar dik id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat.

Artikolu 27

B'deroga mill-Artikolu 23(2) u (3), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu immunitajiet skont il-liġi internazzjonali.

▼**M7**

Artikolu 28

B'deroga mill-Artikolu 23(2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa:

(a) ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi tal-Bank Ċentrali tal-Iran, wara li jiddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa biex jipprovdu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji b'likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ, jew għall-ħlasijiet dovuti fuq self kummerċjali; jew

(b) ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma mill-Bank Ċentrali tal-Iran, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għar-rimborż ta' pretensjoni taħt kuntratt jew ftehim konklużi minn persuna, entità jew korp Iranjani qabel is-16 ta' Ottubru 2012 fejn tali kuntratt jew ftehim ikun jipprovdi għal ħlas lura ta' ammonti dovuti lil persuni, entitajiet jew korpi taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri;

bil-kundizzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bil-ħsieb tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-awtorizzazzjoni.

▼**M6**

Artikolu 28a

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 23(2) u (3) ma għandhomx japplikaw għal atti u tranżazzjonijiet imwettqa fir-rigward tal-entitajiet elenkati fl-Anness IX:

(a) li għandhom drittijiet derivati minn għotja oriġinali qabel is-27 ta' Ottubru 2010, minn Gvern sovran minbarra l-Iran, ta' ftehim ta' kondiviżjoni tal-produzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 39, safejn tali atti u tranżazzjonijiet jirrigwardaw il-parteċipazzjoni ta' dawk l-entitajiet f'dak il-ftehim;

(b) safejn neċessarju għall-eżekuzzjoni, ►**M18** sal-30 ta' Ġunju 2015 ◄, tal-obbligi li joriġinaw minn kuntratti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 12(1) dment li dawk l-atti u t-tranżazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati minn qabel, każ b'każ, mill-awtorità kompetenti kkonċernata u li l-Istat Membru kkonċernat ikun informa lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-ħsieb tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

▼**M15**

Artikolu 28b

1. B'deroga mill-Artikolu 23(2) u (3), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' riżorsi ekonomiċi jew li jagħmlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, direttament jew indirettament, lill-Ministeru taż-Żejt, kif elenkat fl-Anness IX, wara li jkun ġie ddeterminat li dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti għall-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport tal-prodotti petrokimiċi elenkati fl-Anness V, li joriġinaw mill-Iran jew li ġew impurtati mill-Iran.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, fi żmien 4 ġimgħat, bl-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 29

1. L-Artikolu 23(3) ma għandux jipprevjeni lil istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi ttrasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, sakemm kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali tranżazzjonijiet.

2. L-Artikolu 23(3) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew tqajmu qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 23 ġew indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill;

sakemm kwalunkwe imgħax jew dħul ieħor u ħlasijiet bħal dawn huma ffriżati skont l-Artikolu 23(1) jew (2).

3. Dan l-Artikolu ma għandux jinftiehem bħala li jawtorizza t-trasferimenti ta' fondi msemmijin fl-Artikolu 30.

KAPITOLU V

RESTRIZZJONIJIET FUQ TRASFERIMENTI TA' FONDI U FUQ SERVIZZI FINANZJARJI

▼M7

Artikolu 30

1. Għandu jkun ipprojbit it-trasferiment ta' fondi bejn, min-naħa l-waħda, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif definit fl-Artikolu 49, u, min-naħa l-oħra:

(a) Istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u bureaux de change ddomiċiljati fl-Iran;

(b) fergħat u sussidjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u bureaux de change domiċiljati fl-Iran;

(c) fergħat u sussidjarji li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u bureaux de change domiċiljati fl-Iran; u

(d) istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u bureaux de change li mhumiex domiċiljati fl-Iran iżda li huma kkontrollati minn persuni u entitajiet domiċiljati fl-Iran,

sakemm dawn it-trasferimenti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 u ġew ipproċessati skont il-paragrafu 3.

2. It-trasferimenti li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati skont il-paragrafu 3:

(a) tranżazzjonijiet rigward oġġetti tal-ikel, kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji;

(b) trasferimenti rigward rimessi personali;

(c) trasferimenti f'konnessjoni ma' kuntratt ta' kummerċ speċifiku sakemm tali trasferiment ma jkunx ipprojbit skont dan ir-Regolament;

▼M7

(d) trasferimenti li jirrigwardaw missjonijiet diplomatiċi jew uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali, safejn dawn it-trasferimenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali;

(e) trasferimenti li jirrigwardaw ħlas sabiex jiġu ssodisfati pretensjonijiet minn jew kontra persuna, entità jew korp Iranjani, jew trasferimenti ta' natura simili sakemm ma jkunux qed jikkontribwixxu għall-attivitajiet ipprojbiti skont dan ir-Regolament, każ b'każ, jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni ta' mill-inqas għaxart ijiem bil-quddiem bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni;

(f) trasferimenti neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratti msemmija fl-Artikolu 12(1)(b).

3. Trasferimenti ta' fondi li jistgħu jiġu awtorizzati skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu pproċessati kif ġej:

(a) trasferimenti dovuti fuq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw oġġetti talikel, kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji, taħt il-►**M15** EUR 1 000 000 ◄ jew ekwivalenti, u trasferimenti dovuti fuq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw rimessi personali, ta' inqas minn ►**M15** EUR 400 000 ◄ jew ekwivalenti, għandhom jitwettqu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat minn qabel bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' jew 'il fuq minnEUR 10 000 jew ekwivalenti;

(b) trasferimenti dovuti fuq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw prodotti talikel, kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji, ta' jew 'il fuq minn ►**M15** EUR 1 000 000 ◄ jew ekwivalenti, u trasferimenti dovuti fuq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw rimessi personali, ta' jew 'il fuq minn ►**M15** EUR 400 000 ◄ jew ekwivalenti, għandhom jeħtieġu l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat skont il-paragrafu 2.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija f'intervalli ta' tliet xhur;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' jew 'il fuq minn ►**M15** EUR 100 000 ◄ jew ekwivalenti għandu jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat skont il-paragrafu 2.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija f'intervalli ta' tliet xhur.

4. Trasferimenti ta' fondi taħt l-EUR 10 000 jew ekwivalenti ma għandhom jeħtieġu l-ebda awtorizzazzjoni jew notifika minn qabel.

5. In-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi lil entità li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu (a) sa (d) għandhom jiġu indirizzati minn jew f'isem il-fornitur tas-servizz ta' pagament ta' min iħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizz ta' pagament.

▼M7

In-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' fondi minn entità li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1(a) sa (d) għandhom jiġu indirizzati minn jew f'isem il-fornitur tas-servizz ta' pagament ta' min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizz ta' pagament.

Jekk il-fornitur tas-servizz ta' pagament ta' min iħallas jew ta' min jitħallas ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, in-notifiki u t-talbiet għal awtorizzazzjoni għandhom jiġu indirizzati, fil-każ ta' trasferiment lil entità li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1(a) sa (d), minn min jitħallas, u fil-każ ta' trasferiment minn entità li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' paragrafu 1(a) u (d) minn min iħallas, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn jirrisjedu, rispettivament, min iħallas jew min jitħallas

6. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom, fl-attivitajiet tagħhom mal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) sa (d) u sabiex jimpedixxu l-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jagħmlu viġilanza msaħħa skont kif ġej:

(a) iwettqu ta' viġilanza kontinwa fuq l-attività tal-kont, b'mod partikolari permezz tal-programmi tagħhom dwar diliġenza dovuta mal-klijent;

(b) jeħtieġu li f'istruzzjonijiet ta' ħlasijiet l-oqsma kollha tal-informazzjoni li huma relatati mal-oriġinatur u l-benefiċjarji tat-tranżazzjoni inkwistjoni jimtlew u jekk dik l-informazzjoni mhijiex ipprovduta, jirrifjutaw it-tranżazzjoni;

(c) iżommu r-rekords kollha tat-tranżazzjonijiet għal perijodu ta' ħames snin u dawn għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali meta jintalbu;

(d) jekk huma għandhom raġuni valida li jissuspettaw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jirraportaw mingħajr dewmien is-suspetti tagħhom lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) jew lil awtorità kompetenti oħra nnominata mill-Istat Membru kkonċernat, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 u 23. L-UIF jew tali awtorità kompetenti oħra sservi bħala ċentru nazzjonali għar-riċeviment u l-analiżi ta' rapporti suspettużi ta' tranżazzjonijiet dwar il-ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament. L-UIF jew tali awtorità kompetenti oħra għandha jkollha aċċess, direttament jew indirettament, fuq bażi adegwata għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u tal-infurzar tal-liġi li hija teħtieġ biex twettaq din il-funzjoni, inkluża l-analiżi ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi.

Artikolu 30a

1. It-trasferimenti ta' fondi lil u minn persuna, entità jew korp Iranjani li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 30(1) għandhom jiġu pproċessati kif ġej:

(a) trasferimenti dovuti fuq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw prodotti tal-ikel, kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji għandhom jitwettqu mingħajr kwalunkwe awtorizzazzjoni minn qabel.

It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat minn qabel bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' jew 'il fuq minn EUR 10 000 jew ekwivalenti;

▼M7

(b) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' inqas minn ►M15 EUR 400 000 ◄ jew ekwivalenti għandu jsir mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat minn qabel bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' jew 'il fuq minn EUR 10 000 jew ekwivalenti;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor li jkun ta' jew 'il fuq minn ►M15 EUR 400 000 ◄ jew ekwivalenti jkun jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda f'intervalli ta' tliet xhur.

2. Trasferimenti ta' fondi taħt l-EUR 10 000 jew ekwivalenti ma għandhom jeħtieġu l-ebda awtorizzazzjoni jew notifika minn qabel.

3. In-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi għandhom jiġu pproċessati kif ġej:

(a) fil-każ ta' trasferimenti elettroniċi ta' fondi proċessati minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji:

(i) in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi lil persuna, entità jew korp Iranjani li jinsabu barra l-Unjoni għandhom jiġu indirizzati minn jew f'isem il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizz ta' pagament;

(ii) in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi minn persuna, entità jew korp Iranjani li jinsabu barra l-Unjoni għandhom jiġu indirizzati minn jew f'isem il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizzi ta' pagament;

(iii) jekk, fil-każijiet (i) u (ii), il-fornitur tas-servizz ta' pagament ta' min iħallas jew ta' min jitħallas ma' jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jiġu indirizzati, fil-każ ta' trasferiment lil persuna, entità jew korp Iranjani, minn min iħallas, u fil-każ ta' trasferiment minn persuna, entità jew korp Iranjani minn min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn jirrisjedu, rispettivament, min iħallas jew min jitħallas;

(iv) in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi lil persuna, entità jew korp Iranjani li jinsabu fl-Unjoni għandhom jiġu indirizzati minn jew f'isem il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizzi ta' pagament;

(v) in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi minn persuna, entità jew korp Iranjani li jinsabu fl-UE għandhom jiġu indirizzati minn jew f'isem il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' min iħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizz ta' pagament;

▼M7

(vi) jekk, fil-każijiet (iv) u (v), il-fornitur tas-servizz ta' pagament ta' min iħallas jew ta' min jitħallas ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzjoni għandhom jiġu indirizzati, fil-każ ta' trasferiment lil persuna, entità jew korp Iranjani, minn min iħallas, u fil-każ ta' trasferiment minn persuna, entità jew korp Iranjani, minn min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti, min jitħallas jew min iħallas rispettivament;

(vii) fir-rigward ta' trasferiment ta' fondi lil jew minn persuna, entità jew korp Iranjani fejn la min iħallas, la min jitħallas u lanqas il-fornituri tas-servizz ta' pagament rispettivi tagħhom ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjon ta' dan ir-Regolament iżda fejn fornitur ta' servizz ta' pagament li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jaġixxi ta' intermedjarju, f'dak il-każ il-fornitur tas-servizz ta' pagament irid jikkonforma mal-obbligu li jinnotifika jew jitlob awtorizzazzjoni, kif applikabbli, jekk ikun jaf jew għandu raġuni valida biex jissuspetta li t-trasferiment huwa lil jew minn persuna, entità jew korp Iranjani. Fejn ikun hemm aktar minn fornitur wieħed tas-servizz ta' pagament li jaġixxi bħala intermedjarju, l-ewwel fornitur biss tas-servizz ta' pagament li jipproċessa t-trasferiment huwa meħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jinnotifika jew li jitlob awtorizzazzjoni, kif applikabbli. Kwalunkwe notifika jew talba għall-awtorizzazzjoni trid tiġi indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz ta' pagament ikun stabbilit;

(viii) fejn ikun hemm aktar minn fornitur wieħed tas-servizz ta' pagament involut f'sensiela ta' trasferimenti ta' fondi, it-trasferimenti fl-Unjoni għandhom jinkludu referenza għall-awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu;

(b) fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li jsiru b'mezzi mhux elettroniċi, in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment ta' fondi għandhom jiġu pproċessati kif ġej:

(i) in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferimenti lil persuna, entità jew korp Iranjani għandhom jiġu indirizzati minn min iħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun residenti min iħallas;

(ii) in-notifiki u t-talbiet għall-awtorizzazzjoni relatati mat-trasferiment minn persuna, entità jew korp Iranjani għandhom jiġu indirizzati minn min jitħallas lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun residenti min jitħallas.

Artikolu 30b

1. Meta awtorizzazzjoni tkun ingħatat skont l-Artikoli 24, 25, 26, 27, 28 jew 28a, l-Artikoli 30 u 30a ma għandhomx japplikaw.

Ir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasferimenti ta' fondi kif previst fl-Artikoli 30(3)(b) u (c), għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni tat-trasferimenti ta' fondi notifikati lil jew awtorizzati mill-awtorità kompetenti minn qabel qabel 22 ta' Diċembru 2012. Tali trasferimenti ta' fondi għandhom isiru qabel il-15 ta' April 2013.

L-Artikoli 30 u 30a ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi previsti fl-Artikolu 29.

▼M7

2. L-Artikoli 30(3) u 30a(1) għandhom japplikaw indipendentement minn jekk it-trasferiment ta' fondi jkunx eżegwit f'operazzjoni waħda jew f'diversi operazzjonijiet li jidhru marbutin ma' xulxin. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "l-operazzjonijiet li jidhru marbutin ma' xulxin" jinkludu:

(a) sensiela ta' trasferimenti konsekuttivi minn jew lill-istess istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 30(1)(a) sa (d) jew minn jew lill-istess persuna, entità jew korp Iranjani li jsiru b'konnessjoni ma' obbligu wieħed ta' trasferiment ta' fondi, fejn kull trasferiment individwali jaqa' taħt il-limitu minimu rilevanti stabbilit fl-Artikoli 30 u 30a iżda li, fl-aggregat, jissodisfaw il-kriterji għan-notifika jew għall-awtorizzazzjoni; jew

(b) katina ta' trasferimenti li jinvolvu fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li taffettwa obbligu wieħed ta' trasferiment ta' fondi.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 30(3)(b) u 30(3)(c) u l-Artikolu 30a(1)(c),, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni, skont tali termini u kundizzjonijiet li huma jqisu adatti, sakemm ma jkollhomx raġunijiet validi li jiddeterminaw li t-trasferiment ta' fondi li għalih intalbet l-awtorizzazzjoni jista' jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet jew obbligi f'dan ir-Regolament.

Awtorità kompetenti tista' titlob tariffa għall-valutazzjoni ta' talbiet għal awtorizzazzjoni.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 30a(1)(c), awtorizzazzjoni titqies li ngħatat jekk awtorità kompetenti tkun irċeviet talba bil-miktub għal awtorizzazzjoni, u fi żmien erba' ġimgħat, l-awtorità kompetenti ma tkunx oġġezzjonat bil-miktub għat-trasferiment ta' fondi. Jekk l-oġġezzjoni ssir minħabba li hemm investigazzjoni pendenti, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara dan u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom aċċess f'waqtu, direttament jew indirettament, għall-informazzjoni relatata mas-sitwazzjoni finanzjarja, amministrattiva u tal-infurzar tal-liġi, liema informazzjoni hija meħtieġa għat-twettiq tal-investigazzjoni.

5. Il-persuni, entitajiet jew korpi li ġejjin ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 30 u 30a:

(a) persuni, entitajiet jew korpi li sempliċiment jibdlu dokumenti fuq karti f'data elettronika jew li qed jaġixxu b'kuntratt ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja;

(b) persuni, entitajiet jew korpi li jipprovdu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji biss b'sistema ta' messaġġi jew sistema oħra ta' appoġġ għad-dispaċċ tal-fondi; jew

(c) persuni, entitajiet jew korpi li jipprovdu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji biss b'sistemi ta' kklerjar u sald.

▼M7

Artikolu 31

1. Fergħat u sussidjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif definit fl-Artikolu 49, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji domiċiljati fl-Iran għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti bit-trasferimenti kollha ta' fondi mwettqa jew riċevuti minnhom, l-ismijiet tal-partijiet u l-ammont u d-data tat-tranżazzjoni, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jkun twettaq jew ġie rċevut it-trasferiment ta' fondi kkonċernat. Jekk l-informazzjoni tkun disponibbli, in-notifika għandha tispeċifika n-natura tat-tranżazzjoni u, fejn ikun il-każ, in-natura tal-oġġetti koperti mit-tranżazzjoni u għandha, b'mod partikolari, tiddikjara jekk l-oġġetti humiex koperti mill-Anness I, II, III, IV, IVA, V, VI, VIA, VIB, VII, VIIA jew VIIB ta' dan ir-Regolament u, jekk l-esportazzjoni tagħhom tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni, għandha tindika n-numru tal-liċenzja mogħtija.

2. Suġġett għall-arranġamenti dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u skont dawn l-istess arranġamenti, l-awtoritajiet kompetenti nnotifikati għandhom mingħajr dewmien jittrażmettu l-informazzjoni dwar in-notifiki msemmija fil-paragrafu 1, kif meħtieġ, sabiex jimpedixxu kwalunkwe tranżazzjoni li tista' tikkontribwixxi għal attivitajiet nukleari ta' natura sensittiva fir-rigward tal-proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fejn il-kontropartijiet ta' dawn it-tranżazzjonijiet ikunu stabbiliti.

▼B

Artikolu 33

1. Huwa pprojbit għal istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 li jagħmlu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) jiftħu kont bankarju ġdid ma' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew ma kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄;

(b) jistabbilixxu relazzjoni bankarja korrispondenti ġdida ma' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew ma kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄;

(c) jiftħu uffiċċju rappreżentattiv ġdid fl-Iran jew jistabbilixxu fergħa jew sussidjarja ġdida fl-Iran;

(d) jistabbilixxu impriża konġunta ġdida ma' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew ma kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄.

2. Huma pprojbiti:

(a) l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' uffiċċju rappreżentattiv jew l-istabbiliment ta' fergħa jew sussidjarja fl-Unjoni ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew ta' kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄;

▼B

(b) il-konklużjoni ta' ftehimiet għal, jew f'isem, istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew għal, jew f'isem, kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄, li jagħmlu parti mill-ftuħ ta' uffiċċju rappreżentattiv, jew it-twaqqif ta' fergħa jew sussidjarja fl-Unjoni;

(c) l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-ftuħ u t-twettiq ta' negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu jew għal kwalunkwe negozju ieħor li jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel, minn uffiċċju rappreżentattiv, fergħa jew sussidjarja ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew għal kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄, jekk l-uffiċċju rappreżentattiv, il-fergħa jew is-sussidjarja ma kinux operattivi qabel is-26 ta' Lulju 2010.

(d) għall-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni jew l-akkwist ta' kwalunkwe interess ieħor fir-rigwrd tad-dritt ta' proprjetà f'istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 minn kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄.

Artikolu 34

Huma pprojbiti:

(a) il-bejgħ jew ix-xiri ta' bonds pubbliċi jew bonds garantiti pubblikament maħruġa wara s-26 ta' Lulju 2010, direttament jew indirettament, lil jew mingħand kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) l-Iran jew il-Gvern tiegħu, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu;

(ii) istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu domiċiljata fl-Iran, jew ma' kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu msemmija ►M7 fl-Artikolu 30(1) ◄;

(iii) persuna fiżika jew persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija f'(i) jew (ii);

(iv) persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna, entità jew korp imsemmija f'(i), (ii) jew (iii);

(b) l-għoti ta' servizzi ta' senserija fir-rigward ta' bonds pubbliċi jew garantiti pubblikament maħruġa wara s-26 ta' Lulju 2010 lil persuna, entità jew korp imsemmija fil-punt (a);

(c) l-għajnuna lil persuna, entità jew korp imsemmija fil-punt (a) sabiex joħorġu bonds pubbliċi jew garantiti pubblikament, billi jiġu provduti b'servizzi ta' senserija, reklamar jew kwalunkwe servizz ieħor fir-rigward ta' tali bonds.

▼B

Artikolu 35

1. Huwa pprojbit l-għoti ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, jew ta' servizz ta' senserija għall-għoti tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, lil:

(a) l-Iran jew il-Gvern tiegħu, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu;

(b) persuna, entità jew korp Iranjani minbarra persuna fiżika; jew

(c) persuna fiżika jew persuna ġuridika, entità jew korp meta jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija f'(a) jew (b);

2. Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-għoti jew senserija ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà obbligatorja jew lejn parti terza jew riassigurazzjoni lil persuni, entitajiet jew korpi Iranjani bbażati fl-Unjoni, lanqas għall-għoti ta' assigurazzjoni lil missjonijiet Iranjani diplomatiċi u konsulari fl-Unjoni.

3. Il-punt (c) tal-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-għoti jew senserija ta' assigurazzjoni, inkluż assigurazzjoni fuq is-saħħa u dik fuq l-ivvjaġġar jew riassigurazzjoni, lil individwi li jaġixxu fil-kapaċità privata tagħhom, ħlief il-persuni elenkati fl-Annessi VIII u IX.

Il-punt (c) tal-paragrafu 1 ma għandux jimpedixxi l-forniment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jew senserija ta' assigurazzjoni lill-proprjetarju ta' bastiment, inġenju tal-ajru jew vettura mikrija minn persuna, entità jew korp imsemmijin fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, persuna, entità jew korp ma għandhomx jitqiesu li qed jaġixxu fuq direzzjoni ta' persuna, entità jew korp imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 fejn dik id-direzzjoni tkun għall-finijiet ta' ttrakkar, tgħabbija, ħatt jew transitu sikur ta' bastiment jew inġenju tal-ajru li jinsabu temporanjament fl-ilmijiet jew fl-ispazju tal-ajru Iranjan.

4. Dan l-Artikolu jipprojbixxi l-estensjoni jew it-tiġdid ta' ftehimiet tal-assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni milħuqa qabel is-27 ta' Ottubru 2010, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23(3), ma jipprojbixxix il-konformità ma' ftehimiet konklużi qabel dik id-data.

KAPITOLU VI

RESTRIZZJONIJIET FUQ IT-TRASPORT

Artikolu 36

1. Għall-prevenzjoni tat-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija koperti mil-Lista Militari Komuni jew il-provvista, il-bejgħ, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-importazzjoni tagħhom tkun projbita minn dan ir-Regolament, u kif ukoll għall-obbligu li l-awtoritajiet doganali kompetenti jiġu pprovduti bl-informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq kif iddeterminat fid-dispożizzjonijiet relevanti li jirrigwardaw r id-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u tal-ħruġ u kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tad-dwana fir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([1]) u fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ([2]), il-persuni li jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandha tiddikjara jekk l-oġġetti humiex koperti mil-Lista Militari Komuni jew minn dan ir-Regolament u, fejn l-esportazzjoni tagħhom tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni, tingħata speċifika tal-partikolaritajiet tal-liċenzja mogħtija tal-esport azzjoni.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

2. L-elementi addizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jitressqu jew bil-miktub jew bl-użu ta' dikjarazzjoni taddwana kif adatt.

Artikolu 37

1. Il-forniment ta' servizzi ta' bunkering jew ta' servizzi ta' provvista ta' vapuri, jew kwalunkwe servizz ieħor ta' bastimenti, lil bastimenti li jappartjenu għal jew huma kkontrollati minn, direttament jew indirettament, persuna, entità jew korp Iranjani, huwa pprojbit fejn il-forniturі tas-servizz għandhom informazzjoni, inkluż mill-awtoritajiet doganali kompetenti fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq kif imsemmi fl-Artikolu 36, li tipprovdi raġunijiet ġustifikati li jkun hemm deċiżjoni li l-bastimenti qed iġorru oġġetti koperti mil-Lista Militari Komuni jew oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huwa pprojbit taħt dan ir-Regolament, sakemm il-forniment ta' tali servizzi mhuwiex meħtieġ għal skopijiet ta' sigurtà u umanitarji.

2. Il-forniment ta' servizzi tal-inġinerija jew ta' manutenzjoni lil inġenji tal-ajru tal-merkanzija li jappartjenu għal jew huma kkontrollati minn, direttament jew indirettament, persuna, entità jew korp Iranjani, huwa pprojbit, fejn il-forniturі tas-servizz għandhom informazzjoni, inkluż mill-awtoritajiet doganali kompetenti fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq kif imsemmi fl-Artikolu 36, li tipprovdi raġunijiet ġustifikati li jidditerminaw li l-inġenji tal-ajru tal-merkanzija qed iġorru oġġetti koperti mil-Lista Militari Komuni jew oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huwa pprojbit taħt dan ir-Regolament, sakemm il-forniment ta' tali servizzi mhuwiex meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew ta' sigurtà.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw sakemm il-merkanzija tkun ġiet ispezzjonata u, jekk meħtieġ maqbuda jew eliminata, skont il-każ.

Kwalunkwe qbid u eliminazzjoni, skont il-leġislazzjoni nazzjonali jew id-deċiżjoni ta' awtorità kompetenti, tista' titwettaq bi spejjeż għallimportatur jew jiġu rkuprati minn kwalunkwe persuna jew entità oħra responsabbli għat-tentattiv ta' forniment, bejgħ, trasferiment jew esportazzjoni illeċiti.

▼M7

Artikolu 37a

1. Huwa pprojbit il-forniment tas-servizzi li ġejjin fir-rigward ta' tankers taż-żejt u bastimenti tal-merkanzija li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran jew li huma proprjetà ta', mikrija, jew operati, direttament jew indirettament, minn persuna, entità jew korp Iranjani:

(a) il-forniment ta' servizzi ta' klassifikazzjoni ta' kull tip, li jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

(i) il-produzzjoni u l-applikazzjoni ta' regoli ta' klassifikazzjoni jew speċifikazzjonijiet tekniċi dwar id-disinn, il-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-manutenzjoni ta' bastimenti, kif ukoll sistemi għall-ġestjoni tat-tbaħħir abbord il-bastimenti;

▼M7

(ii) it-twettiq ta' sondaġġi u spezzjonijiet skont regoli u proċeduri ta' klassifikazzjoni;

(iii) l-assenjazzjoni ta' notazzjoni ta' klassi u t-twassil, l-approvazzjoni jew it-tiġdid ta' ċertifikati ta' konformità ma' regoli jew speċifikazzjonijiet ta' klassifikazzjoni;

(b) is-sorveljanza u l-parteċipazzjoni fl-iddisinjar, il-kostruzzjoni u t-tiswija ta' bastimenti u partijiet tagħhom inklużi blokki, elementi, makkinarju, stallazzjonijiet elettriċi u stallazzjoni ta' kontroll, kif ukoll assistenza teknika relatata, finanzjament jew assistenza finanzjarja;

(c) l-ispezzjoni, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir, materjali u komponenti marittimi kif ukoll is-superviżjoni tal-istallazzjoni abbord u s-superviżjoni tal-integrazzjoni tas-sistemi;

(d) it-twettiq ta' sondaġġi, spezzjonijiet, awditjar u żjarat u l-ħruġ, it-tiġdid jew l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikati u dokumenti ta' konformità rilevanti, f'isem l-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974, kif emendata (SOLAS 1974) u l-Protokoll tal-1988 tagħha; il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti, 1973, kif modifikata mill-Protokoll tal-1978 tagħha, kif emendat (MARPOL 73/78); il-Konvenzjoni dwar ir-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet fuq il-Baħar, 1972, kif emendata (COLREG 1972); il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sinjali tat-Tagħbija, 1966 (LL 1966) u l-Protokoll tal-1988 tagħha; il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Istandards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, 1978, kif emendata, (STCW); u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, 1969 (TONNAGE 1969).

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika mill-15 ta' Jannar 2013.

Artikolu 37b

1. Huwa pprojbit li jsiru disponibbli bastimenti mfassla għat-trasport jew għall-ħażna ta' żejt u prodotti petrokimiċi:

(i) lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani; jew

(ii) lil kwalunkwe persuna, entità jew korp, sakemm il-forniturі tal-bastimenti jkunu ħadu azzjoni adatta biex jipprevjenu lil-bastimenti jintużaw biex iġorru jew jaħżnu żejt jew prodotti petrokimiċi li joriġinaw mill-Iran jew li ġew esportati mill-Iran.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti u mill-kuntratti anċillari msemmija fl-Artikolu 12(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 14(1)(b) u (c), dment li l-importazzjoni u t-trasport ta' żejt mhux maħdum, ta' prodotti petroliferi jew ta' prodotti petrokimiċi jkunu ġew notifikati lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 12(1) jew 14(1).

▼M15

3. L-applikazzjoni tal-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għandha tiġi sospiża.

▼B

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 38

1. Ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni ta' dawn ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarja, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

(a) persuni, entitajiet, jew korpi indikati elenkati fl-Annessi VIII u IX;

(b) kwalunkwe persuna, entità jew korp ieħor Iranjan, inkluż il-gvern Iranjan;

(c) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi permezz ta' jew f'isem waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (a) u (b).

2. L-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew tranżazzjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala affettwata mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament meta l-eżistenza jew il-kontenut tal-pretensjoni jirriżultaw direttament jew indirettament minn dawn il-miżuri.

3. Fi kwalunkwe proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun pruvat li l-ilqugħ tat-talba mhux ipprojbit bil-paragrafu 1, għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed tfittex l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

4. Dan l-Artikolu huwa bla ħsara għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal reviżjoni ġudizzjarja tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

Artikolu 39

Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 9, punt (b) tal-Artikolu 17(2), u l-Artikoli 31 u 36, kwalunkwe korp, entità jew detentur ta' drittijiet derivati minn għotja oriġinali qabel is-27 ta'Ottubru 2010 minn Gvern sovran minbarra l-Iran, ta' ftehim ta' kondiviżjoni tal-produzzjoni ma għandux jiġi kkunsidrat bħala persuna, entità jew korp Iranjani. F'każijiet bħal dawn u fir-rigward tal-Artikolu 8, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' teħtieġ garanziji għall-utent aħħari adatti minn kwalunkwe korp jew entità għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' kwalunkwe tagħmir jew teknoloġija ewlenin elenkati fl-Anness VI.

Artikolu 40

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

(a) ifornu minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-informazzjoni fuq kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 23, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz l-Istati Membri, lill-Kummissjoni;

▼B

(b) jikkooperaw ma’ dik l-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe verifika ta’ din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rċevuta direttament mill-Kummissjoni għandha tkun magħmula disponibbli lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew li tiġi riċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet pprovduta jew riċevuta.

▼M7

Artikolu 41

Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, bil-ħsieb u intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jinkisru l-projbizzjonijiet fl-Artikolu 2, 5(1), 8, 9, 10a, 10b, 10d, 10e, 11, 13, 14a, 15a, 15b, 17, 22, 23, 30, 30a, 34, 35, 37a jew 37b.

▼B

Artikolu 42

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx iwasslu għal responsabbiltà ta' ebda xorta min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

3. L-iżvelar in bona fide, kif previst fl-Artikoli 30, 31 u 32, minn persuna, entità jew korp koperti minn dan ir-Regolament jew impjegat jew direttur ta' tali persuna, entità jew korp, tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 30, 31 u 32 ma għandux joħloq responsabbilità ta’ kwalunkwe tip għall-istituzzjoni jew il-persuna jew għad-diretturi jew l-impjegati tagħha.

Artikolu 43

1. Stat Membru jista’ jieħu l-azzjonijiet kollha li huwa jqis meħtieġa sabiex jassigura illi l-obbligi legali relevanti internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u l-protezzjoni ambjentali jiġu rrispettati fejn il-kooperazzjoni ma' persuna, entità jew korp Iranjani tista' tiġi affettwara mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-għan tal-azzjoni mittieħda skont il-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 8 u 9, il-punt (b) tal-Artikolu 17(2), u l-Artikoli 23(2), 30 u 35 ma għandhomx japplikaw.

▼M7

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-ħsieb tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-awtorizzazzjoni. F'każ ta' theddida għall-ambjent u/jew għas-saħħa u għas-sigurtà tal-ħaddiema fl-Unjoni li teħtieġ azzjoni urġenti, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti awtorizzazzjoni mingħajr notifika minn qabel u għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 43a

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 8, 9, l-Artikolu 17(1) fir-rigward ta' persuna, entità jew korp Iranjani msemmija fl-Artikolu 17(2)(b), l-Artikolu 23(2) u (3) sakemm dawn jirreferu għal persuni, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness IX, l-Artikoli 30 u 35, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jkun jidhrilhom adattati, l-attivitajiet relatati mal-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni tal-idrokarburi fl-Unjoni, imwettqa skont liċenzja għal din l-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni maħruġa minn Stat Membru lil persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IX, jekk jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-liċenzja għall-esplorazzjoni jew l-esplojtazzjoni tal-idrokarburi fl-Unjoni tkun inħarġet qabel id-data li fiha jkunu ġew innominati l-persuna, l-entità jew il-korp elenkati fl-Anness IX; u

(b) l-awtorizzazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun evitata jew tiġi rimedjata ħsara ambjentali fl-Unjoni jew biex ma jitħassarx b'mod permanenti l-valur tal-liċenzja, inkluż billi jiġu ggarantiti l-pipeline u l-infrastruttura użati b'rabta mal-attività liċenzjata, fuq bażi temporanja. Tali awtorizzazzjoni tista' tinkludi miżuri taħt il-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli.

2. Id-deroga f'paragrafu 1 għandha tingħata biss għal perjodu bħal dan kif meħtieġ, u l-validità tagħha ma għandhiex taqbeż il-validità tal-liċenzja maħruġa lill-persuna, l-entità jew il-korp elenkati fl-Anness IX. Fil-każ li l-awtorità kompetenti tqis li hija meħtieġa surroga kuntrattwali jew dispożizzjoni ta' indennità, il-perjodu għall-validità tad-deroga ma għandux jaqbeż il-ħames snin.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni li jkun bi ħsiebu jagħti awtorizzazzjoni mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-awtorizzazzjoni. F'każ ta' theddida għall-ambjent fl-Unjoni li teħtieġ azzjoni urġenti biex tkun evitata ħsara lill-ambjent, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti awtorizzazzjoni mingħajr notifika minn qabel u għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 44

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u jikkondividu kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar dan ir-Regolament f'intervalli ta' tliet xhur, b'informazzjoni partikolari.

(a) fir-rigward tal-fondi ffriżati skont l-Artikolu 23 u l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 24, 26 u 27;

(b) fir-rigward tal-ksur u tal-problemi ta' infurzar u ta' sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 45

Il-Kummissjoni għandha:

(a) temenda l-Anness II abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri;

▼M7

(b) ►**M15** emenda l-Annessi III, IV, IVA, V, VI, VIA, VIB, VII, VIIA, VIIB, X, XI u XII ◄ fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

▼B

Artikolu 46

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness.

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 23(2) u (3), huwa għandu jemenda l-Anness.

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inkluži r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew evidenza sostanzjali ġdida tigi ppreżentata, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif meħtieġ.

▼B

5. Fil-każ li n-Nazzjonjiet Uniti tiddeċiedi li tneħħi persuna fiżika jew ġuridika, entità, jew korp mil-lista jew li temenda d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat, il-Kunsill għandu jemenda l-Anness.

6. Il-lista fl-Anness IX għandha tiġi eżaminata mill-ġdid f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

Artikolu 47

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali li għalihom isiru provvedimenti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 48

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fis-siti elettroniċi elenkati fl-Anness X. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fl-indirizzi tas-siti tal-internet tagħhom elenkati fl-Anness X.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

3. Fejn dan ir-Regolament jippreżenta obbligu li tiġi nnotifikata infurmata, jew li ssir xi komunikazzjoni oħra mal-Kummissjoni, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness X.

Artikolu 49

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment skont il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, b'mod sħiħ jew parzjalment, ġewwa l-Unjoni.

▼B

Artikolu 50

Ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 huwa b'dan imħassar. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 51

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M7

ANNESS I

PARTI A

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 2(1), (2) u (4), 3(3), 5(1), 6, 8(4), 17(2) u 31(1)

Dan l-Anness jinkludi l-oġġetti u t-teknoloġiji kollha elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 428/2009, kif definiti fih, bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikati fil-parti A kif ukoll bl-eċċezzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' dawk speċifikati fil-Parti C.

	Deskrizzjoni
1.	Sistemi u tagħmir "tas-sigurtà tal-informazzjoni" għall-użu finali għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi u l-għoti ta' servizz tal-internet jew għall-protezzjoni mill-operatur tan-network ta' dawn is-servizzi, inklużi komponenti neċessarji għall-operat, l-istallazzjoni (inkluża l-istallazzjon fuq il-post), il-manutenzjoni (iċċekkjar), it-tiswija, is-servizzi ta' tibdil u aġġornament relatati ma' dawk is-sistemi u tagħmir kif ġej: a. Sistemi, tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" speċifiċi għall-applikazzjoni, moduli u ċirkwiti integrati għas-"sigurtà tal-informazzjoni" relatati ma' networks bħal wifi, 2G, 3G, 4G jew networks fissi (klassiċi, ADSL jew fibra ottika), kif ġej, u komponenti tagħhom imfassla b'mod speċifiku għas-"sigurtà tal-informazzjoni": *N.B.: Għall-kontroll ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) li jirċievu tagħmir li jkun fih jew juża deċifrar (jiġifieri, GPS jew GLONASS), ara 7A005 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.* 1. Imfassla jew modifikati sabiex jużaw "kriptografija" b'metodi diġitali li jeżegwixxu kwalunkwe funzjoni kriptografika minbarra awtentikazzjoni jew firem diġitali u li jkollhom xi wieħed minn dawn li ġejjin: *Noti tekniċi:* 1. Funzjonijiet ta' awtentikazzjoni u firem diġitali jinkludu l-funzjoni assoċjata tagħhom tal-ġestjoni taċ-ċwievet. 2. Awtentikazzjoni tinkludi l-aspetti kollha tal-kontroll tal-aċċess fejn ma hemm l-ebda kodifikazzjoni ta' fajls jew test ħlief kif relatat direttament mal-protezzjoni ta' passwords, Numri ta' Identifikazzjoni Personali (PIN) jew data simili għall-prevenzjoni tal-aċċess mhux awtorizzat. 3. "Kriptografija" ma tinkludix metodi ta' kompressjoni jew kodifikazzjoni ta' data "fissa". *Nota*: 1.a.1. tinkludi tagħmir iddisinjat jew modifikat sabiex juża l-"kriptografija" bl-użu ta' prinċipji analoġiċi meta implimentati b'metodi diġitali. a. "Algoritmu simetriku" li juża tul taċ-ċavetta li jaqbeż is-56 bit; jew b. "Algoritmu asimetriku" fejn is-sigurtà tal-algoritmu tkun ibbażata fuq xi wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Fatturazzjoni ta' numri sħaħ ta' iżjed minn 512-il bit (eż., RSA); 2. Kalkolu ta' logaritmi diskreti fi grupp multiplikattiv ta' kamp finit ta' daqs ikbar minn 512-il bit (eż., Diffie-Hellman fuq Z/pZ); jew 3. Logaritmi diskreti fi grupp għajr dak imsemmi f'1.a.1.b.2 ta' aktar minn 112-il bit (eż, Diffie-Hellman fuq kurva ellittika);

▼M7

	Deskrizzjoni
2.	"Softwer" kif ġej, għall-użu finali għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi, il-forniment ta' servizzi tal-internet jew għall-protezzjoni mill-operatur tan-network ta' dawn is-servizzi: a. "Softwer" iddiżinjat jew modifikat b'mod speċifiku għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'1.a.1 jew "softwer" speċifikat fi 2.b.1; b. "Softwer" speċifiku, kif ġej: 1. "Softwer" li jkollu l-karatteristiċi, jew li jeżegwixxi jew jissimula l-funzjonijiet tat-tagħmir, speċifikat f'5A002.a.1;
3.	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'1.a.1 jew ta' "softwer" speċifikat fi 2.a. jew 2.b.1 ta' din il-lista, għall-użu finali għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi, il-forniment tas-servizzi tal-internet jew għall-protezzjoni mill-operatur tan-network ta' dawn is-servizzi.

PARTI B

L-Artikolu 6 japplika għall-oġġetti li ġejjin:

Element mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009	Deskrizzjoni
0A001	"Reatturi Nukleari" u tagħmir u komponenti ddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku għalihom, kif ġej: a. "Reatturi nukleari"; b. Kontenituri tal-metall, jew partijiet ewlenin prodotti fil-fabbrika għalihom, inkluża l-parti ta' fuq tal-kontenitur tar-reattur għal kontenitur tal-pressjoni ta' reattur, iddiżinjati jew ippreparati speċifikament sabiex jikkontjenu l-qalba ta' "reattur nukleari"; c. Tagħmir manipulattiv iddiżinjat jew ippreparat b'mod speċifiku sabiex jinserixxi jew ineħħi l-karburant f'"reattur nukleari"; d. Vireg tal-kontroll iddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku għall-kontroll tal-proċess ta' fissjoni f'"reattur nukleari", strutturi ta' appoġġ jew ta' sospensjoni għalihom, mekkaniżmi li jħaddmu l-vireg u tubi gwida tal-vireg; e. Tubi ta' pressjoni ddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku sabiex ikun fihom elementi ta' karburant u l-aġent tat-tkessiħ primarju f'"reattur nukleari" fi pressjoni operattiva ta' aktar minn ta' 5,1 MPa; f. Metall u ligi taż-żirkonju fil-forma ta' tubi jew assemblaġġi ta' tubi li fihom il-proporzjon ta' ħafnju għal żirkonju huwa inqas minn 1:500 parti bl-użin, iddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku għall-użu f'"reattur nukleari"; g. Pompi ta' aġenti tat-tkessiħ iddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku għaċ-ċirkulazzjoni tal-aġent tat-tkessiħ primarju ta' "reatturi nukleari"; h. "Interni ta' reatturi nukleari" ddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku għall-użu f'"reattur nukleari", inklużi kolonni ta' appoġġ għall-qalba, kanali tal-karburant, tarki termali, defletturi, pjanċi tal-grilja tal-qalba, u pjanċi ta' diffużjoni; *Nota: F'0A001.h "interni ta' reatturi nukleari" tfisser kwalunkwe struttura ewlenija fil-kontenitur ta' reattur li għandha funzjoni waħda jew aktar bħal li tappoġġa l-qalba, li żżomm l-allinjament tal-karburant, tidderieġi l-fluss tal-aġent tat-tkessiħ primarju, tipprovdi tarki tar-radjazzjoni għar-reċipjent tar-reattur, u tiggwida l-istrumentazzjoni fil-qalba.*

▼M7

Element mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009	Deskrizzjoni
	i. Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana (ġeneraturi tal-fwar) iddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku għal użu fiċ-ċirkwit tal-aġent tat-tkessiħ primarju ta' "reattur nukleari"; j. Strumenti għar-rilevament u t-tkejjil tan-newtroni ddiżinjati jew ippreparati b'mod speċifiku sabiex jiddeterminaw il-livelli ta' fluss ta' newtroni fil-qalba ta' "reattur nukleari".
0C002	Uranju b'konċentrazzjoni baxxa kopert b'0C002 meta jkun inkorporat f'elementi ta' karburanti nukleari kkombinati

PARTI C

Element mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009	Deskrizzjoni
5A002	Sistemi tas-"sigurtà tal-informazzjoni" u t-tagħmir u l-komponenti għalihom, kif ġej: a. Sistemi, tagħmir, "assemblaġġi elettroniċi" speċifiċi għall-applikazzjoni, moduli u ċirkwiti integrati għas-"sigurtà tal-informazzjoni", kif ġej, u komponenti mfassla b'mod speċifiku għalihom: *N.B.: Għall-kontroll ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) li jirċievu tagħmir li jkun fih jew juża deċifrar (jiġifieri, GPS jew GLONASS), ara 7A005.* 1. Imfassla jew modifikati sabiex jużaw "kriptografija" b'metodi diġitali li jeżegwixxu kwalunkwe funzjoni kriptografika minbarra awtentikazzjoni jew firem diġitali u li jkollhom xi wieħed minn dawn li ġejjin: *Noti tekniċi:* 1. *Funzjonijiet ta' awtentikazzjoni u firem diġitali jinkludu l-funzjoni assoċjata tagħhom tal-ġestjoni taċ-ċwievet.* 2. *Awtentikazzjoni tinkludi l-aspetti kollha tal-kontroll tal-aċċess fejn ma hemm l-ebda kodifikazzjoni ta' fajls jew test ħlief kif relatat direttament mal-protezzjoni ta' passwords, Numri ta' Identifikazzjoni Personali (PIN) jew data simili għall-prevenzjoni tal-aċċess mhux awtorizzat*. 3. *"Kriptografija" ma tinkludix metodi ta' kompressjoni jew kodifikazzjoni ta' data "fissa".* *Nota:* 5A002.a.1. tinkludi tagħmir iddiżinjat jew modifikat sabiex juża l-kriptografija bl-użu ta' prinċipji analoġiċi meta mħaddma b'metodi diġitali. a. "Algoritmu simetriku" li juża tul taċ-ċavetta li jaqbeż is-56 bit; jew b. "Algoritmu asimetriku" fejn is-sigurtà tal-algoritmu tkun ibbażata fuq xi wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Fatturazzjoni ta' numri sħaħ ta' iżjed minn 512-il bit (eż., RSA); 2. Kalkolu ta' logaritmi diskreti fi grupp multiplikattiv ta' kamp finit ta' daqs ikbar minn 512-il bit (eż., Diffie-Hellman fuq Z/pZ); jew 3. Logaritmi diskreti fi grupp għajr dak imsemmi f'5A002.a.1.b.2. ta' aktar minn 112-il bit (eż, Diffie-Hellman fuq kurva elittika);

▼**M7**

Element mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009	Deskrizzjoni
5D002	"Softwer" kif ġej: a. "Softwer" iddiżinjat jew modifikat b'mod speċifiku għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'5A002.a.1 jew ta' "softwer" speċifikat f'5D002.c.1; c. "Softwer" speċifiku, kif ġej: 1. "Softwer" li jkollu l-karatteristiċi, jew li jeżegwixxi jew jissimula l-funzjonijiet tat-tagħmir, speċifikat f'5A002.a.1; *Nota*: *5D002 ma tkoprix "softwer" kif ġej:* a. *"Softwer" meħtieġ għall-"użu" ta' tagħmir eskluż mill-kontroll bin-Nota għal 5A002*; b. *"Softwer" li jipprovdi xi waħda mill-funzjonijiet tat-tagħmir eskluż mill-kontroll bin-Nota għal 5A002.*
5E002	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'5A002.a.1 jew ta' "softwer" speċifikat f'5D002.a. jew 5D002.c.1 ta' din il-lista.

▼B

ANNESS II

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 2(1), 2(2) u 2(4), 3(3), 5(1), 8(4), 17(2), 31(1) u 45

NOTI TA' INTRODUZZJONI

1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, in-numri ta' referenza użati fil-kolonna intitolata "Deskrizzjoni" jirreferu għal deskrizzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju u teknoloġija stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

2. Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna intitolata "Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009" ifisser li l-karatteristiċi tal-oġġett deskritt fil-kolonna "Deskrizzjoni" huma barra mill-parametri tad-deskrizzjoni tal-annotazzjoni b'użu doppju li għaliha qed issir referenza.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti singoli" jinsabu f'nota teknika għall-oġġett relevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-projbizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness ma għandux jiġi ffrustrat mill-esportazzjoni ta' kwalunkwe merkanzija mhux ipprojbita (inkluż impjant) li fihom komponent wieħed jew aktar li huma pprojbiti meta l-komponent jew il-komponenti pprojbiti jkunu l-element prinċipali tal-merkanzija u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal finijiet oħrajn.

   N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien teknoloġiku involut u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew il-komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-merkanzija li qed jiġu akkwistati.

2. Il-merkanzija speċifikata f'dan l-Anness tinkludi kemm merkanzija ġdida kif ukoll dik użata.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

(Għandha tinqara flimkien mat-Taqsima II.B.)

1. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti li huwa pprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom fil-Parti A (Oġġetti) ta' hawn taħt, huwa pprojbit skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II.B.

2. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija kkontrollata fil-Parti A (Oġġetti) ►C1 tal-Anness III ◄, huma pprojbiti skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II.B.

3. It-"Teknoloġija"'"meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' prodotti pprojbiti tibqa' pprojbita anke meta tkun applikabbli għal oġġetti mhux ipprojbiti.

4. Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex ipprojbiti jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 jew dan ir-Regolament.

▼B

5. Il-projbizzjonijiet fuq trasferiment ta' "teknoloġija" ma japplikawx għall-informazzjoni "ta' dominju pubbliku", għal "riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet ta' privattivi.

II.A. **OĠĠETTI**

A0. **Materjali, Faċilitajiet u Tagħmir Nukleari**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A0.001	Lampi tal-katodju, vojta minn ġewwa, kif ġej: a. Lampi tal-jodju bil-katodu vojt bi twieqi tas-silikon pur jew tal-kwarz b. Lampi bil-katodu vojt tal-uranju	—
II.A0.002	Iżolaturi Faraday fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm – 650 nm	—
II.A0.003	Gradi ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm – 650 nm	—
II.A0.004	Fibri ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm – 650 nm miksijin b'saffi li ma jirriflettux fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm – 650 nm u li għandhom dijametru ċentrali ta' iktar minn 0,4 mm iżda mhux iktar minn 2 mm	—
II.A0.005	Komponenti ta' kontenituri ta' reatturi nukleari u tagħmir tal-ittestjar, minbarra dawk speċifikati f'0A001, kif ġej: 1. Siġilli 2. Komponenti interni 3. Tagħmir tal-issiġillar, tal-ittestjar u ta' kejl	0A001
II.A0.006	Sistemi ta' skoperta nukleari għall-iskoperta, l-identifikazzjoni jew il-kwantifikazzjoni ta' materjali radjuattivi u r-radjazzjoni ta' oriġini nukleari u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom, minbarra dawk speċifikati f'0A001.j jew 1A004c.	0A001.j 1A004.c
II.A0.007	Valvijiet issiġillati bl-imniefaħ magħmulin minn liga tal-aluminju jew it-tip 304, 304L jew 316L tal-azzar li ma jissaddadx. *Nota: Dan l-oġġett ma jikkontrollax valvijiet tal-imniefaħ definiti f'0B001.c.6 u 2A226.*	0B001.c.6 2A226
II.A0.008	Mirja tal-laser, minbarra dawk speċifikati f'6A005.e, li jikkonsistu f'sottostrati li għandhom koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' $10\text{-}^{6}K\text{-}^{1}$ jew inqas f'20°C (eż. silika mdewba jew żaffir). *Nota: Din l-annotazzjoni ma tkoprix sistemi ottiċi ddiżinjati speċjalment għal applikazzjonijiet ta' astronomija, minbarra jekk il-mirja jkun fihom silika fuża.*	0B001.g.5, 6A005.e
II.A0.009	Lentijiet tal-lejżer, barra minn dawk speċifikati f'6A005.e.2, li jikkonsistu f'substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' bejn $10\text{-}^{6}K\text{-}1$ jew inqas f'20°C (eż. silika fuża).	0B001.g, 6A005.e.2
II.A0.010	Pajpijiet, sistemi ta' pajpijiet, aċċessorji magħmula minn jew miksija bin-nikel, jew lega tan-nikel, li jkollha aktar minn 40% nikel bil-piż, barra minn dawk speċifikati f'2B350.h.1.	2B350

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A0.011	Pompi tal-vakwu, barra minn dawk speċifikati f'0B002.f.2 jew 2B231, kif ġej: Pompi turbomolekulari li jkollhom rata ta' fluss ta' 400 l/s jew aktar, Pompi tal-vakwu li jduru tat-tip "roots" li għandhom rata ta' fluss aspirattiva volumetrika akbar minn 200 m^3/h. Kumpressuri tax-xott f'forma ta' spiral bil-minfaħ u pompi vojta minn ġewwa f'forma ta' spiral bil-minfaħ.	0B002.f.2, 2B231
II.A0.012	Għeluq protett għall-manipulazzjoni, il-ħżin u l-immaniġġjar ta' sustanzi radjuattivi (Ċelloli jaħarqu).	0B006
II.A0.013	"Uranju naturali" jew "uranju eżawrit" jew torju fil-forma ta' metall, lega, kompost kimiku jew konċentrat u kull materjal ieħor li fih wieħed jew iktar minn dawn is-sustanzi msemmija, barra minn dawk speċifikati f'0C001.	0C001
II.A0.014	Kmamar tad-detonazzjoni li għandhom kapaċità li jassorbu splużjoni ekwivalenti għal aktar minn 2.5kg ta' TNT.	—

A1. **Materjali, kimiċi, "mikroorganiżmi" u "tossini"**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.001	Solvent abbażi ta' aċidu bis (2-ethylhexyl) fosforiku (HDEHP jew D2HPA) CAS 298-07-7 fi kwalunkwe kwantità, b'purezza ta' iktar minn 90%.	—
II.A1.002	Gass fluworin (Numru tal-Astratt tal-Kimika (CAS): 7782-41-4), b'purezza mill-inqas ta' 95%.	—
II.A1.005	Ċelluli elettrolitiċi għall-produzzjoni tal-fluworu b'kapaċità ta' produzzjoni ikbar minn 100 g ta' fluworin fis-siegħa. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix ċelloli elettrolitiċi definiti fil-punt 1B225.*	1B225
II.A1.006	Katalizzaturi, minbarra dawk ipprojbiti minn 1A225, li fihom il-platinu, il-palladju jew ir-rodju, li jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tar-reazzjoni ta' skambju isotopiku tal-idroġenu bejn l-idroġenu u l-ilma għall-irkuprar tat-tritju mill-ilma tqil jew għall-produzzjoni ta' ilma tqil.	1B231, 1A225
II.A1.007	Aluminju u l-ligi tiegħu, minbarra dawk speċifikati f'1C002.b.4 jew 1C202.a, f'forma mhux raffinata jew semi-fabbrikata li għandha kwlaunkwe mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi għal limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 460 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); jew b. Reżistenza għat-tensjoni ta' 415 MPa jew aktar f'298 K (25 °C).	1C002.b.4, 1C202.a
II.A1.008	Metalli bil-kalamita, ta' kull tip u ta' kwalunkwe forma, li għandhom permeabbiltà relattiva inizjali ta' 120 000 jew aktar u ħxuna bejn 0,05 u 0,1 mm.	1C003.a

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.009	"Materjali fibruži u bil-filamenti" jew prepregs, kif ġej: **N.B. ARA WKOLL II.A1.019.a.** a. 'Materjali fibruži jew filamentari' tal-karbonju jew ta' l-aramid li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" li jaqbeż l-10×10^6 m; jew 2. "qawwa speċifika tal-materjal" li taqbeż is-17×10^4 m; b. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-ħġieġ li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" li jaqbeż it-$3{,}18 \times 10^6$ m; jew 2. "qawwa speċifika tal-materjal" li taqbeż is-$76{,}2 \times 10^3$ m; c. 'Ħjut', 'faxex tal-fibra', 'wajers' jew 'tejps' kontinwament imprenjati bir-reżina fformata bis-sħana b'wisa' ta' 15 mm jew inqas (preimprenjati darba), magħmula mill-'materjali fibruži jew filamentari' tal-karbonju jew tal-ħġieġ minbarra dawk speċifikati f'II.A1.010.a. jew b. *Nota: Din l-annotazzjoni ma tkoprix materjali fibruži jew filamentari definiti fl-annotazzjonijiet 1C010.a, 1C010.b, 1C210.a and 1C210.b.*	1C010.a 1C010.b 1C210.a 1C210.b
II.A1.010	Fibri imprenjati mir-reżina jew miż-żift/qatran (preimprenjati), fibri tal-metall jew miksija bil-karbonju (preformati) jew "preformati tal-fibri tal-karbonju", kif ġej: a. Magħmula mill-"materjali fibruži jew filamentari" speċifikati f'II.A1.009 hawn fuq; b. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-karbonju imprenjati b'"matriċi" tar-reżina epossidika (preimprenjati), speċifikati f'1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, għat-tiswija ta' strutturi jew laminati ta' inġenji tal-ajru, fejn id-daqs tal-folji inividwali mhuwiex aktar minn 50 cm × 90 cm; c. Preimprenjati speċifikati f'1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, meta imprenjati b'reżini fenoliċi jew epossidiċi li jkollhom temperatura tat-tranżizzjoni tal-ħġieġ (Tg) inqas minn 433 K (160 °C) u temperatura tal-kura aktar baxxa mit-temperatura tat-tranżizzjoni tal-ħġieġ. *Nota: Din l-annotazzzjoni ma tkoprix materjali fibruži jew filamentari definiti fl-annotazzjoni 1C010.e.*	1C010.e 1C210
II.A1.011	Komposti riinfurzati taċ-ċeramika tas-silikon karbajd li jistgħu jintużaw għall-ponta, għal vetturi ta' rientrata, għal portelli taż-żennuni, u li jintużaw f'"missili", barra minn dawk speċifikati f'1C107.	1C107
II.A1.012	Azzar maraging, barra dak speċifikat f'1C116 jew 1C216, "kapaċi għal" qawwa aħħarija ta' tensjoni ta' 2 050 MPa jew iktar, b'293 K (20 °Ċ). *Nota Teknika:* *Il-fraži 'azzar maraging kapaċi għal' tinkorpora azzar maraging qabel jew wara t-trattament bis-sħana.*	1C216

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.013	Tungstenu, tantalu, karbid tat-tungstenu, karbid tat-tantalu u ligi, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. F'forom b'simmetrija ċilindrika jew sferika vojta (inklużi segmenti taċ-ċilindru) b'dijametru intern bejn 50 mm u 300 mm; kif ukoll b. Massa ta' aktar minn 5 kg; *Nota: Dan il-punt ma jkoprix tungstenu, karbid tat-tungstenu u ligi definiti fil-punt 1C226.*	1C226
II.A1.014	Trabijiet elementali tal-kobalt, tan-neodimju jew tas-samarju jew ligi jew taħlitiet tagħhom li fihom tal-inqas 20% f'piż tal-kobalt, in-neodimju jew is-samarju, b'daqs tal-partikola inqas minn 200 μm.	—
II.A1.015	Fosfat tat-tributil pur (TBP) [CAS Nru 126-73-8] jew kwalunkwe taħlita b'kontenut tat-TBP ta' aktar minn 5% f'piż.	—
II.A1.016	Azzar maraging, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C116, 1C216 jew II.A1.012 *Nota Teknika:* *Azzar maraging huma ligi tal-ħadid ġeneralment karatterizzati minn kontenut għoli ta' nikil, kontenut baxx ħafna ta' karbonju u l-użu ta' elementi ta' sostituzjoni jew preċipitati sabiex jipproduċu t-tisħiħ u t-twebbis biż-żmien tal-liga.*	—
II.A1.017	Metalli, trabijiet u materjal tal-metall kif ġej: a. Tungstenu u ligi tat-tungstenu, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C117, fil-forma ta' partikoli uniformi sferikali jew atomizzati b'dijametru ta' 500μm jew inqas b'kontenut tat-tungstenu ta' 97% f'piż jew aktar; b. Molibdenu u ligi tal-molibdenu, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C117, fil-forma ta' partikoli uniformi sferikali jew atomizzati b'dijametru ta' 500μm jew inqas b'kontenut tal-molibdenu ta' 97% f'piż jew aktar; c. Materjali tat-tungstenu fil-forma solida, minbarra dawk ipprojbiti minn 1C226, jew II.A1.013 b'kompożizzjonijiet ta' materjali kif ġej: 1. Tungstenu jew ligi li fihom 97% f'piż jew aktar ta' tungstenu; 2. Tungstenu infiltrat bir-ram li fih 80% f'piż jew aktar ta' tungstenu; jew 3. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih 80% f'piż jew aktar ta' tungstenu.	—
II.A1.018	Ligi manjetiċi morbidi li għandhom kompożizzjoni kimika kif ġej: (a) Kontenut tal-ħadid bejn 30% u 60%, u (b) Kontenut tal-kobalt bejn 40% u 60%.	—

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.019	“Materjali fibrużi jew filamentari” jew prepregs, li mhumiex ipprojbiti mill-Anness I jew mill-Anness II (taħt II.A1.009, II.A1.010) ta’ dan ir-Regolament, jew li mhumiex speċifikati mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009, kif ġej: (a) "Materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju; *Nota: II.A1.019a ma jkoprix drappijiet.* (b) "Ħjut", "rovings", "irmunkar" jew "rutelli" kontinwi li huma ssettjati bis-sħana u fihom ir-reżina magħmula minn "materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju; (c) “Ħjut”, “rovings”, “irmunkar” jew “rutelli” kontinwi tal-polyacrylonitrile (PAN)	—

A2. **Ipproċessar ta' Materjali**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A2.001	Sistemi ta’ prova ta’ vibrazzjoni, tagħmir u komponenti tagħhom, minbarra dawk speċifikati f’2B116: a. Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' retroazzjoni jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 0.1g rms bejn 0.1 Hz u 2 kHz u jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' 'mejda vojta'; b. Kontrolluri diġitali, flimkien ma’ “softwer” tal-ittestjar tal-vibrazzjoni mfassla b'mod speċjali, b’faxxa tal-frekwenza ta’ kontroll f’ħin reali ta’ aktar minn 5 kHz imfassla għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f’a.; c. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b' 'mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f'a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi mfassla sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' 'mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati f'a. *Nota Teknika:* *'Mejda vojta' tfisser mejda ċatta, jew wiċċ mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.*	2B116
II.A2.002	Għodod bil-magna u komponenti u kontrolli numeriċi għall-għodod bil-magna, kif ġej: a. Għodod bil-magni għat-tħin li għandhom il-preċiżjoni tal-pożizzjoni bil-"kumpens kollu disponibbli" li hu ndaqs jew inqas (aħjar) minn 15 μm skont ISO 230/2 (1988) (1) jew ekwivalenti nazzjonali matul xi wieħed mill-assi lineari; *Nota: Dan il-punt ma jkoprix għodod bil-magni għat-tħin definiti fil-punti 2B201.b u 2B001.c.* b. Komponenti u kontrolli numeriċi, imfassla b'mod speċjali għall-għodod bil-magni speċifikati f'2B001, 2B201, jew taħt a.	2B201.b 2B001.c

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A2.003	Magni tal-ibbilanċjar u tagħmir relatat, kif ġej: a. Magni tal-ibbilanċjar, magħmula jew modifikati għal apparat dentali jew mediku ta' xorta oħra, li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Mhumiex kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; kif ukoll 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g × mm għal kull kg ta' massa li ddur; b. Irjus indikaturi mfassla jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'a hawn fuq. *Nota Teknika:* *Irjus indikaturi huma kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar.*	2B119
II.A2.004	Manipulaturi minn distanza li jistgħu jintużaw biex jipprovdu azzjonijiet minn distanza f'operazzjonijiet ta' separazzjoni radjukimika jew ċelluli jaħarqu, minbarra dawk speċifikati f'2B225, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi jippenetraw 0,3 m jew aktar f'ħajt ta' ċellula taħraq (operazzjoni tat-tip minn ġol-ħajt); jew b. Kapaċi jgħaddu minn fuq naħa għal oħra ta' ħajt ta' cellula taħraq bi ħxuna ta' 0,3 m jew aktar (operazzjoni tat-tip minn fuq il-ħajt).	2B225
II.A2.006	Fran li kapaċi jaħdmu f'temperaturi ta' aktar minn 400 °C kif ġej. a. Fran ta' ossidazzjoni b. Fran għat-trattament bis-sħana f'atmosfera kkontrollata *Nota: Dan il-punt ma jkoprix tunnel kilns li jimxu fuq roller jew permezz ta' karozza, tunnel kilns b'conveyor belt, kilns tat-tip li jiġu mbuttati jew shuttle kilns, imfassla b'mod speċjali għall-produzzjoni tal-ħġieġ, ċeramika għall-mejda jew ċeramika strutturali.*	2B226 2B227
II.A2.007	"Apparat maħsub sabiex jibdel sinjal ta' pressjoni f'sinjal ellettriku" (pressure transducers), minbarra dawk iddefiniti f'2B230, li hu kapaċi jkejjel pressjonijiet assoluti f'kull punt tal-iskala minn 0 sa 200 kPa u li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Elementi sensibbli għall-pressjoni magħmula jew protetti minn "Materjali reżistenti għat-tmermir mill-eżafluworidu tal-uranju (UF_6)", kif ukoll b. Li jkollhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Skala sħiħa ta' inqas minn 200 kPa u "preċiżjoni" ta' aħjar minn ±1% ta' skala sħiħ; jew 2. Skala sħiħa ta' 200 kPa jew aktar u "preċiżjoni" aħjar minn 2 kPa.	2B230

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A2.011	Separaturi ċentrifugali, b'kapaċità ta' separazzjoni kontinwa mingħajr propagazzjoni ta' erosols u manifatturati minn: 1. Ligi b'aktar minn 25% nikil u 20% kromju f'piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil f'piż; 5. Tantalu jew ligi tat-tantalu; 6. Titanju jew ligi tat-titanju; jew 7. Żirkonju jew legi taż-żirkonju; *Nota: Dan il-punt ma jkoprix separaturi ċentrifugali definiti fil-punt 2B352.c.*	2B352.c
II.A2.012	Filtri tal-metall magħquda mit-trab permezz tas-sħana (sintered) magħmula min-nikil jew ligi tan-nikil b'kontenut ta' nikil ta' 40% jew aktar f'piż. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix filtri definiti fil-punt 2B352.d.*	2B352.d
II.A2.013	Magni spin-forming u magni flow-forming, minbarra dawk ikkontrollati minn 2B009, 2B109 jew 2B209, li għandhom forza tar-roller ta' aktar minn 60 kN u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom. *Nota Teknika:* *Għall-finijiet ta' II.A2.013, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' spin-forming u flow-forming huma meqjusa bħala magni flow-forming.*	—
II.A2.014	Kuntatturi likwidu-likwidu (mixxelaturi separaturi, kolonni pulsati, kuntatturi ċentrifugi); u distributuri ta' likwidi, distributuri ta' fwar jew oġġetti għall-ġbir ta' likwidu mfassla għal tagħmir bħal dan, fejn kull wieċ li jiġi f'kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li tkun/ikunu pproċessata/pproċessati jkunu kwalunkwe wieħed milli ġejjin: ►C1 **N.B. ARA WKOLL III.A2.008**. ◄ a. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b'aktar minn 25% nikil u 20% kromju f'piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Grafit jew 'grafit tal-karbonju'; 5. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil f'piż; 6. Tantalu jew ligi tat-tantalu;	2B350.e

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	7. Titanju jew ligi tat-titanju; jew 8. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; jew b. Magħmul kemm mill-azzar li ma jissaddadx u wieħed jew aktar materjali speċifikati fi II.A2.014.a. *Nota Teknika:* *"Grafit tal-karbonju" hu kompożizzjoni ta' karbonju u grafit amorfu, li fiha l-kontenut ta' grafit hu ta' 8% jew aktar fil-piż.*	
II.A2.015	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d., kif ġej: ►C1 **N.B. ARA WKOLL III.A2.009.** ◄ Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi b'wiċċ għat-trasferiment tas-sħana ikbar minn $0.05m^2$, u inqas minn $30m^2$; u tubi, folji, serpentini jew blokki (nuklei) mfassla għal dan it-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha f'kuntatt dirett mal-fluwidu/i jkunu kwalunkwe wieħed milli ġejjin: a. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b'aktar minn 25% nikil u 20% kromju f'piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Grafit jew 'grafit tal-karbonju'; 5. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil f'piż; 6. Tantalu jew ligi tat-tantalu; 7. Titanju jew ligi tat-titanju; 8. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; 9. Karbur tas-silikon; jew 10. Karbur tat-titanju; jew b. Magħmul kemm mill-azzar li ma jissaddadx u wieħed jew aktar materjali speċifikati fi II.A2.015.a. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix ir-radjaturi tal-vetturi.* *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tat-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana.*	2B350.d

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A2.016	Pompi b'siġilli multipli jew bla siġill, barra minn dawk speċifikati f'2B350i, tajbin għal fluwidi li jnawru, b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 0,6m^3 fis-siegħa, jew pompi tal-vakwu b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 5m^3/fis-siegħa [mkejla f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura ta' (273 K jew 0 ºĊ) u ta' pressjoni ta' (101,3 kPa)]; u kejsings (pump bodies), kisi ta' kejsings, disk b'għadd ta' pali ffittjati miegħu storjat f'kàver biex jiċċirkola l-ilma minflok b'pompa għal ġol-ġakits taċ-ċilindri, rotors jew pompi tal-merżuq biż-żennuna mfassla għal pompi bħal dawn, fejn kull wiċċ li jkollu kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li qed tkun/ikunu proċessata/proċessati jkunu kwalunkwe wieħed milli ġejjin: **►C1 N.B. ARA WKOLL III.A2.010. ◄** a. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b'aktar minn 25% nikil u 20% kromju f'piż; 2. Ċeramiki; 3. Ferrosilikon; 4. Fluworopolimeri; 5. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enemel jew kisjiet tal-ħġieġ); 6. Grafit jew "grafit tal-karbonju"; 7. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil f'piż; 8. Tantalu jew ligi tat-tantalu; 9. Titanju jew ligi tat-titanju; 10. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; 11. Nijobju (columbium) jew ligi tan-nijobju; jew 12. Ligi ta' aluminju; jew b. Magħmul kemm mill-azzar li ma jissaddadx u wieħed jew aktar materjali speċifikati fi II.A2.016.a. *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tal-pompa.*	2B350.i

A3. **Elettronika**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A3.001	Provvisti ta' enerġija ta' kurrent dirett ta' vultaġġ għoli li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li jipproduċu kontinwament, fuq perijodu ta' ħin ta' tmien sigħat, 10 kV jew aktar, bi produzzjoni ta' kurrent ta' 5 kW jew aktar bl-isweeping jew mingħajru; kif ukoll b. Kurrent jew stabbiltà ta' vultaġġ aħjar minn 0,1% fuq perijodu ta' ħin ta' erba' sigħat. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix provvisti ta' enerġija definiti fil-punti 0B001.j.5 u 3A227.*	3A227

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A3.002	Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati f'3A233 jew 0B002.g, kapaċi jkejlu joni ta' unità ta' massa atomika daqs jew akbar minn 200 u li għandhom riżoluzzjoni ta' aħjar minn 2 partijiet f'200, kif ġej, u s-sorsi ta' joni għalihom: a. Spettrometri tal-massa bil-plażma b'akkoppjament induttiv (ICP/MS); b. Spettrometri tal-massa li jitfgħu dawl inkandexxenti (GDMS); c. Spettrometri tal-massa b'jonizzazzjoni termika (TIMS); d. Spettrometri tal-massa b'bumbardament ta' elettroni li għandhom kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b' 'materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-uranju eżafluworidu UF_6'; e. Spettrometri tal-massa b'raġġi molekulari li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'azzar li ma jissaddadx jew molibdenu u mgħammra bi trappola tal-kesħa li kapaċi tkessaħ sa 193 K (– 80°C) jew anqas; jew 2. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-uranju eżafluworidu (UF_6)"; f. Spettrometri tal-massa mgħammra b'sors joniku ta' mikrofluworizzazzjoni mfassla għal aktinidi jew fluworidi tal-aktinid.	3A233
II.A3.003	Varjaturi tal-frekwenza jew ġeneraturi, minbarra dawk ipprojbiti minn 0B001 jew 3A225, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti u softwer ddisinajti speċjalment għalihom: a. Ħruġ multifażi li kapaċi jipprovdi qawwa ta' 40 W jew aktar; b. Kapaċi jaħdmu fil-medda ta' frekwenzi bejn 600 u 2 000 Hz; kif ukoll c. Kontroll tal-frekwenza aħjar (anqas) minn 0,1%. *Nota Teknika:* *Varjaturi tal-frekwenza f'II.A3.003 huma magħrufa wkoll bħala konvertituri jew invertituri.*	—

A6. **Sensuri u Lejżers**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A6.001	Vireg tal-granata ta' ittriju tal-aluminju (YAG)	—
II.A6.002	Tagħmir ottiku u komponenti, minbarra dawk speċifikati f'6A002, 6A004.b kif ġej: Ottiċi bl-infrared fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 9 000 μm – 17 000 nm u komponenti tagħhom, inkluż komponenti tal-tellurur tal-kadmju (CdTe).	6A002 6A004.b
II.A6.003	Sistemi ta' korrezzjoni tal-front ta' mewġa għall-użu b'raġġ tal-lejżer li għandu dijametru ta' iktar minn 4 mm, u komponenti disinjati speċjalment għal dan, inklużi sistemi ta' kontroll, sensuri phase front u "mirja deformabbli" inklużi mirja bimorf. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix mirja definiti f'6A004.a, 6A005.e u 6A005.f.*	6A003

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A6.004	"Lejżers" tal-jonju argon li għandhom enerġija ta' ħruġ ugwali għal 5 W, jew aktar *Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax "lejżers" tal-argon jonizzat definiti fil-punti 0B001.g.5., 6A005 u 6A205.a.*	6A005.a.6 6A205.a
II.A6.005	"Lejżers" semikondutturi u l-komponenti tagħhom, kif ġej: a. "Lejżers" individwali semikondutturi li jipproduċu qawwa ta' aktar minn 200 mW kull wieħed, fi kwantitajiet ta' aktar minn 100; b. Armaturi tal-"lejżer" semikondutturi li jipproduċu qawwa ta' aktar minn 20 W. *Noti:* 1. *"Lejżers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi "lejżer".* 2. *Din l-annotazzjoni ma tkoprix "lejżers" definiti fl-annotazzjonijiet 0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.b.* 3. *Din l-annotazzjoni ma tkoprix dijodi tal-"lejżer" b'tul ta' mewġ fil-limitu ta' 1 200 nm – 2 000 nm.*	6A005.b
II.A6.006	"Lejżers" tas-semikondutturi sintonizzabbli u armaturi tal-"lejżers" tas-semikondutturi sintonizzabbli, ta' tul ta' mewġ ta' bejn 9 μm u 17 μm, kif ukoll armaturi ta' "lejżers" tas-semikondutturi li jkun fihom mill-anqas "armatura tal-lejżer" waħda sintonizzabbli ta' dak it-tul ta' mewġ. *Noti:* 1. *"Lejżers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi "lejżer".* 2. *Dan il-punt ma jikkontrollax "lejżers" definiti fil-punti 0B001.h.6 u 6A005.b*	6A005.b
II.A6.007	"Lejżers""sinkronizzabbli" fi stat solidu u elementi mfassla b'mod speċjali għalihom, kif ġej: a. Lejżers taż-żaffir-titanju, b. Lejżers bl-alessandrite. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix lejżers taż-żaffir titanju u lejżers alessandriti definiti fil-punti 0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.c.1.*	6A005.c.1
II.A6.008	"Lejżers" iddopati bin-neodimju (għajr ħġieġ), b'tul ta' mewġ talħruġ li jaqbeż l-1 000 nm iżda ta' mhux iżjed minn 1 100 nm u enerġija ta' ħruġ li teċċedi 10 J kull impuls. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix 'lejżers' iddopati bin-neodimju (għajr ħġieġ) definiti fil-punt 6A005.c.2.b.*	6A005.c.2
II.A6.009	Komponenti ta' akustiċiottiċi, kif ġej: a. Tubi għall-iffrejmjar u għodda għall-immaġni fl-istat solidu li għandhom frekwenza ta' rikorrenza daqs 1kHz jew akbar; b. Provvisti ta' frekwenza ta' rikorrenza; c. Ċelloli ta' Pockels.	6A203.b.4.c
II.A6.010	Kameras reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'6A203.c, iddisinjati apposta, jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50×10^3 Gy(silikon) (5×10^6 rad (silikon)) mingħajr degradazzjoni operattiva. *Nota Teknika:* *It-terminu Gy(silikon) jirreferi għall-enerġija f'Joules għal kull kilogramm li hija assorbita minn kampjun mhux protett tas-silikon meta espost għar-radjazzjoni jonizzanti.*	6A203.c

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A6.011	Amplifikaturi u oxxillaturi lejżer bl-impulsi b'koloranti li jistgħu jiġu kkurdati, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 300 nm u 800 nm; 2. Jipproduċu qawwa medja ta' aktar minn 10 W iżda mhux aktar minn 30 W; 3. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 1 kHz; kif ukoll 4. Wisa' tal-impuls inqas minn 100 ns. *Noti:* 1. *Dan il-punt ma jkoprix l-oxxillaturi b'modalità waħda.* 2. *Dan il-punt ma jkoprix amplifikaturi u oxxillaturi lejżer bl-impulsi b'koloranti li jistgħu jiġu kkurdati definiti fil-punti 6A205.c, 0B001.g.5 u 6A005.*	6A205.c
II.A6.012	"Lejżers" bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 9 000 nm u 11 000 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 Hz; 3. Għandhom qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 100 W iżda li ma taqbiżx it-500 W; kif ukoll 4. Wisa' tal-impuls inqas minn 200 ns. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix amplifikaturi u oxxillaturi lejżer bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju definiti fil-punti 6A205.d, 0B001.h.6 u 6A005.d.*	6A205.d
II.A6.013	"Lejżers" ta' fwar tar-Ram li għandhom dawn iż-żewġ karateristiċi li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 500 nm u 600 nm; kif ukoll 2. Qawwa medja ta' ħruġ daqs jew aktar minn 15W;	6A005.b
II.A6.014	"Lejżers" bl-impulsi tal-monossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 5 000 nm u 6 000 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 Hz; 3. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 100 W; kif ukoll 4. Wisa' tal-impuls ta' inqas minn 200 ns; *Nota: Dan l-oġġett ma jikkontrollax lejżers industrijali tal-monossidu tal-karbonju b'enerġija ogħla (tipikament bejn 1 sa 5kW) li jintużaw f'applikazzjonijiet bħall-qtugħ u wweldjar hekk kif dawn il-lejżers tal-aħħar jużaw mewġa kontinwa jew jużaw impuls li jkollu wisa' tal-impuls ta' akbar minn 200 ns.*	

A7. **Navigazzjoni u Avjoniċi**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A7.001	Sistemi inerzjali ta' navigazzjoni u komponenti mfassla b'mod speċifiku għalihom, kif ġej: I. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali ċċertifikati għall-użu fuq "inġenji tal-ajru ċivili" mill-awtoritajiet ċivili ta' Stat parteċipant fil-Ftehim ta' Wassenaar, u l-komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom, kif ġej: a. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali (INS) (gimballed jew strapdown) u tagħmir inerzjali ddisinjat għall-"ajruplan", "vettura tal-art" jew "vettura tal-ispazju" għall-attitudni, gwida jew kontroll, li jkollu kwalunkwe mis-segwenti karrateristiċi, u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom:	7A003 7A103

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	1. Żball ta' navigazzjoni (liberu inerzjali) sussegwenti għal allinjament normali ta' 0,8 mili nawtiċi fis-siegħa (nm/hr) Probabbiltà ta' Żball Ċirkulari (CEP) jew anqas (aħjar); jew 2. Speċifikati sabiex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni lineari li jeċċedu l-10 g; b. Sistemi ta' Navigazzjoni Ibridi Inerzjali, li jkunu jinstabu f'Sistema/i ta' Satellita Globali ta' Navigazzjoni (GNSS) jew ma' Sistema/i ta' "Navigazzjoni b'Referenzi f'Bażi tad-Data." (Data-Based Referenced Navigation - "DBRN") għall-attitudni, gwida jew kontroll, sussegwenti għall-allinjament normali, li jkollhom eżattezza ta' pożizzjoni ta' navigazzjoni INS wara t-telf ta' GNSS jew "DBRN" għall-perijodu sa erbà minuti, ta' inqas minn (aħjar) 10 metri, "Żball Ċirkolari Probabbli" (Circular Error Probable- CEP); c. Tagħmir inerzjali għall-Indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana li għandhom xi wieħed minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti mfassla b'mod speċifiku għalihom: 1. Iddisinjat sabiex ikollu preċiżjoni tal-indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata/ minuti RMS f'latitudni ta' 45 grad; jew 2. Iddisinjat għal livell ta' skoss non-operattiv ta' 900 g jew aktar għal durata ta' 1 msec jew iżjed; *Nota: Il-parametri ta' I.a. u I.b. huma applikabbli ma' kull waħda mill-kondizzjonijiet ambjentali li ġejjin:* 1. *Vibrazzjoni każwali tad-dħul ta' manjitudni globali ta' 7,7 g rms fl-ewwel nofs siegħa u durata totali tat-test ta' siegħa u nofs għal kull assi f'kull wieħed mit-tliet assi perpendikolari, meta l-vibrazzjoni każwali tissodisfa dan kollu li ġej:* a. *Valur kostanti tad-densità spettrali tal-qawwa (PSD) ta' 0,04 g^2/Hz tul intervall ta' frekwenza ta' 15 sa 1 000 Hz; kif ukoll* b. *Il-PSD tonqos mal-frekwenza minn 0,04 g^2/Hz sa 0,01 g^2/Hz tul intervall ta' frekwenza minn 1 000 sa 2 000 Hz;* 2. *Rata ta' roll u tgħawwiġ (yaw) daqs + 2,62 radian/s (150 deg/s) jew aktar; jew* 3. *Skont l-istandards nazzjonali ekwivalenti għal 1. jew 2. hawn fuq.* *Noti tekniċi:* 1. *I.b. jirreferi għal sistemi li fihom jiġu integrati f'unità waħda INS u għajnuniet indipendenti oħra għan-navigazzjoni sabiex tinkiseb prestazzjoni aħjar.* 2. *'Probabbiltà ta' Żball Ċirkulari (CEP) — F'distribuzzjoni normali ċirkolari, ir-raġġ taċ-ċirku li fih 50 fil-mija tal-kejl individwali li jkunu qed jittieħdu, jew ir-raġġ taċ-ċirku li fih hemm probabbiltà ta' lokalizzazzjoni ta' 50 fil-mija.* II. Sistemi ta' teodolit li jinkorporaw tagħmir inerzjali ddisinjat apposta għal skopijiet ta' surveying ċivili u ddisinjat sabiex ikollu preċiżjoni tal-indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad, u komponenti ddisinjati apposta għalihom.	

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	III. Tagħmir inerzjali jew tagħmir ieħor li juża aċċellerometri speċifikati f'7A001 jew 7A101, fejn tali aċċellerometri huma mfassla u żviluppati b'mod speċjali bħala sensuri MWD (Kejl Waqt it-Tħaffir) għall-użu f'operazzjonijiet ta' tħaffir.	

A9. **Aerospazju u Propulsjoni**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A9.001	Skorfini splussivi.	—

II.B. **TEKNOLOĠIJA**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.B.001	►C1 Teknolġija meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti fil- Parti II.A. (Oġġetti) hawn fuq. *Nota Teknika*: *It-terminu "teknoloġija" jinkludi softwer.* ◄	—
II.B.002	Teknoloġija meħtieġa għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tal-oġġetti ►C1 fil-Parti III A. (Oġġetti) tal-Anness III ◄. *Nota Teknika:* *It-terminu "teknoloġija" jinkludi softwer.*	—

▼B

ANNESS III

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 3(1), 3(3) u 3(5), 5(2), 8(4), 18(1), 31(1) u 45

NOTI TA' INTRODUZZJONI

1. Sakemm ma jkunx iddikjarat b'mod ieħor, in-numri ta' referenza li jidhru fil-kolonna intitolata "Deskrizzjoni" jirreferu għad-deskrizzjonijiet tal-oġġetti u t-teknoloġija b'użu doppju stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

2. Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna intitolata "Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009" ifisser li l-karatteristiċi tal-oġġett deskritt fil-kolonna 'Deskrizzjoni' huma barra mill-parametri tad-deskrizzjoni tal-annotazzjoni b'użu doppju li għaliha qed issir referenza.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti singoli" jinsabu f'nota teknika għall-oġġett relevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-kontrolli f'dan l-Anness ma għandux jiġi ffrustrat bl-esportazzjoni ta' kwalunkwe oġġett mhux ikkontrollat (li jinkludi impjanti) li jkun fih komponent ikkontrollat wieħed jew aktar, meta l-komponent jew komponenti kkontrollati jkunu l-elementi prinċipali tal-oġġetti u jkunu jistgħu jitneħħew jew jintużaw għal għanijiet oħra.

   N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jiġu evalwati l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika involuti u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew komponenti kkontrollati bħala l-element prinċipali tal-oġġetti miksuba.

2. Il-merkanzija speċifikata f'dan l-Anness tinkludi kemm merkanzija ġdida kif ukoll dik użata.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

(Għandha tinqara flimkien mat-Taqsima III.B)

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-"teknoloġija" li huma "meħtieġa" għall-"użu" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma kkontrollati fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huwa kkontrollat skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III.B.

2. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija kkontrollata fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huma pprojbiti skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II, Taqsima II.B.

3. It-"teknoloġija""meħtieġa" għall-"użu" ta' oġġetti taħt kontroll tibqa' taħt kontroll anki meta tkun applikabbli għal oġġetti mhux ikkontrollati.

4. Il-kontrolli ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex ikkontrollati jew l-esportazzjoni tagħhom li ġiet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 jew dan ir-Regolament.

5. Il-kontrolli fuq trasferiment ta' "teknoloġija" ma japplikawx għal informazzjoni "ta' dominju pubbliku", għal "riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima neċessarja għal applikazzjonijiet ta' privattivi.

▼B

III.A. **OĠĠETTI**

A0. **Materjali, Faċilitajiet u Tagħmir Nukleari**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A0.015	"Kaxex għall-ingwanti", imfasslin b'mod speċjali għall-iżotopi radjuattivi, għas-sorsi radjuattivi jew għar-radjunuklidi. *Nota Teknika:.* *"Kaxex għall-ingwanti" tfisser tagħmir li jipprovdi protezzjoni lill-utent, mill-fwar, mill-partiċelli jew mir-radjazzjoni li jagħmlu l-ħsara, minn materjali ġo t-tagħmir li qiegħed jintuża jew ipproċessat minn persuna li tkun fuq in-naħa ta' barra tat-tagħmir, permezz ta' manipulaturi jew ingwanti integrati fit-tagħmir.*	0B006
III.A0.016	Sistemi għall-monitoraġġ ta' gassijiet tossiċi mfassla għall-operat u għall-individwazzjoni kontinwi tas-Sulfur tal-Idroġinu, u rilevaturi mfassla b'mod speċjali għalihom.	0A001 0B001.c
III.A0.017	Rilevaturi għall-Ħruġ tal-Elju.	0A001 0B001.c

A1. **Materjali, kimiċi, "mikroorganiżmi" u "tossini"**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A1.003	Siġilli u gaskits f'forma ta' ċrieki, b'dijametru intern ta' 400mm u anqas, magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Kopolimeri ta' fluworur tal-vinilidin li għandhom 75 % jew aktar ta' struttura kristallina beta mingħajr tiġbid; b. Polimidi fluworati li fihom 10 % f'piż jew aktar ta' fluworu kkombinat; c. Elastomeri tal-fosfażin fluworinat li għandhom 30 % jew aktar f'piż ta' fluworu kkombinat; d. Poliklorotrifloretilene (PCTFE, e.g. Kel-F ®); e. Fluworoelastomeri (eż., Viton ®, Tecnoflon ®); f. Politetrafluworoetilen (PTFE)	
III.A1.004	Tagħmir personali għas-sejba ta' radjazzjoni ta' oriġini nukleari, inklużi dożimetri personali. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix sistemi ta' sejba nukleari kif iddefiniti fl-oġġett 1A004.c.*	1A004.c
III.A1.020	Ligi tal-azzar fil-forma ta' folja jew pjanċa, li jkollhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: (a) Ligi tal-azzar 'kapaċi għal' limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 1 200 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); jew (b) Azzar li ma jissaddadx dupleks stabilizzat bin-nitroġenu. *Nota: Il-frażi ligi 'kapaċi għal' tinkorpora liegi qabel jew wara t-trattament bis-sħana* *Nota Teknika:* *"Azzar li ma jissaddadx dupleks stabilizzat bin-nitroġenu" għandu mikrostruttura ta' żewġ fażijiet li tikkonsisti minn frak ta' azzar ferritiku u awstenitiku biż-żieda tan-nitroġenu biex jistabbilizza l-mikrostruttura.*	1C116 1C216
III.A1.021	Materjal Kompożitu tal-Karbonju-Karbonju	1A002.b.1
III.A1.022	Ligi tan-nikil f'forma mhux maħduma jew semi fabbrikata, li jkollhom 60 % f'piż jew aktar nikil.	1C002.c.1.a

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A1.023	Ligi tat-titanju f'forma ta' folja jew pjanċa 'kapaċi għal' limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 900 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); *Nota: Il-frażi ligi 'kapaċi għal' tinkorpora liegi qabel jew wara t-trattament bis-sħana*	1C002.b.3
III.A1.024	Propellanti u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti kif ġejjin: (a) Dijisoċjanat tat-tolwina (TDI) (b) Dijisoċjanat tad-Difenil tal-Metil (MDI) (c) Dijisoċjanat tal-Isoforon (IPDI) (d) Perklorat tas-Sodju (e) Ksilidina (f) Hydroxy Terminated Polyether (HTPE) (g) Hydroxy Terminated Caprolactone Ether (HTCE) *Nota Teknika:* *Dan il-punt jirreferi għal sustanza pura u għal kwalunkwe taħlita li jkollha mill-inqas 50 % ta' waħda mill-kimiki msemmija hawn fuq.*	1C111
III.A1.025	'Materjali lubrikanti' li bħala l-ingredjenti prinċipali tagħhom fihom xi wieħed minn dawn li ġejjin: (a) Perfluoroalkiletere, (CAS 60164-51-4); (b) Perfluoropolialkiletere, PFPE, (CAS 6991-67-9). *"Materjali għal-lubrikazzjoni" tfisser żjut u likwidi.*	1C006
III.A1.026	Ligi tal-Berillju-Ram jew Ram-Berillju f'forma ta' pjanċa, folja, strixxa jew vireg, li jkollhom kompożizzjoni li tinkludi r-Ram bħala l-akbar element f'piż u elementi oħrajn li jinkludu inqas minn 2 % f'piż tal-Berillju.	1C002.b

A2. **Ipproċessar ta' Materjali**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A2.008	Kuntatturi likwidu-likwidu (mixxelaturi separaturi, kolonni pulsati, kuntatturi ċentrifugi); u distributuri ta' likwidi, distributuri ta' fwar jew oġġetti għall-ġbir ta' likwidu mfassla għal tagħmir bħal dan, fejn kull wiċċ li jiġi f'kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li tkun/ikunu pproċessata/pproċessati huma magħmula mill-materjali li ġejjin: **N.B. ARA WKOLL II.A2.014.** 1. Azzar li ma jisaddadx. *Nota: għall-azzar li ma jissaddadx b'aktar minn 25 % ta' nikil u 20 % ta' kromu f'piż ara l-annotazzjoni II.A2.014.a*	2B350.e
III.A2.009	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d., kif ġej: **N.B. ARA WKOLL II.A2.015.** Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi b'wiċċ għat-trasferiment tas-sħana ikbar minn 0.05 m^2, u inqas minn 30 m^2; u tubi, folji, serpentini jew blokki (nuklei) mfassla għal dan it-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi, fejn kull wiċċ li jiġi f'kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li tkun/ikunu pproċessata/pproċessati huma magħmula mill-materjali li ġejjin: 1. Azzar li ma jisaddadx. *Nota 1: għall-azzar li ma jisaddadx b'aktar minn 25 % ta' nikil u 20 % ta' kromu f'piż ara l-annotazzjoni II.A2.015.a*	2B350.d

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	Nota 2: Dan il-punt ma jkoprix ir-radjaturi tal-vetturi. *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tat-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana.*	
III.A2.010	Pompi b'siġilli multipli jew bla siġill, barra minn dawk speċifikati f'2B350.i, tajbin għal fluwidi li jnawru, b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 0,6 m^3/fis-siegħa, jew pompi tal-vakwu b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 5 m^3/fis-siegħa [mkejla f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura ta' (273 K jew 0 °C) u ta' pressjoni ta' (101,3 kPa)]; U kisi (pump bodies), kisjiet ta' kisi preformati, impellers, rotors jew pompi tal-merżuq biż-żennuna mfassla għal pompi bħal dawn, fejn kull wiċċ li jiġi f'kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li tkun/ikunu pproċessata/pproċessati huma magħmula mill-materjali li ġejjin: **N.B. ARA WKOLL II.A2.016.** 1. Azzar ma jsaddadx (stainless steel); *Nota: għall-azzar li ma jisaddadx b'aktar minn 25 % ta' nikil u 20 % ta' kromu f'piż ara l-annotazzjoni II.A2.016.a* *Nota Teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tal-pompa.*	2B350.i
III.A2.017	Għodod tal-Magni għall-Elettroerożjoni (EDM - Electrical Discharge Machine) għat-tneħħija jew għall-qtugħ ta' metalli, ċeramika jew "kompożiti", kif ġejjin, u elettrodi tal-virga, taċ-ċomba tal-għads jew tal-wajer mfasslin b'mod speċjali għalihom: (a) Magni għall-Elettroerożjoni tal-elettrodu tal-vireg jew taċ-ċomba tal-għads; (b) Magni għall-Elettroerożjoni tal-elettrodu tal-wajer. *Nota: Il-Magni għall-Elettroerożjoni huma magħrufa wkoll bħala Spark Erosion Machines jew Wire Erosion Machines.*	2B001.d
III.A2.018	Magni tal-kejl tal-koordinat (CMM) ikkontrollati minn kompjuter jew "ikkontrollati numerikament", jew magni ta' ispezzjoni dimensjonali, li għandhom żball ta' indikazzjoni massimu tridimensjonali (volumetriku) permissibbli (MPP_E) fi kwalunkwe punt fil-medda operattiva tal-magna (jiġifieri, fit-tul ta' assi) daqs jew inqas (aħjar) minn (3 + L/1 000) µm (L huwa t-tul imkejjel f'mm), ittestjati skont l-ISO 10360-2 (2001), u sonda tal-kejl ddisinjata għalihom.	2B006.a 2B206.a
III.A2.019	Magni għall-Iwweldjar b'Raġġ ta' Elettroni (Electron Beam Welding Machines) kkontrollati bil-kompjuter jew "ikkontrollati numerikament", u komponenti tagħhom imfassla b'mod speċifiku għalihom.	2B001.e.1.b
III.A2.020	Magni għall-Iwweldjar bil-Lejżer u għall-Qtugħ bil-Lejżer (Lejżer Welding and Lejżer Cutting Machines) kkontrollati bil-kompjuter jew "ikkontrollati numerikament", u komponenti tagħhom imfassla b'mod speċifiku għalihom.	2B001.e.1.c
III.A2.021	Magni għall-Qtugħ bil-Plasma (Plasma Cutting Machines) kkontrollati bil-kompjuter jew "ikkontrollati numerikament", u komponenti tagħhom imfassla b'mod speċifiku għalihom.	2B001.e.1

▼B

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A2.022	Tagħmir għall-Monitoraġġ tal-Vibrazzjoni mfassal b'mod speċjali għal skrejjen jew tagħmir u makkinarju li jdur, kapaċi jkejjel kwalunkwe frekwenza fil-firxa ta' 600-2 000 Hz.	2B116
III.A2.023	Pompi li joħolqu vakwu b'ċirku tal-Likwidu (Liquid Ring Vacuum Pumps), u komponenti tagħhom imfassla b'mod speċifiku għalihom.	2B231 2B350.i
III.A2.024	Pompi bil-Vakwu bil-Qala' li Jduru (Rotary Vane Vacuum Pumps), u komponenti tagħhom imfassla b'mod speċifiku għalihom. *Nota 1: III.A2.024 ma jikkontrollax il-pompi bil-vakwu bil-qala' li jduru li huma mfassla b'mod speċifiku għal tagħmir ieħor speċifiku.* *Nota 2: L-istatus ta' kontroll tal-pompi bil-vakwu bil-qala' li jduru, li huma mfassla b'mod speċjali għal tagħmir ieħor speċifiku, huwa ddeterminat mill-kondizzjonijiet ta' kontroll ta' dak it-tagħmir l-ieħor.*	2B231 2B235.i 0B002.f
III.A2.025	Filtri għall-arja, kif ġejjin, li għandhom dimensjoni ta' daqs fiżika waħda jew aktar li hija akbar minn 1 000 mm: (a) Filtri ta' Arja Partikolata ta' Effiċjenza Għolja (High Efficiency Particulate Air - HEPA); (b) Filtri ta' Arja Partikolata Baxxa Ħafna (Ultra-Low Penetration Air - ULPA). *Nota: III.A2.025 ma jikkontrollax il-filtri tal-arja mfassla b'mod speċifiku għat-tagħmir mediku.*	2B352.d

A3. **Elettronika**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A3.004	Spettrometri u diffrattometri, iddisinjati għat-test indikattiv jew l-analiżi kwantitattiva tal-kompożizzjoni elementali tal-metalli jew il-ligi mingħajr dekompożizzjoni kimika tal-materjal.	
III.A3.005	"Tagħmir li Jbiddel il-Frekwenza", Ġeneraturi tal-Frekwenza u tagħmir elettriku li Jikkontrolla l-Veloċità, li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin: (a) Potenza ġġenerata multifaża ta' 10 W jew aktar; (b) Kapaċi jopera fuq frekwenza ta' 600 Hz jew aktar; kif ukoll (c) Kontroll tal-frekwenza aħjar (anqas) minn 0.2 %. *Nota Teknika:.* *"Tagħmir li Jbiddel il-Frekwenza" jinkludi konverturi ta' frekwenza u inverturi tal-frekwenza.* *Noti:* 1. *L-oġġett III.A3.005 ma jikkontrollax tagħmir li jbiddel il-frekwenza li jinkludi protokolli jew intrefaces ta' komunikazzjoni mfassla għal makkinarju industrijali speċifiku (bħal għodod tal-magni, makkinarju rotanti, magni li juzaw printed circuit board machines) ħalli t-tagħmir li jbiddel il-frekwenza ma jintużax għal finijiet oħrajn filwaqt li jissodisfa l-karatteristiċi ta' prestazzjoni ta' hawn fuq.* 2. *L-oġġett III.A3.005 ma jikkontrollax it-tagħmir li jbiddel il-frekwenza mfassal b'mod speċjali għal vetturi u li jopera b'sekwenza ta' kontroll li hija kkomunikata b'mod reċiproku bejn it-tagħmir li jbiddel il-frekwenza u l-unità ta' kontroll tal-vettura.*	3A225 0B001.b.13

▼B

A6. **Sensuri u Lejżers**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A6.012	"Gauges tal-pressjoni tal-vakwu", li jaħdmu bl-elettriku u li għandhom preċiżjoni tal-kejl ta' 5 % jew inqas (aħjar). *"Gauges tal-pressjoni tal-vakwu" jinkludu Pirani Gauges, Penning Gauges u Capacitance Manometers.*	0B001.b
III.A6.013	Mikroskopji u tagħmir u diteketers relatati, kif ġejjin: (a) Scanning Electron Microscopes; (b) Scanning Auger Microscopes; (c) Transmission Electron Microscopes; (d) Atomic Force Microscopes; (e) Scanning Force Microscopes; (f) Tagħmir u diteketers, mfassla b'mod speċjali biex jintużaw mal-mikroskopji speċifikati fil-III.A6.013 a) sa e) hawn fuq, u jużaw kwalunkwe teknika tal-analiżi tal-materjali minn dawn li ġejjin: 1. Spettroskopija ta' Ritratt b'X-ray (XPS); 2. Energy-dispersive X-ray Spectroscopy (EDX, EDS); jew 3. Spettroskopija bl-Elettroni għall-Analiżi Kimika (ESCA).	6B

A7. **Navigazzjoni u Avjoniċi**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A7.002	Aċelerometri li jkollhom element ta' transdjuser taċ-ċeramika pjeżoelettriku, li għandu sensittività ta' 1 000 mV/g jew aħjar (ogħla)	7A001

A9. **Aerospazju u Propulsjoni**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A9.002	"Ċelluli ta' Karga" kapaċi li jkejlu l-imbuttatura ta' muturi rokit li għandhom kapaċità li taqbeż it-30kN. *Nota Teknika:* *"Ċelluli ta' Karga" tfisser apparati u transdjusers li jkejlu s-saħħa tat-tensjoni u tal-kompressjoni.* *Nota: III.A9.002 ma jinkludix tagħmir, apparati jew transdjusers, imfassla b'mod speċjali biex ikejlu l-piż tal-vetturi, e.ż. jintiżnu l-pontijiet.*	9B117
III.A9.003	Turbini tal-gass li jiġġeneraw l-enerġija elettrika, komponenti u tagħmir relatat kif ġejjin: (a) Turbini tal-Gass imfassla b'mod speċjali għall-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika, li għandhom potenza ġġenerata li taqbeż 200 MW; (b) Qlugħ, Stators Kompartimenti tal-Kombustjoni u Żennuni għall-Injezzjoni tal-Fjuwil, imfassla b'mod speċjali għat-turbini tal-gass li jiġġeneraw l-enerġija elettrika speċifikati f'III.A9.003.a; (c) Tagħmir imfassal b'mod speċjali għall-"iżvilupp" u għall-"produzzjoni" ta' turbini tal-gass li jiġġeneraw l-enerġija elettrika speċifikati f'III. A9.003.a.	9A001 9A002 9A003 9B001 9B003 9B004

▼B

III.B. **TEKNOLOĠIJA**

Nru	Deskrizzjoni	Punt relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.B.001	Teknoloġija meħtieġa għall-użu tal-oġġetti fil-Parti III.A. (Oġġetti) haw fuq. *Nota Teknika:* *It-terminu "teknoloġija" jinkludi softwer.*	

▼B

ANNESS IV

Lista ta' "żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi" msemmija fl-Artikolu 11 u 31(1)

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
2709 00	Żjut tal-petroleum u żjut miksuba minn minerali bituminużi, mhux maħduma
2710	Żjut tal-petroleum u żjut miksuba minn minerali bituminużi, għajr dawk mhux maħduma; preparazzjonijiet mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, li skont il-piż ikunu 70 % jew aktar żjut tal- petroleum u żjut miksuba minn minerali bituminużi, fejn dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal- preparazzjonijiet; skart taż-żjut (ħlief għax-xiri, fis-Sirja, ta' pitrolju, karburant tal-avjazzjoni kodiċi NM 2710 19 21 li mhuwiex projbit, sakemm ikun hemm l-intenzjoni, u jkun se jiġi użat biss, għall-finijiet li l-ajruplan mgħobbi biha jkompli f'titjirtu).
2712	Vażelina; xema' tal-paraffina, xema' mikrokristallina taż-żejt, xema' nofsha raffinata b'kontenut għoli ta' żejt (slack wax), ożokerit, ix-xema' tal-linjite, ix-xema' tal-pit, xemgħat oħra minerali u prodotti simili miksuba permezz ta' sinteżi jew permezz ta' proċessi oħrajn kemm jekk ikkuluriti kif ukoll jekk mhumiex.
2713	Kokk taż-żejt minerali (petroleum), qatran taż-żejt minerali (petroleum) u fdalijiet oħrajn ta' żjut minerali (petroleum) jew ta' żjut miksuba minn minerali bituminużi.
2714	Bitum u asfalt, naturali; shale tal-bitum jew taż-żejt u ramel taż-żift; asphaltites u blat asfalitiku.
2715 00 00	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq asfalt naturali, fuq qatran naturali, fuq qatran ta' żejt minerali (petroleum), fuq żift minerali jew fuq qatran (tar pitch) minerali (pereżempju, gomom/siment bituminużi, "cut- backs").

▼**M7**

ANNESS IVA

Il-prodotti msemmija fl-Artikoli 14a u 31(1)

Il-gass naturali u idrokarburi gassużi oħra

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
2709 00 10	Kondensati ta' gass naturali
2711 11 00	Gass naturali - fi stat likwidu
2711 21 00	Gass naturali - fi stat ta' gass
2711 12	Propan
2711 13	Butani
2711 19 00	Oħrajn

▼B

ANNESS V

Lista ta' "prodotti petrokimiċi" msemmija fl-Artikolu 13 u 31(1)

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
2812 10 94	Fosġene (klorur tal-karbonil)
2814	Ammonja
3102 30	Nitrat tal-Ammonja
2901 21 00	Etilin
2901 22 00	Propen (propilen)
2902 20 00	Benżin
2902 30 00	Tolwin
2902 41 00	*o*-ksilin
2902 42 00	*m*-ksilin
2902 43 00	*p*-ksilin
2902 44 00	Isomeri ta' ksilin imħallat
2902 50 00	Stirin
2902 60 00	Benżin etiliku
2902 70 00	Kumin
2903 11 00	Klorometan
2903 29 00	Derivati klorinati mhux saturati ta' idrokarburi aċikliċi - oħrajn
2903 81 00	*Hexachlorocyclohexane* [(HCH (ISO)], inkluż lindan (ISO, DCI)
2903 82 00	Aldrin (ISO), klordan (ISO) et ħeptaklor (ISO)
2903 89 90	Derivati oħrajn aloġenati ta' idrokarburi
2903 91 00	Klorobenżin, o-diklorobenżin u p-diklorobenżin
2903 92 00	*Hexachlorobenzène* (ISO) u DDT (ISO) [klofenotan (DCI), 1,1,1-trikloro-2,2-bis(p-klorofenil)etan]
2903 99 90	Derivati oħrajn aloġenati ta' idrokarburi aromatiċi
2909	Eter-alkoli u derivati aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2909 41	*Oxydiéthanol* (djetilin-glikol)
2909 43	Eteri monobutiliċi ta' glikol etiliku jew glikol djetiliniku
2909 44	Eteri monoalkiliċi oħrajn ta' glikol etiliku jew glikol djetiliniku
2909 49	Eter-alkoli oħrajn u derivati aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2905 11 00	Metanol (metil-alkol)

▼B

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
2905 12 00	Propan-1-ol (propil-alcol) u propan-2-ol (isopropil-alcol)
2905 13 00	Butan-1-ol (n-butil-alcol)
2905 31 00	Etilin glikol (etanedjol)
2907 11 – 2907 19	Fenoli
2910 10 00	*Oxirane* (ossidu etiliniku)
2910 20 00	Methyloxirane (ossidu propileniku)
2914 11 00	Aċetun
2917 14 00	*Maleic* anidridiku (MA)
2917 35 00	Ftalik anidridiku (PA)
2917 36 00	Aċidu tereftaliku u l-imluħ tiegħu
2917 37 00	Dimetil terefthalat (DMT)
2926 10 00	Akrilonitril
Ex 2929 10 00	Metilin difenil disokjanat (MDI)
Ex 2929 10 00	Hexamethylene disokjanat (HDI)
Ex 2929 10 00	Tolwin disokjanat (TDI)
3901	Polimeri of etilin, f'forom primarji

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni	
2707 10	Benżol (benzin)	All codes
2707 20	Tolwul (tolwin)	All codes
2707 30	Ksilol (ksilini)	All codes
2707 40	Naftalin	All codes
2707 99 80	Fenoli	
2711 14 00	Etilin, propilin, butadin	

▼B

ANNESS VI

Lista ta' tagħmir u teknoloġija ewlenin mesmmija fl-Artikoli 8 u 31(1)

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-projbizzjonjiet imsemmija f'dan l-Anness ma għandux jiġi ffrustrat mill-esportazzjoni ta' kwalunkwe merkanzija mhux ipprojbita (inkluż impjant) li fihom komponent wieħed jew aktar li huma pprojbiti meta l-komponent jew il-komponenti pprojbiti jkunu l-element prinċipali tal-merkanzija u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal finijiet oħrajn.

N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien teknoloġiku u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew il-komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-merkanzija li qed jiġu akkwistati.

2. Il-merkanzija speċifikata f'dan l-Anness tinkludi kemm merkanzija ġdida kif ukoll dik użata.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti singoli" jinsabu f'nota teknika għall-oġġett relevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

1. It-"Teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' prodotti pprojbiti tibqa' pprojbita anke meta tkun applikabbli għal oġġetti mhux ipprojbiti.

2. Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex ipprojbiti jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 jew dan ir-Regolament.

3. Il-projbizzjonijiet fuq trasferiment ta' "teknoloġija" ma japplikawx għall-informazzjoni "ta' dominju pubbliku", għal "riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet ta' privattivi.

ESPLORAZZJONI U PRODUZZJONI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM U L-GASS NATURALI

1.A **Tagħmir**

1. Tagħmir, vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru għall-analiżi ġeofiżiku li ġew imfassla jew adattati b'mod speċjali sabiex jiksbu data għall-esplorazzjoni taż-żejt u tal-gass flimkien mal-komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

2. Sensuri mfassla b'mod speċjali għal operazzjonijiet fi ħdan il-bjar taż-żejt u tal-gass, inklużi sensuri użati għall-kejl matul it-tħaffir u t-tagħmir assoċjat imfassal b'mod speċjali sabiex tinkiseb u tinħażen data minn tali sensuri.

3. Tagħmir ta' tħaffir imfassal għat-tħaffir ta' formazzjonijiet tal-blat, b'mod speċifiku għall-finijiet ta' esplorazzjoni għal, jew il-produzzjoni taż-żejt, gass u materjali idrokarburi oħrajn ta' oriġini naturali.

4. Golji, pajpijiet għat-tħaffir, kullar tal-golja għat-tħaffir, ċentralizzaturi u tagħmir ieħor imfassal b'mod speċjali għall-użu fit-tagħmir u mat-tagħmir għat-tħaffir tal-bjar taż-żejt u tal-gass u miegħu.

▼B

5. L-istruttura fil-wiċċ tal-bir (Drilling wellheads), tagħmir li jipprevjeni l-iżbroffi ('blowout preventers'), u muntaġġ ta' tagħmir għall-kontroll tal-fluss tal-fluwidi (Christmas jew production trees') u l-komponenti tagħhom imfassla b'mod speċjali, li jissodisfaw 'l-ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO' għall-użu mal-bjar taż-żejt u tal-gass.

Noti tekniċi:

a. 'Tagħmir li jipprevjeni l-iżbroffi (Blowout preventer) huwa apparat li normalment jintuża mal-livell tal-art (jew jekk isir tħaffir taħt l-ilma, mal-livell ta' qiegħ il-baħar) matul it-tħaffir sabiex jiġi pprevenut il-ħruġ mhux ikkontrollat taż-żejt u/jew tal-gass mill-bir.

b. Muntaġġ ta' tagħmir għall-kontroll tal-fluss tal-fluwidi ('Christmas tree jew production tree') huwa apparat li normalment jintuża sabiex jikkontrolla l-fluss ta' fluwidi mill-bir meta dan jitlesta u tkun bdiet il-produzzjoni taż-żejt u/jew tal-gass.

c. Għall-finijiet ta' dan l-oġġett l-'ispeċifikazzjoni tal-API u tal-ISO' tirreferi għall-ispeċifikazzjoni 6A, 16A, 17D u 11IW tal-American Petroleum Institute u/jew l-ispeċifikazzjoni 10423 u 13533 tal- Korp Internazzjonali ta' Standardizzazzjoni tagħmir li jipprevjeni l-iżbroffi, l-istruttura fil-wiċċ tal-bir u muntaġġ ta' tagħmir għall-kontroll tal-fluss tal-fluwidi għall-użu fuq il-bjar taż-żejt u/jew tal-gass.

6. Pjattaformi għat-tħaffir u għall-produzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali.

7. Bastimenti u braken li jinkorporaw tagħmir għat-tħaffir u/jew għall-ipproċessar taż-żejt, tali tagħmir jintuża għall-produzzjoni taż-żejt, gass u materjal ieħor li jieħu n-nar b'mod naturali.

8. Separaturi ta' likwidu/gass li jissodisfaw l-ispeċifikazzjoni 12J tal-API, imfassla b'mod speċjali sabiex jipproċessaw il-produzzjoni minn bir taż-żejt jew tal-gass, sabiex jisseparaw il-likwidi taż-żejt minn kwalunkwe ilma jew kwalunkwe gass mil-likwidi.

9. Kumpressuri tal-gass bi pressjoni mfassla ta' 40 bar (PN 40 u/jew ANSI 300) jew aktar u b'kapaċità ta' volum ta' ġbid ta' 300 000 Nm^3/is-siegħa jew aktar, għall-ipproċessar inizjali u għat-trasmissjoni ta' gass naturali, eskluži kumpressuri tal-gass għall-pompi tal-mili ta' CNG (Gass Naturali Kkompressat), u l-komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

10. Tagħmir għall-kontroll tal-produzzjoni ta' taħt il-baħar u l-komponenti għalih li jissodisfaw 'l-ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO' għall-użu fi bjar taż-żejt u tal-gass.

Nota Teknika:

Għall-finijiet ta' din l-iskrizzjoni, 'l-ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO' tirreferi għall-ispeċifikazzjon 17F tal-American Petroleum Institute u/jew għall-ispeċifikazzjoni 13268 tal-Korp Internazzjonali ta' Standardizzazzjoni għas-sistemi ta' kontroll tal-produzzjoni ta' taħt il-baħar.

11. Pompi, kapaċità tipikament għolja u/jew pressjoni għolja (iżjed minn 0,3 m^3 kull minuta u/jew 40 bar), imfassla b'mod speċjali għall-ippumpjar ta' tajn u/jew siment fi bjar taż-żejt jew tal-gass.

1.B **Tagħmir għall-ittestjar u l-ispezzjoni tat-tagħmir**

1. Tagħmir imfassal b'mod speċjali sabiex jittieħdu kampjuni u jsiru testijiet u analiżi tal-proprjetajiet tat-tajn tat-tħaffir, tas-siment għall-bir taż-żejt u materjali oħrajn imfassla b'mod speċjali u/jew ifformulati għall-użu fil-bjar taż-żejt u tal-gass.

2. Tagħmir imfassal b'mod speċjali sabiex jittieħdu kampjuni u jsiru testijiet u analiżi tal-proprjetajiet tal-kampjuni tal-blat, kampjuni f'forma likwida u f'forma ta' gass u materjali oħrajn meħuda minn bir taż-żejt u/jew tal-gass jew matul u wara t-tħaffir, jew mill-faċilitajiet għall-ipproċessar inizjali marbuta magħhom.

▼B

3. Tagħmir imfassal b'mod speċjali għall-ġbir u l-interpretazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kondizzjoni fiżika u mekkanika ta' bir taż-żejt u/jew tal-gass, u sabiex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet in situ tal-formazzjoni tal-blat u tal-ġibjun.

1.C **Materjali**

1. Tajn għat-tħaffir, addittivi tat-tajn tat-tħaffir u l-komponenti tagħhom li ġew ifformulati sabiex jiġu stabbilizzati l-bjar taż-żejt u tal-gass matul it-tħaffir, sabiex jittella' t-terrapien imħaffer (drill cuttings) għal fuq l-art u sabiex jiġi llubrifikat u jitkessaħ it-tagħmir ta' tħaffir fil-bir.

2. Simenti u materjali oħrajn li jissodisfaw l-'ispeċifikazzjonijiet tal-API u tal-ISO' għall-użu fil-bjar taż-żejt u tal-gass.

Nota Teknika:

'L-ispeċifikazzjoni tal-API u tal-ISO' tirreferi għall-ispeċifikazzjoni 10A tal-American Petroleum Institute jew għall-ispeċifikazzjoni 10426 tal- Korp Internazzjonali ta' Standardizzazzjoni għas-siment għall-bir taż-żejt u materjali oħrajn li huma fformulati b'mod speċjali għall-użu fl-issimentar tal-bjar taż-żejt u tal-gass.

3. Aġenti għat-twaqqif tal-korrużjoni, għat-trattament ta' emulsjoni, għat-twaqqif tar-raġħwa, u kimiki oħrajn li huma fformulati b'mod speċjali għall-użu fit-tħaffir għal u l-ipproċessar inizjali taż-żejt prodott minn bir taż-żejt u/jew tal-gass.

1.D **Softwer**

1. 'Softwer' imfassal b'mod speċjali għall-ġbir u l-interpretazzjoni tad-dejta miksuba minn analiżi sismika, elettromanjetika, manjetika jew tal-gravità għall-fini li tiġi stabbilita l-prospettività taż-żejt jew tal-gass.

2. 'Softwer' imfassal b'mod speċjali għaż-żamma, l-analiżi u l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miksuba matul it-tħaffir u l-produzzjoni sabiex jiġu vvalutati l-karattaresti ċi fiżiċi u l-imġiba tal-ġibjuni taż-żejt jew tal-gass.

3. 'Softwer' imfassal b'mod speċjali għall-'użu' tal-faċilitajiet għall-produzzjoni u l-ipproċessar taż-żejt jew subunitajiet speċifiċi ta' tali faċilitajiet.

1.E. **Teknoloġija**

1. "Teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" u l-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'1.A.01 - 1.A.11.

IR-RAFFINAR TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM U L-LIKWEFAZZJONI TAL-GASS NATURALI;

2.A **Tagħmir**

1. Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana kif ġej u l-komponenti mfassla b'mod speċjali għalih:

   a. Tagħmir b'aletti għat-trasferiment tas-sħana b'superfiċe/proporzjon tal-volum akbar minn 500 m^2/m^3, imfassal b'mod speċjali sabiex il-gass naturali jitkessaħ minn qabel;

   b. Tagħmir b'koljaturi għat-trasferiment tas-sħana mfassal b'mod speċjali għal-likwefazzjoni jew sabiex il-gass naturali jitkessaħ minn qabel;

2. Krijopompi għat-trasport tal-materja f'temperatura ta' inqas minn – 120 °C li jkollhom kapaċità ta' trasport għal aktar minn 500 m^3/h u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom

▼B

3. 'Coldbox' u tagħmir għall-'coldbox' mhux speċifikat mit-2.A.1.

Nota Teknika:

'It-tagħmir għall-'coldbox' jirreferi għal kostruzzjoni mfassla b'mod speċjali, li hija speċifika għall-impjanti tal-LNG u li tinkorpora l-istadju tal-proċess tal-likwefazzjoni. Il-'coldbox' jinkorpora tagħmir għat-trasferiment tas-sħana, sistemi ta' pajpijiet, strumentazzjoni oħra u iżolaturi termiċi. It-temperatura ġewwa l-'coldbox' hija ta' madwar – 120 °C (kondizzjonijiet għall-kondensazzjoni tal-gass naturali). Il-funzjoni tal-'coldbox' hija l-iżolazzjoni termika tat-tagħmir imsemmi hawn fuq.

4. Tagħmir għat-terminals tat-trasport bil-baħar ta' gassijiet likwefatti li jkollhom. temperatura inqas minn – 120 °C u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

5. Linja flessibbli u mhux flessibbli ta' trasferiment li għandha dijametru akbar minn 50 mm għat-trasport tal-materja li jkollha temperatura inqas minn – 120 °C

6. Bastimenti marittimi mfassla b'mod speċjali għat-trasport tal-LNG.

7. Tagħmir li jneħħi l-melħ bi proċess elettrostatiku mfassal b'mod speċjali sabiex ineħħi kontaminanti bħal imluħ, solidi u ilma miż-żejt mhux maħdum u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

8. Il-crackers kollha, (tagħmir għall-qsim tal-molekoli) inklużi l-hydrocrackers (tagħmir għall-qsim tal-molekoli tal-idrokarburi), u l-cokers, imfassla b'mod speċjali għall-bidla ta' żjut tal-gass ta' vakum jew ta' residwu ta' vakum, u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

9. Hydrotreaters mfassla b'mod speċjali għat-tneħħija tal-kubrit mill-gażolina, minn terrapien imħaffer ta' diżil u mill-pitrolju u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

10. Riformaturi katalitiċi mfassla b'mod speċjali sabiex il-gażolina li jkun tneħħielha l-kubrit tinbidel f'gażolina b'livell għoli ta' ottanu, u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

11. Unitajiet ta' raffinerija għall-iżomerizzazzjoni ta' terrapien imħaffer ta' tip C5-C6, u unitajiet ta' raffinerija għall-alkilazzjoni ta' olefini ħfief, biex jittejjeb l-indiċi tal-ottan tat-terrapien imħaffer tal-idrokarburi

12. Pompi mfassla b'mod speċjali għat-trasport ta' żejt mhux maħdum u karburanti, li għandhom kapaċità ta' 50 m^3/h jew aktar u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

13. Tubi b'dijametru ta' barra ta' 0.2 m jew aktar u magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin:

a. Azzar li ma jissaddadx (stainless steel) bi 23 % ta' kromju jew aktar f'piż;

b. Azzar li ma jissaddadx u ligi fuq bażi ta' nikil b'numru ta' 'fattur ekwivalenti tar-reżistenza għat-tħaffir (Pitting resistance equivalent)' ogħla minn 33.

Nota Teknika:

In-numru tal-'fattur ekwivalenti tar-reżistenza għat-tħaffir' (Pitting resistance equivalent-PRE) jikkaratterizza r-reżistenza tal-korrużjoni tal-azzar li ma jissaddadx u tal-ligi tan-nikil meta mqabbla mal-korrużjoni li tħaffer jew dik interstizzjali. Ir-reżistenza għat-tħaffir tal-azzar li ma jissaddadx u tal-ligi tan-nikil hija ddeterminata primarjament bil-kompożizzjonijiet tagħhom, primarjament: kromju, molibdenum, u nitroġenu. ►C1 *Il-formula sabiex jiġi kkalkulat in-numru tal-PRE hija: PRE = % Cr + 3,3 * % Mo + 30 * % N* ◄

▼C1

14. 'Pigs' (Pipeline inspection gauge(s)) u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

▼C1

15. 'Pig' launchers u 'pig' catchers għall-integrazzjoni jew ittneħħija tal-'pigs'.

Nota Teknika:

Il-'Pig' huwa apparat li normalment jintuża fuq in-naħa ta' ġewwa tal-pipeline għat-tindif jew l-ispezzjoni (l-istat tal-korrużjoni jew il-formazzjoni ta' xi qasma) u jiġi mbuttat bil-pressa tal-prodott ta' ġol-pipeline.

▼B

16. Tankijiet għall-ħażna ta' żejt mhux maħdum u karburanti b'volum akbar minn 1 000 m^3 (1 000 000 litru) kif ġejjin, u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom:

a. tankijiet b'saqaf fiss;

b. tankijiet b'saqaf li jżomm fil-wiċċ.

17. Pajpijiet flessibbli għal taħt il-baħar imfassla b'mod speċjali għat-trasport ta' idrokarburi u fluwidi ta' injezzjoni, ilma jew gass, b'dijametru ta' aktar minn 50 mm.

18. Pajpijiet flessibbli sabiex jintużaw għal pressjoni għolja għal applikazzjoni ta' fuq u taħt il-baħar.

19. Tagħmir ta' iżomerizzazzjoni mfassal b'mod speċjali għall-prodizzjoni ta' gażolina b'livell għoli ta' ottan abbażi ta' idrokarburi ħfief u l-komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom.

2.B **Tagħmir għall-ittestjar u l-ispezzjoni**

1. Tagħmir imfassal b'mod speċjali għall-ittestjar u l-analiżi tal-kwalità (proprjetajiet) taż-żejt mhux maħdum u karburanti.

2. Sistemi ta' kontroll interfaċċja mfassla b'mod speċjali sabiex jiġi kkontrollat u sabiex isir l-aħjar użu mill-proċess għat-tneħħija tal-melħ.

2.C **Materjali**

1. Dietileneglikol (CAS 111-46-6), Trietilene glikol (CAS 112-27-6)

2. N-Metilpirrolidon (CAS 872-50-4), Sulfolan (CAS 126-33-0)

3. Żeoliti, ta' oriġini naturali jew sintetiku, mfassla b'mod speċjali għall-cracking (qsim ta' molekoli) katalitiku fluwidu jew għall-purifikazzjoni u/jew id-deidratazzjoni ta' gassijiet, inklużi gassijiet naturali.

4. Katalisti għall-cracking u għall-bidla ta' idrokarburi kif ġejjin:

a. Metall singolu (grupp tal-platinu) fuq tip ta' allumina jew fuq żeoliti, mfassal b'mod speċjali għall-proċess ta' riforma katalitika;

b. Speċijiet ta' metall imħallat (platinu flimkien ma metalli nobbli) fuq tip ta' allumina jew fuq żeoliti mfassal b'mod speċjali għall-proċess ta' riforma katalitika;

c. Katalisti tal-kobalt u tan-nikil trattati bil-molibdenum fuq tip ta' allumina jew fuq żeoliti mfassla b'mod speċjali għall-proċess tat-tneħħija tal-kubrit;

d. Katalisti tal-palladju, nikil, kromju u tangstin fuq tip ta' allumina jew fuq żeoliti mfassla b'mod speċjali għall-proċess ta' hydrocracking katalitiku;

5. Addittivi tal-gażolina formulati b'mod speċjali sabiex iżidu n-numru ta' ottanu tal-gażolina.

Nota:

Din l-annotazzjoni tinkludi Etil terzjarju butil eteru (ETBE) (CAS 637-92-3) u Metil butil terzjarju eteru (MTBE) CAS 1634-04-4).

2.D **Softwer**

1. 'Softwer' imfassal b'mod speċjali għall-'użu' mill-impjanti tal-LNG jew subunitajiet speċifiċi ta' tali impjanti.

2. "Softwer" imfassal b'mod speċjali għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" mill-impjanti (inklużi s-subunitajiet tagħhom) għar-raffinar taż-żejt.

▼B

2.E. **Teknoloġija**

1. 'Teknoloġija'"meħtieġa" għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir għall-kondizzjonament u l-purifikazzjoni tal-gass naturali mhux raffinat (deidratazzjoni, taħlil, tneħħija ta' impuritajiet).

2. "Teknoloġija" għal-likwefazzjoni tal-gass naturali, inkluża "teknoloġija" meħtieġa għall-"iżvilupp", għall-"produzzjoni" jew għall-"użu" f'impjanti tal-LNG.

3. "Teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir għat-trasport bil-baħar tal-gass naturali likwefatt.

4. 'Teknoloġija"meħtieġa' għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew għall-'użu' minn bastimenti tal-baħar imfassla b'mod speċjali għat-trasport ta' gass naturali likwefatt

5. 'Teknoloġija'"meħtieġa" għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir għall-ħażna ta' żejt mhux maħdum u karburanti.

6. "Teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' impjant ta' raffinerija bħal:

   6.1. 'Teknoloġija' sabiex l-olefin ħafif jinbidel f'gażolina;

   6.2. Teknoloġija ta' riformar katalittiku u ta' isomerizzazzjoni;

   6.3. Teknoloġija ta' cracking termali u katalittiku.

L-INDUSTRIJA PETROKIMIKA

3.A **Tagħmir**

1. Reatturi

   a. mfassla b'mod speċjali għall-produzzjoni tal-fosġen (CAS 506-77-4) u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom;

   b. għall-fosġenazzjoni mfassla b'mod speċjali għall-produzzjoni tal-HDI, TDI, MDI u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom, bl-eċċezzjoni tar-reatturi sekondarji;

   c. mfassla b'mod speċjali għall-polimerizzazzjoni, bi pressjoni baxxa (sa massimu ta' 40 bar), tal-etilen u tal-propilen u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom;

   d. mfassla b'mod speċjali għall-ikkrekkjar termali tal-EDC (diklorat tal-etilen) u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom, bl-eċċezzjoni tar-reatturi sekondarji;

   e. mfassla b'mod speċjali għall-klorinazzjoni u għall-oksiklorinazzjoni fil-produzzjoni tal-klorur tal-vinil u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom, bl-eċċezzjoni tar-reatturi sekondarji;

2. Evaporaturi b'rita rqiqa u evaporaturi b'rita li tinżel magħmula minn materjali reżistenti għal aċidu aċetiku kkonċentrat jaħraq u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom u s-softwer relevanti żviluppat għalihom;

3. Impjanti għas-separazzjoni tal-aċidu idrokloriku permezz tal-elektrolisi u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom u s-softwer relevanti żviluppat għalihom;

4. Kolonni li għandhom dijametri akbar minn 5 000 mm u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom;

▼B

5. Valvi f'forma ta' ballun u *plug valves* bi blalen taċ-ċeramika jew *plugs*, li għandhom dijametru nominali ta' 10 mm jew aktar, u komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom;

▼C1

6. Kompressur ċentrifugu u /jew bil-moviment alternat li għandu enerġija installata ta' aktar minn 2MW u li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet API 617.jew API 618.

▼B

3.B **Tagħmir għall-ittestjar u l-ispezzjoni tat-tagħmir**

3.C **Materjali**

1. Katalisti applikabbli għall-proċessi tal-produzzjoni tat-trinitrotoluwen, in-nitrat tal-ammonju u proċessi kimiċi u petrokimiċi oħrajn użati għall-manifattura tal-isplussiv u s-softwer relevanti żviluppat għalihom;

2. Katalisti użati għall-produzzjoni ta' monomeri bħall-etilen u l-propilen (unitajiet tal-ikkrekkjar bil-fwar u/jew gass tal-unitajiet petrokimiċi) u s-softwer relevanti żviluppat għalihom.

3.D **Softwer**

1. "Softwer", imfassal b'mod speċjali għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir speċifikat fi 3.A;

2. "Softwer", imfassal b'mod speċjali għall-"użu" f'impjanti tal-metanol;

3.E. **Teknoloġija**

1. "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tal-proċessuri li jeqilbu l-Gass f'Likwidu (GTL) jew li jeqilbu l-Gass f'Petrokimiċi (GTP) jew għall-impjanti tal-GTL- jew tal-GTP;

2. "Teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir imfassal għall-manifattura ta' ammonia u impjanti tal-metanol;

3. "Teknoloġija" għall-"produzzjoni" ta' MEG (Glikol mono etiliniku), EO (Ossidu etiliniku))/EG (Glikol etiliniku)

Nota:

"teknoloġjija" tfisser "informazzjoni" speċifika meħtieġa għall-"iżvilupp", "il-produzzjoni" jew "l-użu" tal-merkanzija. L-informazzjoni tieħu l-forma ta' "data teknika" jew "assistenza teknika".

▼M7

ANNESS VIA

Tagħmir u teknoloġija ewlenin imsemmija fl-Artikoli 8, 10(1)(c), u 31(1)

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
	– Kejsing, tubi u pajp għat-tħaffir, ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass:
7304 22	– Virga ta' perforazzjoni tal-istainless steel
7304 23	– – Vireg oħrajn tal-perforazzjoni
7304 24	– – Oħrajn, tal-istainless steel
7304 29	– – Oħrajn
ex 7305	Tubi u pajpijiet oħrajn (pereżempju, iwweldjati, irbattuti jew magħluqin b'mod simili), li għandhom trans-sezzjonijiet tondi, bid-dijametru ta' barra ikbar minn 406,4 mm, ta' ħadid jew azzar, b'kontenut tal-kromju ta' 1 % jew aktar u b'reżistenza għall-kesħa li tista' tinżel taħt -120°C
	– Pajp tal-linja ta' tip użat għal linji tal-pajpijiet għal żejt jew gass:
7306 11	– – Iwweldjat, tal-istainless steel:
7306 19	– – Oħrajn
	– Kejsing u tubi ta' tip użati fi tħaffir għal żejt jew gass:
7306 21 00	– – Iwweldjat, tal-istainless steel Iwweldjat, tal-istainless steel
7306 29 00	– – Oħrajn
	Kontenituri għal gass ikkompressat jew likwifikt, tal-ħadid jew tal-azzar:
7311 00 99	– Oħrajn, li jesgħu 1 000 l jew aktar
ex 7613	Kontenituri tal-aluminju għal gass ikkompressat jew likwifikat, li jesgħu 1 000 l jew aktar

▼M7

ANNESS VIB

Tagħmir u teknoloġija ewlenin imsemmija fl-Artikoli 10a, 10b, 10c u 31(1)

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
8406 10 00	Turbini tal-fwar għall-propulsjoni fil-baħar
ex 8406 90	Partijiet ta' turbini tal-fwar għall-propulsjoni fil-baħar
8407 21	Magni tal-propulsjoni fuq il-baħar, muturi tat-tip ta' fuq barra.
ex 8407 29	Tipi oħra ta' magni tal-propulsjoni fuq il-baħar
8408 10	Magni tal-propulsjoni fuq il-baħar
ex 8409 91 00	Partijiet tajbin biss jew prinċipalment għal użu mal-magni tas-subintestaturi 8407 21 jew 8407 29
ex 8409 99 00	Partijiet tajbin biex jintużaw esklussivament jew prinċipalment ma' inġenji tas-subintestatura 8408 10
ex 8411 81	Turbini oħra tal-gass ta' forza li ma taqbiżx il-5 000 kW, għall-propulsjoni fuq il-baħar
ex 8411 82	Turbini oħra tal-gass ta' forza li taqbeż il-5 000 kW, propulsjoni fuq il-baħar
ex 8468	Makkinarju u apparat għall-issaldjar, l-ibbrejżjar jew l-iwweldjar, kemm jekk kapaċi jaqta' jew mhux, minbarra dawk fl-intestatura 8515; magni u tagħmir li jaħdmu bil-gass biex jittempraw il-wiċċ:
ex 8483	Xaftijiet tat-trażmissjoni (inklużi kamxafts u krankxafts) u krankijiet; ilqugħ tal-berings u berings tax-xaft lixxi; gerijiet u settijiet ta' gerijiet; viti tal-boċċi jew tar-rombli; kaxex tal-gerijiet u oġġetti oħrajn li jibdlu l-veloċità, inklużi torque converters; volanti (flywheels) u tarjoli, inklużi blokok ta' tarjoli; klaċċijiet u couplings tax-xaftijeit (inklużi universal joints), maħsuba għall-propulsjoni ta' bastimenti bit-tunnellaġġ wieqaf massimu (fi scantling draught) ta' 55 000 dwt jew aktar
8487 10	Skrejjen tal-vapuri jew id-dgħajjes u l-pali tagħhom
ex 8515	Magni u apparat elettriku (inkluż gass imsaħħan bl-elettriku), bil-lejżer jew raġġi oħrajn ta' dawl jew ta' fotoni, ultrasoniċi, b'raġġi ta' elettroni, b'puls manjetiku jew ark ta' plażma ta' ssaldjar, ta' bbrejżjar jew ta' wweldjar, kemm jekk tajbin biex jaqtgħu kif ukoll jekk le; magni u apparat tal-elettriku għal sprejjar bis-sħana ta' metalli u ċermiti
ex 9014 10 00	Boxxli biex wieħed isib id-direzzjoni, esklussivament għall-industrija marittima
ex 9014 80 00	Strumenti u tagħmir ieħor ta' navigazzjoni, esklussivament għall-industrija marittima
ex 9014 90 00	Partijiet u aċċessorji tas-subintestaturi 9014 10 00 u 9014 80 00, esklussivament għall-industrija marittima
ex 9015	Strumenti u għodod għas-servejing (inkluż servejing fotogrammetriku), idrografiku, oċeanografiku, idroloġiku, metjoroloġiku jew ġeofiżiku, minbarra boxxli; telemetri, esklussivament għall-industrija marittima

▼B

ANNESS VII

Lista ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti msemmija fl-Artikolu 15 u 31(1)

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7102	Djamanti, maħdumin jew le, iżda mhux immuntati jew ingastati
7106	Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7108	Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semi-manifatturata, jew f'għamla ta' trab
7109	Metalli komuni jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati.
7110	Platinu, f'għamliet mhux maħdumin jew semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7111	Metalli komuni, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar ħlief semimanifatturati.
7112	Skart u fdal ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart u fdal ieħor li fihom metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' tip użat l-aktar għall-irkupru ta' metall prezzjuż

▼M7

ANNESS VIIA

Softwer għall-integrazzjoni tal-proċessi industrijali msemmija fl-Artikolu 10d, 10e, 10f u 31(1)

1. Softwer għall-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi, imfassal speċifikament għall-użu fl-industriji nukleari, militari, tal-gass, taż-żejt, navali, tal-avjazzjoni, finanzjarji u tal-kostruzzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni: Softwer għall-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi huwa softwer użat għall-kontabilità finanzjarja, il-kontabilità tal-ġestjoni, ir-riżorsi umani, il-manifattura, il-ġestjoni tal-katina tal-provvista, il-ġestjoni tal-proġetti, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijent, is-servizzi tad-data, jew il-kontroll tal-aċċess.

▼M7

ANNESS VIIB

Grafit u metalli mhux maħduma jew nofshom maħduma msemmija fl-Artikoli 15a, 15b, 15c u 31(1)

Nota ta' introduzzjoni: L-inklużjoni ta' oġġetti f'dan l-Anness hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għall-oġġetti inklużi fl-Annessi I, II u III.

1. Grafit

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
2504	Grafit naturali
3801	Grafit artifiċjali; grafit kollojdali jew semi-kollojdali; preparazzjonijiet ibbażati fuq grafit jew karbonju ieħor f'forma ta' pejsts, blokok, pjanċi jew semi-manifatturi oħrajn
6815 10	Artikoli mhux tal-elettriku tal-grafit jew karbonju ieħor, inklużi fibri tal-karbonju
6903 10	Storti, griġjoli, mufflers, żnienen, plaggs, sapports, cupels, tubi, pajpijiet, għantijiet, vireg u oġġetti refrattorji oħra taċ-ċeramika. Għajr dawk ta' pasti ta' fossili silikiċi jew ta' trab siliċjuż ieħor, li fihom, bil-piż, aktar minn 50% ta' grafit, jew karbonju ieħor jew ta' taħlita ta' dawn il-prodotti
8545	Elettrodi tal-karbonju, pnieżel tal-karbonju, karbonji tal-lampi, karbonji tal-batteriji u artikoli oħra tal-grafit jew karbonju ieħor, bil-metall jew mingħajr metall, tat-tip użat għall-finijiet elettriċi

2. Ħadid u Azzar

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7201	Ħadid fondut grezz u spiegeleisen, f'forma ta' ingotti, blokok jew forom primarji oħrajn
7202	Ligi tal-ħadid
7203	Prodotti tal-ħadid magħmulin bit-tnaqqis dirett ta' minerali tal-ħadid u prodotti oħrajn ta' ħadid b'ħafna ħofor (spongy), f'għoqod, gerbub jew forom simili; ħadid b'purità minima bil-piż ta' 99,94 %, f'għoqod, gerbub jew forom simili
7204	Skart u fdal ta' ħadid; tidwib mill-ġdid ta' lingotti ta' skart tal-ħadid jew tal-azzar
7205	Granuli u trabijiet, tal-ħadid fondut grezz, spiegeleisen, ħadid jew azzar
7206	Ħadid u azzar mhux liga f'lingotti jew f'forom oħrajn primarji
7207	Prodotti nofshom maħduma tal-ħadid jew tal-azzar mhux liga
7218	Azzar inossidabbli f'lingotti jew f'forom oħrajn primarji; prodotti nofshom maħduma ta' azzar inossidabbli
7224	Liga oħra tal-azzar f'lingotti jew f'forom oħrajn primarji; prodotti nofshom maħduma ta' liga oħra tal-azzar

▼M7

3. Ram u oġġetti derivati minnu

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7401 00 00	Mattes tar-ram; ram tas-siment (ram ippreċipitat)
7402 00 00	Ram mhux raffinat; anodi tar-ram għall-irfinar elettrolitiku
7403	Ram raffinat u ligi tar-ram, mhux maħduma
7404 00	Skart u fdalijiet tar-ram
7405 00 00	Ligi prinċipali tar-ram
7406	Trabijiet u qxur ta' ram
7407	Staneg, vireg u profili tar-ram
7410	Fojl tar-ram (kemm jekk stampat jew rinfurzat b'karta, kartun, plastiks jew materjal simili ta' rinforz kif ukoll jekk le) ta' ħxuna (eskluż kull rinforz) ta' mhux aktar minn 0,15 mm
7413 00 00	Wajer bis-swiegli, kejbils, ċineg immaljati u bħalhom, tar-ram, mhux iżolati għall-elettriku

4. Nikil u oġġetti derivati minnu

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7501	Mattes tan-nikil, ġebel (sinters) ta' ossidu tan-nikil u prodotti intermedji oħrajn ta' metallurġija tan-nikil
7502	Nikil mhux maħdum
7503 00	Skart u fdal tan-nikil
7504 00 00	Trabijiet u qxur tan-nikil
7505	Staneg, vireg, profili u wajer tan-nikil
7506	Plakki, folji, strixxi u fojl tan-nikil
7507	Tubi, pajpijiet u tagħmir ta' tubi jew pajpijiet (pereżempju, iggančjar, liwjiet minkeb, sleeves) tan-nikil

5. Aluminju

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7601	Aluminju mhux fondut
7602	Skart u fdal tal-aluminju
7603	Trabijiet u qxur tal-aluminju
7605	Wajer tal-aluminju
7606	Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju, eħxen minn 0,2 mm
7609 00 00	Tagħmir għal tubi u pajpijiet tal-aluminju (pereżempju, iggančjar, liwjiet minkeb, sleeves)
7614	Wajer bis-swiegli, kejbils, ċineg immaljati u bħalhom, tal-aluminju, mhux iżolati għall-elettriku

▼M7

6. Ċomb

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7801	Ċomb mhux maħdum
7802 00 00	Skart u fdalijiet taċ-ċomb
7804	Pjanċi, folji, strixxi u fojl taċ-ċomb; trabijiet u laqx taċ-ċomb

7. Żingu

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
7901	Żingu mhux maħdum
7902 00 00	Skart u fdalijiet taż-żingu
7903	Frak, trab jew laqx taż-żingu
7904 00 00	Staneg, vireg, profili u wajer taż-żingu
7905 00 00	Pjanċi, folji, strixxi u fojl taż-żingu

8. Landa

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
8001	Landa mhux maħduma
8002 00 00	Skart u fdal tal-landa
8003 00 00	Staneg, vireg, profili u wajer tal-landa

9. Metalli oħra ta' baži, ċermeti u artikoli tagħhom

Kodiċi tas-SA	Deskrizzjoni
ex 8101	Tungstenu (wolfram) u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal, għajr anti-cathodes għal tubi tal-x-ray
ex 8102	Molibdenu u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal, għajr artikoli ddisinjati speċifikament għall-użu fid-dentistrija
ex 8103	Tantalu u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal, għajr strumenti tad-dentistrija u għodda kirurġiċi u artikoli ddisinjati b'mod speċjali għal finijiet ortopediċi u kirurġiċi
8104	Magneżju u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal
8105	Mattes tal-kobalt u prodotti oħrajn intermedji ta' metallurġija tal-kobalt; kobalt u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal
ex 8106 00	Biżmut u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal, għajr dak imħejji b'mod speċjali għat-tħejjija ta' komponenti kimiċi għall-użu farmaċewtiku
8107	Kadmju u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal

▼**M7**

8108	Titanju u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal
8109	Żirkonju u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal
8110	Antimonju u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal
8111 00	Manganiż u oġġetti derivati minnu, inklużi skart u fdal
ex 8112	Berillju, kromju, ġermanju, vanadju, gallju, ħafnju, indju, nijobju (kolombju), renju u tallju, oġġetti derivati minn dawn il-metalli, inklużi skart u fdal, għajr twieqi għal tubi tal-x-ray
8113 00	Ċermeti u oġġetti derivati minnhom, inklużi skart u fdal

▼B

ANNESS VIII

Lista tal-persuni msemmijin fl-Artikolu 23(1)

A. Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' missili ballistiċi

Persuni fiżiċi

(1) Fereidoun Abbasi-Davani. Informazzjoni oħra: Xjenzjat ta' Livell Għoli mal-Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), b'rabtiet mal-Istitut tal-Fiżika Applikata. Jaħdem mill-qrib ma' Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(2) Dawood Agha-Jani. Funzjoni: Kap tal-PFEP - Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(3) Ali Akbar Ahmadian. Titolu: Viċi Ammirall. Funzjoni: Kap tal-Persunal Konġunt tal-Korpi tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iranjani (IRGC).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(4) Amir Moayyed Alai. Informazzjoni oħra: Involut fil-ġestjoni tal-assemblaġġ u l-inġinerija taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(5) Behman Asgarpour. Funzjoni: Maniġer Operattiv (Arak). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(6) Mohammad Fedai Ashiani. Informazzjoni oħra: Involut fil-produzzjoni tal-karbonat tal-uranil tal-ammonju u l-ġestjoni tal-kumpless ta' arrikkiment ta' Natanz.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(7) Abbas Rezaee Ashtiani. Informazzjoni oħra: Uffiċjal Għoli fl-Uffiċċju tal-AEOI tal-Esplorazzjoni u t-Tħaffir tal-Minjieri.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(8) Bahmanyar Morteza Bahmanyar. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u l-Baġit, Aerospace Industries Organisation (AIO). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(9) Haleh Bakhtiar. Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni tal-manjesju f'konċentrazzjoni ta' 99,9 %.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(10) Morteza Behzad. Informazzjoni oħra: involut fil-fabbrikazzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(11) Ahmad Vahid Dastjerdi. Funzjoni: Kap tal-Aerospace Industries Organisation (AIO). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

▼B

(12) Ahmad Derakhshandeh. Funzjoni: President u Direttur Maniġerjali tal-Bank Sepah.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(13) Mohammad Eslami. Titolu: Dr. Informazzjoni oħra: Kap tad-Defence Industries Training and Research Institute.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(14) Reza-Gholi Esmaeli. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Affarijiet Internazzjonali, Aerospace Industries Organisation (AIO). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(15) Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi. Informazzjoni oħra: Xjenzjat espert tal-MODAFL u eks kap taċ-Ċentru tar-Riċerka Fiżika (PHRC).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(16) Mohammad Hejazi. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-forza ta' reżistenza ta' Bassij.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(17) Mohsen Hojati. Funzjoni: Kap tal-Fajr Industrial Group.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(18) Seyyed Hussein Hosseini. Informazzjoni oħra: Uffiċjal tal-AEOI involut fil-proġett ta' reattur ta' riċerka b'ilma tqil f'Arak.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(19) M. Javad Karimi Sabet. Informazzjoni oħra: Kap tan-Novin Energy Company, indikata skont ir-riżoluzzjoni 1747 (2007).

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(20) Mehrdada Akhlaghi Ketabachi. Funzjoni: Kap tas-Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(21) Ali Hajinia Leilabadi. Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Mesbah Energy Company. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(22) Naser Maleki. Funzjoni: Kap tax-Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG). Informazzjoni oħra: Naser Maleki huwa wkoll uffiċjal tal-MODAFL li jissorvelja xogħol fuq il-programm tal-missili ballistiċi Shahab-3. Is-Shahab-3 hija l-missila ballistika ta' medda twila tal-Iran li tintuża attwalment.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(23) Hamid-Reza Mohajerani. Informazzjoni oħra: Involut fil-ġestjoni tal-produzzjoni tal-Uranium Conversion Facility (UCF) f'Esfahan.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(24) Jafar Mohammadi. Funzjoni: Konsulent Tekniku għall-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) (inkarigat mill-ġestjoni tal-produzzjoni ta' valvijiet għaċ-ċentrifugi). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

▼B

(25) Ehsan Monajemi. Funzjoni: Maniġer tal-Proġetti ta' Kostruzzjoni, Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(26) Mohammad Reza Naqdi. Titolu: Brigadier Ġeneral. Informazzjoni oħra: Eks Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati għal-Loġistika u r-Riċerka Industrijali/Kap tal-Kwartieri Ġenerali tal-Istat Kontra l-Kuntrabandu, impenjat fi sforzi biex jiġu evitati s-sanzjonijiet imposti bil-UNSCR 1737 (2006) u 1747 (2007).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(27) Houshang Nobari. Informazzjoni oħra: Involut fil-ġestjoni tal-kumpless għall-arrikkiment ta' Natanz.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(28) Mohammad Mehdi Nejad Nouri. Titolu: Logutenent. Funzjoni: Rettur tal-Università Malek Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża. Informazzjoni oħra: Id-dipartiment tal-kimika tal-Università ta' Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża huwa affiljat mal-MODALF u wettaq esperimenti fuq il-berillju. Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(29) Mohammad Qannadi. Funzjoni: Viċi President tal-AEOI għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(30) Amir Rahimi. Funzjoni: Kap taċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Bijokarburant Nukleari ta' Esfahan. Informazzjoni oħra: Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Bijokarburant Nukleari ta' Esfahan huwa parti mill-Kumpannija ta' Produzzjoni u Akkwist ta' Bijokarburant Nukleari tal-AEOI, li hija involuta f'attivitajiet relatati mal-arrikkiment.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(31) Javad Rahiqi: Funzjoni: Kap taċ-Ċentru għat-Teknoloġija Nukleari ta' Esfahan tal-Organizzazzjoni għall-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) (informazzjoni addizzjonali: DtT: 24 ta' April 1954; PtT: Marshad).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010 (UE: 24.4.2007).

(32) Abbas Rashidi. Informazzjoni oħra: Involut f'ħidma ta' arrikkiment f'Natanz.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(33) Morteza Rezaie. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Viċi Kmandant tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(34) Morteza Safari. Titolu: Viċi Ammirall. Funzjoni: Kmandant tal-Qawwa Navali tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(35) Yahya Rahim Safavi. Titolu: Maġġur Ġen. Funzjoni: Kmandant, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta kemm fil-programm nukleari kif ukoll f'dak tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

▼B

(36) Seyed Jaber Safdari. Informazzjoni oħra: Maniġer tan-Natanz Enrichment Facilities.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(37) Hosein Salimi. Titolu: Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forza tal-Ajru, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(38) Qasem Soleimani. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-forza Qods.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(39) Ghasem Soleymani. Informazzjoni oħra: Direttur tal-Operazzjonijiet ta' Tħaffir tal-Minjieri tal-Uranju fil-Minjiera tal-Uranju ta' Saghand.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(40) Mohammad Reza Zahedi. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(41) General Zolqadr. Funzjoni: Viċi Ministru tal-Intern għall-Affarijiet tas-Sigurtà, uffiċjal tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

▼M3

(42) Azim Aghajani (spelluta wkoll: Adhajani). Funzjoni: Membru tal-IRGC-Qods Force li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Qods Force, il-Maġġur Ġenerali Qasem Soleimani, li kien indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Informazzjoni oħra: iffaċilita ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007) li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

Aktar informazzjoni: Nazzjonalità: Iran. Numru tal-Passaport: 6620505, 9003213

Data tal-indikazzjoni min-NU: 18 ta' April 2012.

(43) Ali Akbar Tabatabaei (psewdonomu: Sayed Akbar Tahmaesebi). Funzjoni: Membru tal-IRGC-Qods Force li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Qods Force, il-Maġġur Ġenerali Qasem Soleimani, li kien indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Informazzjoni oħra: iffaċilita ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007) li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

Aktar informazzjoni: Nazzjonalità: Iran. Data tat-twelid: 1967

Data tal-indikazzjoni min-NU: 18 ta' April 2012.

▼B

Entitajiet

(1) Abzar Boresh Kaveh Co. (*alias* BK Co.). Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

▼B

(2) Amin Industrial Complex: Amin Industrial Complex fittxet kontrolluri tat-temperatura li jistgħu jintużaw fir-riċerka nukleari u faċilitajiet operazzjonali/ta' produzzjoni. Amin Industrial Complex huwa proprjetà ta' jew huwa kkontrollat minn, jew jaġixxi f'isem, l-Organizzazzjoni tal-Industrija tad-Difiża (DIO), li ġiet indikata fir-Riżoluzzjoni 1737 (2006).

Lokazzjoni: P.O. Box 91735-549, Mashad, Iran; Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District, Mashad, Iran; Kaveh Complex, Khalaj Rd., Seyedi St., Mashad, Iran

Magħrufa wkoll bħala: Amin Industrial Compound u Amin Industrial Company.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) Ammunition and Metallurgy Industries Group (*alias* (a) AMIG, (b) Ammunition Industries Group). Informazzjoni oħra: (a) L-AMIG jikkontrolla l-entità 7 ta' Tir, (b) l-AMIG huwa l-proprjetà tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) u huwa kkontrollat minnha.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(4) Armament Industries Group: Armament Industries Group (AIG) jimmanifattura u jipprovdi servizzi għal diversi armi żgħar u armamenti ħfief, inkluż xkubetti ta' kalibru żgħir u medju u teknoloġija relatata. L-AIG imexxi l-parti l-kbira tal-attività ta' akkwist tiegħu permezz tal-Kumpless tal-Industriji ta' Hadid.

Lokazzjoni: Sepah Islam Road, Karaj Special Road Km 10, Iran; Pasdaran Ave., P.O. Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 9.6.2010).

(5) Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI). Informazzjoni oħra: Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(6) Bank Sepah u Bank Sepah International. Informazzjoni oħra: Il-Bank Sepah jipprovdi appoġġ lill-Aerospace Industries Organisation (AIO) u lis-subordinati, inkluż ix-Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG) u x-Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(7) Barzagani Tejarat Tavanmad Saccal companies. Informazzjoni oħra: (a) kumpanija sussidjarja ta' Saccal System companies, (b) din il-kumpanija ppruvat tixtri oġġetti sensittivi għal entità elenkata fir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(8) Cruise Missile Industry Group (*alias* Naval Defence Missile Industry Group).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(9) Defence Industries Organisation (DIO). Informazzjoni oħra: (a) Entità globali kkontrollata mill-MODAFL, li xi wħud mis-subordinati tagħha kienu involuti fil-produzzjoni ta' komponenti għall-programm taċ-ċentrifugi, u fil-programm missilistiku, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

▼B

(10) Ċentru tat-Teknoloġija tad-Difiża u r-Riċerka Xjentifika: Iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tad-Difiża u r-Riċerka Xjentifika (DTSRC) huwa proprjetà ta' jew ikkontrollat minn, jew jaġixxi f'isem il-Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), li jissorvelja r-R&Ż, il-produzzjoni, il-manutenzjoni, l-esportazzjoni u l-akkwist tad-difiża tal-Iran.

Lokazzjoni: Pasdaran Ave, PO Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 9.6.2010).

(11) Doostan International Company: Doostan International Company (DICO) tforni elementi għall-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(12) Electro Sanam Company (*alias* (a) E. S. Co., (b) E. X. Co.) Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(13) Esfahan Nuclear Fuel Research and Production Centre (NFRPC) u Esfahan Nuclear Technology Centre (ENTC). Informazzjoni oħra: Dawn jagħmlu parti mill-Kumpannija ta' Produzzjoni u Akkwist ta' Karburant Nukleari tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(14) Ettehad Technical Group. Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(15) Fajr Industrial Group. Informazzjoni oħra: (a) Kien jissejjaħ Instrumentation Factory Plant, (b) Entità subordinata tal-AIO, (c) Involut fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(16) Farasakht Industries: Farasakht Industries hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem l-Iran Aircraft Manufacturing Company, li min-naħa tagħha hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn MODAFL.

Lokazzjoni: P.O. Box 83145-311, Kilometer 28, Esfahan-Tehran Freeway, Shahin Shahr, Esfahan, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(17) Farayand Technique. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti tal-IAEA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(18) First East Export Bank, P.L.C.: First East Export Bank, PLC huwa proprjetà ta' jew huwa ikkontrollat minn, jew jaġixxi f'isem, Bank Mellat. Tul dawn l-aħħar seba' snin, il-Bank Mellat iffaċilita mijiet ta' miljuni ta' dollari fi transazzjonijiet għal entitajiet nukleari, missilistiċi, u tad-difiża Iranjani.

Lokazzjoni: Unit Level 10 (B1), Main Office Tower, Financial Park Labuan, Jalan Merdeka, 87000 WP Labuan, Malaysia; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju LL06889 (Malasja).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼B

(19) Industrial Factories of Precision (IFP) Machinery (*alias* Instrumentation Factories Plant). Informazzjoni oħra: użat mill-AIO għal xi tentattivi ta' akkwiżizzjoni.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(20) Jabber Ibn Hayan. Informazzjoni oħra: Laboratorju tal-AEOI involut f'attivitajiet taċ-ċiklu tal-karburant.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008 (UE: 24.4.2007).

(21) Joza Industrial Co. Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(22) Kala-Electric (*alias* Kalaye Electric). Informazzjoni oħra: (a) Fornitur għall-PFEP - Natanz, (b) Involut fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(23) Karaj Nuclear Research Centre. Informazzjoni oħra: Parti mit-taqsima tar-riċerka tal-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(24) Kaveh Cutting Tools Company: Il-Kaveh Cutting Tools Company hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem id-DIO.

Lokazzjoni: 3rd Km of Khalaj Road, Seyyedi Street, Mashad 91638, Iran; Km 4 of Khalaj Road, End of Seyedi Street, Mashad, Iran; P.O. Box 91735-549, Mashad, Iran; Khalaj Rd., End of Seyyedi Alley, Mashad, Iran; Moqan St., Pasdaran St., Pasdaran Cross Rd., Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(25) Kavoshyar Company. Informazzjoni oħra: Kumpannija sussidjarja tal-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(26) Khorasan Metallurgy Industries. Informazzjoni oħra: (a) Kumpanija sussidjarja ta' Ammunition Industries Group (AMIG) li tiddependi mid-DIO, (b) involuta fil-produzzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(27) M. Babaie Industries: M. Babaie Industries huma subordinati għal Shahid Ahmad Kazemi Industries Group (preċedentement magħruf bħala Air Defense Missile Industries Group) tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tal-Aerospazju tal-Iran (AIO). AIO tikkontrolla l-organizzazzjoni missilistiċi Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG) u l-Shahid Bakeri Industrial Group (SBIG), li t-tnejn li huma ġew indikati fir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Lokazzjoni: P.O. Box 16535-76, Tehran, 16548, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(28) Università ta' Malek Ashtar: Subordinata tad-DTRSC fi ħdan il-MODAFL. Din tinkludi gruppi ta' riċerka li preċedentement kienu jaqgħu taħt iċ-Ċentru ta' Riċerka tal-Fiżika (PHRC). L-ispetturi tal-IAEA ma tħallewx jintervistaw persunal jew jaraw dokumenti taħt il-kontroll ta' din l-organizzazzjoni biex isolvu l-kwistjoni pendenti tal-possibbiltà tad-dimensjoni militari tal-programm nukleari tal-Iran.

Lokazzjoni: Corner of Imam Ali Highway and Babaei Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

▼B

(29) Mesbah Energy Company. Informazzjoni oħra: (a) Fornitriċi għar-reattur tar-riċerka A40 - Arak, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(30) Ministeru tal-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża: Il-Ministeru tal-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża (MODLEX) ibigħ armamenti prodotti fl-Iran lil klijenti madwar id-dinja bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007), li tipprojbixxi lill-Iran milli jbigħ armi jew materjal relatat.

Lokazzjoni: PO Box 16315-189, Tehran, Iran; jinsab fuq in-naħa tal-Punent ta' Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(31) Mizan Machinery Manufacturing: Mizan Machinery Manufacturing (3M) hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SHIG.

Lokazzjoni: P.O. Box 16595-365, Tehran, Iran

Magħrufa wkoll bħala: 3MG

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(32) Modern Industries Technique Company: Modern Industries Technique Company (MITEC) hija responsabbli għad-disinn u l-kostruzzjoni tar-reattur ta' ilma tqil IR-40 f'Arak. Il-MITEC mexxiet akkwist għall-kostruzzjoni tar-reattur tal-ilma tqil IR-40.

Lokazzjoni: Arak, Iran

Magħrufa wkoll bħala: Rahkar Company, Rahkar Industries, Rahkar Sanaye Company, Rahkar Sanaye Novin

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(33) Nuclear Research Center for Agriculture and Medicine: In-Nuclear Research Center for Agriculture and Medicine (NFRPC) huwa komponent ta' riċerka kbir fl-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI), li ġie indikat fir-Riżoluzzjoni 1737 (2006). L-NFRPC huwa ċ-ċentru tal-AEOI għall-iżvilupp ta' karburant nukleari u huwa involut f'attivitajiet relatati mal-arrikkiment

Lokazzjoni: P.O. Box 31585-4395, Karaj, Iran

Magħrufa wkoll bħala: Center for Agricultural Research and Nuclear Medicine; Karaji Agricultural and Medical Research Center

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(34) Niru Battery Manufacturing Company. Informazzjoni oħra: (a) sussidjarja tad-DIO, (b) ir-rwol tagħha hu li timmanifattura unitajiet ta' enerġija għall-armata Iranjana inkluži s-sistemi tal-missili.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(35) Novin Energy Company (*alias* Pars Novin). Informazzjoni oħra: Tiffunzjona fi ħdan l-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(36) Parchin Chemical Industries. Informazzjoni oħra: Fergħa tad-DIO.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(37) Pars Aviation Services Company. Informazzjoni oħra: twettaq manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(38) Pars Trash Company. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti tal-IAEA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

▼B

(39) Pejman Industrial Services Corporation: Il-Pejman Industrial Services Corporation hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Lokazzjoni: P.O. Box 16785-195, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(40) Pishgam (Pioneer) Energy Industries. Informazzjoni oħra: ipparteċipat fil-kostruzzjoni tal-Faċilità għall-Konverżjoni tal-Uranju f'Esfahan.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(41) Qods Aeronautics Industries. Informazzjoni oħra: Tipproduċi vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ (UAVs), parachutes, paragliders, paramuturi, eċċ.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(42) Sabalan Company: Sabalan huwa psewdonimu għas-SHIG.

Lokazzjoni: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(43) Sanam Industrial Group. Informazzjoni oħra: Subordinat tal-AIO.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(44) Safety Equipment Procurement (SEP). Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(45) 7th of Tir. Informazzjoni oħra: (a) Subordinata tad-DIO, rikonoxxuta ġeneralment li hi involuta direttament fil-programm nukleari tal-Iran, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(46) Sahand Aluminum Parts Industrial Company (SAPICO): SAPICO huwa psewdonimu għas-SHIG.

Lokazzjoni: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(47) Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG). Informazzjoni oħra: (a) Entità subordinata tal-AIO, (b) Involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(48) Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG). Informazzjoni oħra: (a) Entità subordinata tal-AIO, (b) Involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(49) Shahid Karrazi Industries: Shahid Karrazi Industries hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Lokazzjoni: Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼B

(50) Shahid Karrazi Industries: Shahid Sattari Industries hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Lokazzjoni: Southeast Tehran, Iran

Magħrufa wkoll bħala: Shahid Sattari Group Equipment Industries.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(51) Shahid Sayyade Shirazi Industries: Shahid Sayyade Shirazi Industries (SSSI) hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem id-DIO.

